

Il-Ġurnal Uffiċjali

L 346

ta' l-Unjoni Ewropea

Volum 51

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

23 ta' Diċembru 2008

Werrej

II *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

Kummissjoni

2008/948/KE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Lulju 2008 dwar miżuri mill-Ġermanja għall-benefiċċju tad-DHL u tal-ajruport Leipzig/Halle C 48/06 (ex N 227/06) (notifikata bid-dokument numru C(2008) 3512) ⁽¹⁾** 1

2008/949/KE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Novembru 2008 li tadotta programm Komunitarju multiannwali skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 dwar l-istabbiliment ta' qafas Komunitarju għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' dejta fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni tas-Sajd** 37

ORJENTAZZJONIJIET

Bank Ċentrali Ewropew

2008/950/KE:

- ★ **Linja ta' gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-11 ta' Settembru 2008 fuq il-ġbir ta' dejta dwar l-euro u l-operazzjoni tal-Currency Information System 2 (BĊE/2008/8)** 89

Nota lill-qarrej (Ara paġna 3 tal-qoxra)

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE

Prezz: 26 EUR

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli ta' l-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja)

DEĊIŻIONIJET

KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-23 ta' Lulju 2008

dwar miżuri mill-Ġermanja għall-benefiċċju tad-DHL u tal-ajruport Leipzig/Halle

C 48/06 (ex N 227/06)

(notifikata bid-dokument numru C(2008) 3512)

(It-test Ġermaniż biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2008/948/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropeja, speċjalment l-Artikolu 88 paragrafu 2 subparagrafu 1 tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-ŻEE, speċjalment l-Artikolu 62 (1) (a) tiegħu,

Wara li l-partijiet interessati ġew mitluba jissottomettu l-kummenti tagħhom skont l-Artikoli msemmija ⁽¹⁾, u wara li kkunsidrat dawn il-kummenti,

Billi:

1. PROĊEDURA

(1) Fil-5 ta' April 2006, il-Ġermanja applikat għal arranġamenti għat-twaqqif ta' ċentru amministrattiv tal-Grupp DHL fl-ajruport (LEJ). Fis-27 ta' April il-Kummissjoni talbet aktar informazzjoni, li l-Ġermanja tat fl-24 ta' Lulju 2006. Fis-26 ta' Lulju u fil-21 ta' Awwissu saru laqgħat li fihom ħadu sehem entitajiet tal-Kummissjoni, l-Assoċjazzjoni tal-Ajruporti, id-DHL u l-awtoritajiet Ġermaniżi.

(2) Permezz ta' ittra tat-23 ta' Novembru 2006 il-Kummissjoni infurmat lill-Ġermanja bid-deċiżjoni tagħha, li minħabba l-miżuri notifikati, hi kienet ser tibda l-proċeduri

skont l-Artikolu 88 paragrafu 2 tat-Trattat tal-KE. Fit-12 ta' Diċembru 2006 l-Ġermanja talbet estensjoni tal-perjodu għat-twegħiba, u dan ġie aċċettat mill-Kummissjoni. Il-Ġermanja ddkjarat il-pożizzjoni tagħha fit-23 ta' Frar 2007.

(3) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tibda l-proċeduri ġiet ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ⁽²⁾. Il-Kummissjoni titlob lil partijiet interessati biex fi żmien xahar minn wara din il-pubblikazzjoni jieħdu pożizzjoni.

(4) Il-Kummissjoni rċiviet ukoll l-opinjoni tal-partijiet interessati. Permezz ta' ittra tas-16 ta' Mejju 2007 hija infurmat lill-Ġermanja b'dawn il-pożizzjonijiet. Il-Ġermanja kellha l-opportunità li tesprimi lilha nfiġha dwar dan fi żmien xahar. L-ispjegazzjonijiet tal-Ġermanja ġew mgħoddija lill-Kummissjoni permezz ta' ittra tat-13 ta' Ġunju 2007.

(5) Fuq talba tal-Ġermanja saru żewġ laqgħat fit-18 ta' Ġunju u fil-25 ta' Settembru 2007. Wara dawn il-laqgħat fid-19 ta' Ottubru kif ukoll fit-18 ta' Diċembru 2007 l-informazzjoni addizzjonali mitluba ġiet mgħoddija lill-Kummissjoni.

(6) Il-Ġermanja għaddiet aktar informazzjoni addizzjonali bil-miktub lill-Kummissjoni fis-7 ta' Diċembru 2007, fis-17 ta' Marzu 2008 u fid-9 ta' April 2008.

⁽¹⁾ ĠU C 48, 2.3.2007 p. 7.

⁽²⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 1.

2. DESKRIZZJONI DETTALJATA TAS-SITWAZZJONI

2.1. Il-partijiet

2.1.1. L-Ajruport Leipzig/Halle GmbH

- (7) L-ajruport Leipzig/Halle plc (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "l-ajruport ta' Leipzig") hija kumpanija sussidjarja tal-Korporazzjoni tal-Ajruporti tal-Ġermanja Ċentrali (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "MFAG"). L-MFAG għandha 94 % tal-ishma tal-ajruport ta' Leipzig. L-azzjonisti l-oħra huma l-Istat ta' Sachsen, id-distrett amministrattiv ta' Delitzsch u l-Istat ta' Leipzig kif ukoll il-belt ta' Schkeuditz. L-azzjonisti tal-MFAG huma l-Istat ta' Sachsen bi 73 %, l-Istat ta' Sachsen-Anhalt b'14 %, il-belt ta' Dresden b'6 %, il-belt ta' Halle b'5 % u l-belt ta' Leipzig bi 2 %. L-MFAG m'għandha l-ebda azzjonisti privati.

2.1.2. DHL

- (8) B'fatturat globali ta' 18.2 biljun euro fis-sena 2005, id-DHL (l-intrapriża li tappartjeni għall-Korporazzjoni tal-Posta Ġermaniża) tgħodd mal-aqwa kumpaniji għas-servizz ta' kunsinna mgħaġġla. Iċ-ċentru amministrattiv Ewropew għall-ġarr bl-ajru tagħha sa Marzu tal-2008 kien jinsab fl-ajruport ta' Brussell (BRU). Wara li nqalgħu problemi bl-awtorizzazzjoni uffiċjali għal titjriet bil-lejl, id-DHL innegozjat ma' numru ta' ajruporti dwar sit ġid għaċ-ċentru amministrattiv Ewropew għall-ġarr bl-ajru tagħha. L-aħħar għażla kienet tinkludi lil Leipzig, Brussell u l-ajruport Franċiż Vatry (XCR). Id-DHL fl-aħħar iddeċidiet li sas-sena 2008 ċċaqlaq iċ-ċentru amministrattiv Ewropew għall-ġarr bl-ajru tagħha lejn Leipzig.
- (9) Ta' min jiġbed l-attenzjoni li kienet diġa ttieħdet deċiżjoni dwar għajjnuna marbuta mal-investment kapitali tad-DHL (N 608/2003). Għall-investment kapitali tad-DHL fl-ajruport ta' Leipzig, fl-20 ta' April 2004, il-Kummissjoni kienet awtorizzata l-ammont massimu ta' għajjnuna reġjonali ta' 28 % skont l-istruttura multisettorjali ta' għajjnuni reġjonali għal proġett kbir ta' investment kapitali ⁽³⁾ tal-1998. L-Istat ta' Sachsen għalhekk ta' għajjnuna ta' EUR 70,8 miljun lid-DHL. Barra dan, fit-2 ta' Lulju 2007, il-Kummissjoni awtorizzata, permezz ta' deċiżjoni parzjalment pożittiva, parzjalment negattiva, għajjnuna għat-taħriġ ta' EUR 1,58 miljun li l-Istat ta' Sachsen u l-Istat ta' Sachsen-Anhalt ser jagħtu lid-DHL għall-attività marbuta ma' impjiegi fl-ajruport ta' Leipzig ⁽⁴⁾.

2.2. Miżuri taħt investigazzjoni

- (10) Fid-deċiżjoni għall-bidu ta' proċeduri ġew eżaminati t-tliet miżuri li ġejjin:
- (a) il-kontribuzzjoni ta' madwar EUR 350 miljun għall-kapital lill-ajruport ta' Leipzig għall-finanzjament tal-bini ta' runway fin-nofsinar tal-ajruport (minn issa 'l quddiem imsejjaħ runway fin-nofsinar),

- (b) il-ftehim strutturali bejn l-ajruport ta' Leipzig, il-kumpanija li għandha l-kontroll tiegħu l-MFAG u d-DHL, li skont dan il-ftehim l-ajruport huwa obbligat, li jibni r-runway il-ġdida fin-nofsinar u fi żmien [...] (*) snin jissodisfa kunsensi oħra, fost l-oħrajn li jippermetti traffiku tal-ajru kontinwu 24 siegħa kuljum sebgħat ijiem fil-ġimgħa (minn issa 'l quddiem imsejjaħ operat 24/7) fuq ir-ruway fin-nofsinar,
- (c) id-dikjarazzjoni mill-Istat ta' Sachsen għall-benefiċċju tal-ajruport ta' Leipzig u tad-DHL, li fiha jiġi garantit li l-Istat ta' Sachsen jagħti kumpens sa [...] euro lid-DHL, f'każ li d-DHL ma tkunx tista' tibqa' tuża l-ajruport kif ippjanat (pereżempju f'każ ta' projbizzjoni regolatorja ta' titjriet ta' bil-lejl).

2.2.1. Kontribuzzjonijiet għall-kapital

- (11) Skont l-informazzjoni li għandha għad-dispożizzjoni tagħha l-Kummissjoni, l-investment ippjanat għar-runway il-ġdida fin-nofsinar għandu jiġi ffinanzjat minn kontribuzzjonijiet għall-kapital u minn self fuq perjodu twil taż-żmien mill-propjetarji tal-ishma.
- (12) Fil-bidu tal-proċeduri formali għall-verifika l-Kummissjoni kkalkulat li l-bini tar-runway il-ġdida fin-nofsinar li tiswa massimu ta' madwar EUR 350 miljun għandha tiġi ffinanzjata permezz ta' kontribuzzjonijiet ta' kapital mill-pubbliku.

2.2.2. Il-ftehim strutturali

- (13) Fl-opinjoni tal-Ġermanja, il-ftehim strutturali ma jirrapreżenta l-ebda għajjnuna mill-Istat għall-benefiċċju tad-DHL, għaliex l-istituzzjonijiet pubbliċi aġġixxew skont il-prinċipju ta' investitur li jinnegozja f'suq liberu. Fil-ftehim strutturali ġew determinati l-ispeċifikazzjonijiet li l-ajruport ta' Leipzig u l-MFAG għandhom jiggwarantixxu jekk jiġi aċċettat il-bini u t-tħaddim taċ-ċentru amministrattiv kif ukoll għat-tħaddim tiegħu stess. Barra minn hekk il-ftehim strutturali jinkludi ftehim addizzjonali dwar ir-rekwiżiti għat-tħaddim, il-ħlasijiet lill-ajruport u l-kiri ta' biċċiet ta' artijiet.

2.2.2.1. Garanzija tal-operat 24/7 tal-ajruport

- (14) Skont il-ftehim strutturali ffirmat fil-21 ta' Settembru 2005, l-ajruport ta' Leipzig u l-MFAG għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:
- (a) Qabel it-tħaddim taċ-ċentru l-ġdid fl-1 ta' Ottubru 2007 l-ajruport ta' Leipzig għandu jkun ikkonkluda l-bini tar-runway fin-nofsinar u jiggarrantixxi li l-operat 24/7 tal-ajruport huwa possibbli. Jekk l-ajruport ta' Leipzig ma jissodisfax dawn ir-rekwiżiti qabel it-tħaddim taċ-ċentru l-ġdid, l-ajruport ta' Leipzig u l-MFAG huma obbligati li jagħtu kumpens sa [...] euro (paragrafu 5 tal-ftehim strutturali).

⁽³⁾ 1998 Multisectoral framework on regional aid for large investment projects ĠU C 107, 7.4.1998, p. 7.

⁽⁴⁾ Għajjnuna mill-Istat C 18/2007 (ex N 874/06) — għajjnuna għat-taħriġ għad-DHL fis-sit Leipzig-Halle (il-Ġermanja), għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

(*) Sigriet tan-negozju.

- (b) Wara t-tħaddim taċ-ċentru l-ġdid l-ajruport ta' Leipzig għandu jibqa' jggarantixxi l-operat 24/7 tal-ajruport u jagħmel provvedimenti għal kapaċitajiet biżżejjed, biex jassigura l-attività tal-impjegi tad-DHL miftiehma fil-kundizzjonijiet tal-operat għall-[...] snin li ġejjin. Jekk l-ajruport ta' Leipzig ma jissodisfax dawn ir-rekwiżiti wara t-tħaddim taċ-ċentru l-ġdid, l-ajruport ta' Leipzig u l-MFAG huma obbligati li jagħtu kumpens għall-ħsarat u t-telf kollha li tkun ġarrbet id-DHL. F'każ ta' restrizzjoni sinjifikanti tal-attività tal-impjegi tagħha d-DHL tista' wkoll tħassar il-ftehim u titlob kumpens għall-ispejjeż kollha diretti u indiretti marbuta maċ-ċaqliq tagħha lejn ajruport ieħor (paragrafi 8 u 9 tal-ftehim strutturali). L-ajruport ta' Leipzig u l-MFAG huma għalhekk obbligati bla restrizzjonijiet li jagħtu kumpens lid-DHL għall-ħsarat u t-telf u għalhekk indipendentament jekk dawn ġewx ikkawżati minħabba ċirkustanzi, li l-ajruport ta' Leipzig għandu kontroll fuqhom. F'każ li d-DHL ikollha tibdel l-ajruport minħabba projbizzjoni regolatorja tat-titjiriet ta' bil-lejl, l-ajruport ta' Leipzig skont stimi maħruġa mill-Ġermanja jista' jkun obligat li jħallas sa [...] euro lid-DHL.
- (a) Id-DPI tħallas l-imghaxxiet għall-finanzjament tal-ispejjeż marbuta mal-akkwist tal-art u mal-kostruzzjoni kif ukoll ħlas annwali ta' [...] % għall-ispejjeż tal-kostruzzjoni.
- (b) L-ajruport ta' Leipzig jikkometti ruħu li jieħu self għall-finanzjament tal-kostruzzjoni taż-żona tat-tluġ u l-inżul. Għal dan l-iskop l-ajruport ta' Leipzig għandu jiġbor informazzjoni dwar offerti ta' finanzjament minn tliet banek inkluż il-Postbank (li huwa parti wkoll mill-grupp affiljat Deutsche Post World Net) u jagħżel l-offerta l-aktar favorevoli.
- (c) Il-kuntratt huwa għal [...] snin. Id-DPI tista' wara [...] snin tħassar il-kuntratt permezz tad-DHL mingħajr ma tagħti raġunijiet jew f'każ li jiġi mħassar il-ftehim strutturali. Jekk il-kuntratt jiġi mħassar fi żmien l-ewwel [...] snin, id-DPI tkun obbligata tħallas il-kera għal [...] snin minbarra l-ħlasijiet tal-kera diġa mħallsa.

(19) It-tieni kuntratt tal-kera huwa marbut ma' żoni addizzjonali għall-kontroll mill-art li l-ajruport ta' Leipzig jikri lid-DPI fuq l-istess kundizzjonijiet, kif diġa stipulati fil-kuntratt tal-kera msemmi. L-ispejjeż tal-bini huma stmati li jammontaw għal madwar [...] euro.

2.2.2.2. Ftehim dwar ħlasijiet lill-ajruport

- (15) Sors ewlieni tad-dħul għall-finanzjament tar-runway l-ġdida fin-nofsinar se jkun il-ħlasijiet lill-ajruport. Skont stimi fis-sena 2008, jiġifieri fl-ewwel sena li fiha iċ-ċentru amministrattiv ikun jopera b'mod integrali, id-DHL tħallas madwar [...] euro għall-ħlasijiet lill-ajruport. Il-ħlasijiet lill-ajruport ġew miftiehma f'kuntratt separat, li ġie mehmuż mal-ftehim strutturali.
- (16) Il-kumpaniji tal-avjazzjoni kollha — jiġifieri d-DHL u kull kumpanija tal-avjazzjoni oħra — għandhom ħlasijiet marbuta mal-inżul ta' ajruplani li huma standard. Il-ħlasijiet marbuta mal-inżul ta' ajruplani jonqsu maż-żieda tat-traffiku fl-ajruport ta' Leipzig. Kumpanija tal-avjazzjoni li tagħmel numru żgħir ta' tluġ u nżul ta' ajruplani tħallas l-istess ħlasijiet marbuta mal-inżul ta' ajruplani bħad-DHL, li hija l-aktar waħda li ser tkun tuża l-ajruport.
- (20) Il-kuntratt ta' ċens huwa marbut mal-biċċa art li fuqha d-DHL tibni l-binja tagħha. L-ajruport ta' Leipzig jawtorizza ċ-ċens għall-benefiċċju tad-DPI skont il-kundizzjonijiet li ġejjin:
- (a) Id-DPI tħallas ċens ta' [...] euro għal [...] m², jiġifieri madwar [...] euro għal kull m².
- (b) Iċ-ċens huwa fiss sal- [...] ; wara jiġi addattat għal [...] % tat-tibdil fl-indiċi tal-prezzijiet għall-konsumatur.

(21) Kemm il-kuntratt tal-kera għaż-żona tat-tluġ u l-inżul kif ukoll il-kuntratt dwar ċens jagħtu għażla lid-DHL li tikri mill-ġdid sa [...] biċċiet ta' art oħrajn. Din l-għażla tkun konċessa sa [...] [...]. Wara d-DHL għandha tħallas [...] EUR għal kull m² jekk tagħżel li tikri mill-ġdid. Il-ħlas għal din l-għażla jibqa' tiela' sa [...].

(22) Iż-żewġ kuntratti fihom klawżola li tistabilixxi li l-biċċiet ta' artijiet- indipendentament jekk id-DHL tagħżilx li tikrima jistgħux jiġu mikrija lil kompetituri tad-DHL. Espliċitament hemm imsemija [...] u [...].

2.2.2.3. Kuntratti tal-kera

(17) Għal kostruzzjonijiet partikulari fl-ajruport, l-ajruport ta' Leipzig għamel żewġ kuntratti tal-kera mad-Deutsche Post Immobilien GmbH (minn issa 'l quddiem imsejħa "DPI") u kuntratt dwar ċens mad-Deutsche Post Grundstücksvermietungsgesellschaft beta mbH & Co. Objekt Leipzig KG (minn issa 'l quddiem imsejħa "DPBS"). L-intrapriżi msemmija jagħmlu parti mill-grupp affiljat ma' Deutsche Post World Net. Huma jikru proprjetà immobli permezz ta' kuntratti separati mad-DHL.

(18) L-ajruport ta' Leipzig jieħu fidejħ il-kostruzzjoni ta' żona għat-tluġ u l-inżul, li għandha tintuża esklussivament mid-DHL. L-ispejjeż tal-kostruzzjoni huma stmati li jammontaw għal madwar [...] euro. L-ajruport ta' Leipzig jikri ż-żona għat-tluġ u l-inżul lid-DPI skont il-kundizzjonijiet li ġejjin:

2.2.3. Dikjarazzjoni mill-Istat

(23) Id-dikjarazzjoni mill-Istat tiggarrantixxi l-effiċjenza finanzjarja tal-ajruport ta' Leipzig waqt il-perjodu tal-validità tal-ftehim strutturali u tobbliga lill-Istat ta' Sachsen jagħti kumpens sa [...] euro, f'każ li d-DHL ma tkunx tista' tuża aktar l-ajruport kif ippjanat. B'differenza għal dak li jgħid il-ftehim strutturali li fih l-ajruport ta' Leipzig u l-MFAG jagħtu lid-DHL garanzija mingħajr restrizzjonijiet, skont id-dikjarazzjoni mill-Istat ta' Sachsen id-DHL tista' titlob biss kumpens sa [...] euro. Talbiet għall-kumpens ta' aktar minn [...] euro jistgħu jiġu biss affettwati fil-konfront tal-ajruport ta' Leipzig u l-MFAG. Qabel l-approvazzjoni mill-Kummissjoni, id-dikjarazzjoni mill-Istat ma tkunx valida.

2.3. Verifika inizjali mill-Kummissjoni

2.3.1. Eżistenza ta' għajnuna mill-Istat

2.3.1.1. Il-kontribuzzjoni għall-kapital

(24) F'dak li għandu x'jaqsam mal-ispejjeż għall-kostruzzjoni tar-runway fin-nofsinar, il-Kummissjoni fil-bidu kienet tal-opinjoni, li permezz tal-investiment tar-runway il-ġdida fin-nofsinar, l-ajruport ta' Leipzig kien ser jakkwista dħul biżżejjed, biex (għallinqas) ikopri l-ispejjeż addizzjonali u jħallas ammont raġonevoli mill-ispejjeż fissi tal-faċilitajiet infrastrutturali eżistenti. Fuq il-bażi tal-pjan tan-negozju sottomess mill-Ġermanja, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni temporanja li miż-żieda ta' dħul mistennija mill-operat tar-runway il-ġdida fin-nofsinar, l-ispejjeż addizzjonali mhux ser ikunu jistgħu jiġu koperti u li l-investiment għaliha għalhekk huwa għaj-nuna mill-Istat.

2.3.1.2. Ftehim strutturali

(25) Fid-deċiżjoni preliminari ġie argumentat li d-DHL kienet tkun qed tgawdi għajnuna mill-Istat, f'każ li l-ajruport ta' Leipzig kellu joffri kundizzjonijiet tal-kuntratt aktar konvenjenti minn intrapriża privata. Operatur privat ta' ajruport kien jistenna li bl-investiment fir-runway il-ġdida fin-nofsinar kien jakkwista dħul biżżejjed biex (għallinqas) ikopri l-ispejjeż addizzjonali, li jħallas ammont raġonevoli mill-ispejjeż fissi tal-faċilitajiet infrastrutturali eżistenti u li joffri kumpens raġonevoli għall-kapital investit meta wieħed iqis ir-riskji meħuda fil-ftehim strutturali.

(26) Fid-deċiżjoni preliminari ġie determinat li ż-żieda fid-dħul mill-operat tar-runway il-ġdida fin-nofsinar lanqas kopriet l-ispejjeż addizzjonali u fl-2006 kienet ser twassal għal telf fil-bilanċ tad-dħul ta' flus ta' madwar [...] euro (ara numru 70 tad-deċiżjoni preliminari). Għalhekk l-ajruport ta' Leipzig ma jkunx fil-pożizzjoni li jiffinanzja r-riskji marbuta mal-ftehim strutturali.

(27) Fid-deċiżjoni preliminari għalhekk ġie espress dubju serju, jekk intrapriża privata

(a) kinitx taqbel mal-kiri ta' ajruporti u ma' kuntratti ta' kera, li minnhom lanqas biss kienu jiġu koperti l-ispejjeż addizzjonali tar-runway fin-nofsinar;

(b) permezz tal-ftehim strutturali kinitx tissottometti ruħha għall-obbligi li kienu jnaqqsu aktar il-profit mistenni mill-operat tal-ajruport;

(c) kinitx tagħmel kuntratti ta' kera, li jidhru li mhumiex konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq lokali u li jillimitaw il-possibilitajiet tan-negozju.

2.3.1.3. Dikjarazzjoni mill-Istat

(28) Fid-deċiżjoni preliminari tal-Kummissjoni f'dak li għandu x'jaqsam mad-dikjarazzjoni mill-Istat ġie ddeterminat li r-rekwiżiti ta' notifika lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' obbligi għal responsabbilitajiet u garanziji⁽⁵⁾ (minn issa 'l quddiem imsejħa "notifika dwar garanziji"), li fiha ġie ddeterminat taħt liema kundizzjonijiet garanzija ma taqax taħt għajnuna mill-Istat, ma ġewx issodisfati. Fost l-oħrajn jiġi prinċipalment mitlub li garanzija tkun disponibbli mingħajr l-indhul tal-Istat fis-swieq finanzjarji bil-kundizzjonijiet tas-suq u li jiġi mħallas primjum għall-garanzija normali għas-suq. Dan il-prinċipju huwa wkoll validu skont in-notifika l-ġdida tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE dwar l-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' obbligi għal responsabbilitajiet u garanziji⁽⁶⁾ tal-2008, li daħħlet fis-seħħ b'effett mill-20 ta' Ġunju 2008, u li fiha kienu inklużi dawn ir-rekwiżiti.

(29) Fil-każ preżenti l-ebda waħda minn dawn ir-rekwiżiti ma ġiet issodisfata. Mill-informazzjoni tal-Ġermanja rriżulta li l-ajruport ta' Leipzig ipprova mingħajr suċċess ikopri r-riskji marbuta mal-ftehim strutturali permezz ta' istituzzjonijiet finanzjarji privati⁽⁷⁾. La d-DHL u lanqas l-ajruport m'huma obbligati jħallsu primjum normali għas-suq għar-riskju meħud mill-Istat ta' Sachsen.

2.3.2. Kompatibbiltà tal-għajnuna mas-Suq Komuni

2.3.2.1. Kompatibbiltà tal-kontribuzzjoni għall-kapital mas-Suq Kommuni

(30) Oriġinarjament il-Kummissjoni kienet iddikjarat li l-investimant tal-Istat ta' Sachsen fil-kostruzzjoni tar-runway il-ġdida fin-nofsinar fil-forma ta' kontribuzzjoni għall-kapital lill-ajruport ta' Leipzig kienet għajnuna mill-Istat. Il-kompatibbiltà ta' din l-għajnuna għandha tiġi vverifikata fuq il-bażi tal-Artikolu 87 paragrafu 3 tat-Trattat tal-KE u tal-kodiċi tal-prattika tal-Kummissjoni, kif inhu deskritt fin-notifika tal-Kummissjoni — Direttivi konġunti għall-finanzjament tal-ajruporti u għall-għoti ta' għajnuna mill-Istat għall-bidu ta' intrapriżi ta' kumpaniji tal-avjazzjoni f'ajruporti reġjonali⁽⁸⁾ (minn issa 'l quddiem imsejħa "id-Direttivi tal-2005").

2.3.2.2. Kompatibbiltà tal-għajnuna lid-DHL mas-Suq Kommuni

(31) Il-Kummissjoni ġibdet l-attenzjoni li deċiżjoni għall-għajnuna dwar l-investiment tad-DHL fiċ-ċentru amministrattiv Ewropew il-ġdid tiegħu fl-ajruport ta' Leipzig kienet diġà ġiet meħuda (N 608/03). Għal dan l-investiment il-Kummissjoni ppermettiet ammont ta' għajnuna reġjonali ta' 28 % skont l-istruttura multisettorjali għal għajnuniet reġjonali għal proġetti ta' investiment kbir tal-1998, li permezz tagħha l-Istat ta' Sachsen kien ta għajnuna ta' EUR 70,8 miljun lid-DHL.

⁽⁵⁾ ĠU C 71, 11.3.2000, p. 16, nru 4.2.

⁽⁶⁾ ĠU C 155, 20.6.2008, p. 10.

⁽⁷⁾ Dikjarazzjoni mill-Ġermanja tal-21 ta' Lulju 2006, paġna 7.

⁽⁸⁾ ĠU C 312, 9.12.2005, p. 1.

(32) Peress li l-Kummissjoni kienet diġa ppermettiet ammont ta' għajjnuna reġjonali ta' 28 %, l-għajnuniet l-oħra kollha — li jistgħu jingħataw lid-DHL permezz tad-dikjarazzjoni mill-Istat jew tal-ftehim strutturali — ma jittqisux bħala konformi mas-Suq Kommuni.

3. IL-POŻIZZJONI TAL-ĠERMANJA

3.1. Għajjnuna għall-ajruport marbuta mal-espansjoni infrastrutturali

3.1.1. Informazzjoni fl-isfond tat-tkabbir tal-ajruport ta' Leipzig

(33) Il-Ġermanja infurmat li l-ajruport ta' Leipzig oriġinarjament kien ajruport militari b'runway fil-post fejn illum ġiet mibnija r-runway fit-tramuntana. Fl-1960 ġiet mibnija t-tieni runway fin-nofsinar, li flimkien mar-runway fit-tramuntana, għamlu l-forma ta' V. Din is-sistema ta' runway fil-forma ta' V ġiet decizja fuq il-bażi tal-istruttura marbuta mal-ispazju tal-ajru militari tar-Repubblika Demokratika Ġermaniża. L-allinjament taż-żewġ runways la huwa konformi mar-rekwiżiti ekoloġiċi u lanqas ma' dawk meteoroloġiċi. Huma ma kienu joffru l-ebda kundizzjonijiet konvenjenti għat-tluġ u l-inżul, u l-karreġġati għall-wasla u t-tluq jipproċedu lejn iż-żoni popolati fit-tramuntana ta' Leipzig u fin-nofsinar ta' Halle.

(34) Madwar l-1980 bdew jidhru l-ewwel ħsarat fuq ir-runway fin-nofsinar, li affettwaw l-operat tal-ajruport. Biex jiġi eliminat dan in-nuqqas, ir-runway ġiet miksjija b'kisja ġdida ta' konkret. Fil-bidu tas-snin 90, kien jidher ċar li din ir-rikostruzzjoni ma kinitx biżżejjed — xquq fil-kisja l-ġdida ta' fuq wasslu għall-ħruġ 'il barra tat-truf u għal ċaqliq lonġitudinali fiż-żewġ itruf tar-runway. It-tumbati li fformaw minħabba f'hekk kienu jfissru periklu serju għas-sigutà tat-traffiku u kienu jeħtieġu spejjeż sproporzjonati għall-manutenzjoni tagħhom.

(35) Wara l-unifikazzjoni mill-ġdid tal-Ġermanja ġiet imħejjija pjanta definittiva għat-tkabbir tal-ajruport ta' Leipzig biex isir ajruport tal-passiġġieri, li kienet ibbażata fuq il-bini ta' sistema b'żewġ runways. Fl-1994 ġie appuntat kumitat investit bis-setgħa li jagħti pariri bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru Federali għat-Traffiku, tal-Istat ta' Sachsen u tal-Istat ta' Sachsen-Anhalt, li kellu jissorvelja t-tkabbir tal-infrastruttura tal-ajruport. Il-kumitat ittratta l-aktar il-mistoqsija jekk ir-runway fin-nofsinar eżistenti kellhiex tisewwa qabel il-bini tar-runway il-ġdida fit-tramuntana.

(36) Id-deċiżjoni għal sistema ta' runways paralleli ġiet eliminata fl-1997. L-ewwel pass, jiġifieri l-bini mill-ġdid tar-runway fit-tramuntana, ġie mibdi immedjatament. F'din il-fażi ġew meħuda miżuri sabiex l-ajruport jiġi mgħammar għall-operat taż-żewġ runways; pereżempju, il-biċċiet tat-tarmak huma allinjati fuq xulxin u l-livell tal-ġholi addat għar-runway fit-tramuntana. Bħala l-aħħar pass tal-programm għat-tkabbir fuq medda ta' żmien twil għall-ajruport fl-2002 beda l-bini mill-ġdid tar-runway

fin-nofsinar fuq pjan dettaljat. Ir-runway eżistenti tan-nofsinar kellha tiġi rinnovata u allinjata mill-ġdid b'20°.

(37) Id-deċiżjoni għall-approvazzjoni uffiċjali tal-pjanti għat-tiġdid tar-runway fin-nofsinar ġiet meħuda fl-4 ta' Novembru 2004. Dan kien ir-riżultat ta' proċeduri formali twal u kumplessi għall-ippjanar. F'dak iż-żmien kienu diġa qed jittieħdu miżuri preparatorji għall-bini, pereżempju, spezzjoni arkeoloġika preliminari tal-art, it-tqegħid ta' sistemi ta' pajpijiet u l-akkwist ta' aktar biċċiet ta' art.

(38) It-tkabbir tal-ajruport huwa konsistenti mal-pjan għall-iżvilupp tal-Istat ta' Sachsen tal-2003, li fih it-titjib tar-runway kien imsemmi bħala mira speċifika. B'mod speċjali t-tul u l-pożizzjoni tar-runway fin-nofsinar u l-faċilitajiet għat-tagħbija u l-ħatt ta' merkanzija għandhom jiġu addattati.

(39) Il-Ġermanja targumenta li saż-żmien ta' din id-deċiżjoni kien jidher dejjem aktar ċar li intrapriżi famużi fil-qasam tal-ġarr ta' merkanzija bl-ajru kienu jaraw l-ajruport tal-passiġġieri Leipzig/Halle bħala post attraġenti; ir-runway il-ġdida fin-nofsinar kienet tinbena xorta waħda, anke li kieku d-DHL ma ċaqalqix iċ-ċentru amministrattiv Ewropew tagħha lejn Leipzig. Anke l-fatt li l-ftehim strutturali bejn id-DHL u l-ajruport ta' Leipzig sar biss fil-21 ta' Settembru 2005 jagħti prova li d-deċiżjoni għall-bini mill-ġdid tar-runway fin-nofsinar kienet indipendenti mill-pjanijiet tad-DHL.

3.1.2. Eżistenza ta' għajjnuna

(40) Il-Ġermanja ma taqbilx mal-konklużjoni tal-Kummissjoni li r-regolamenti għal għajnuniet statali jgħoddu kemm għall-operat kif ukoll għall-kostruzzjoni ta' faċilitajiet infrastrutturali f'ajruporti reġjonali. Investiment fil-infrastruttura mhuwiex attivitá politiko-ekonomika. F'dan il-kontest ajruporti mhumiex "intrapriżi" skont l-Artikolu 87, paragrafu 1 tat-Trattat tal-KE. Dan huwa fuq kolloxx ta' importanza kbira għal ajruporti reġjonali li impenjaw ruħhom biex jilhq u l-volum meħtieġ ta' passiġġieri, li jagħmel possibbli operat bi profit.

(41) Il-Ġermanja ma taqbilx ukoll mal-Kummissjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-interpretazzjoni tagħha tad-deċiżjoni tal-Każ *Aéroports de Paris* (⁹), u dan fuq il-bażi ta' tliet argumenti. L-ewwel wieħed ma jistax jinftehem kif il-Qorti tal-Kommunitajiet Ewropej interpretat l-Artikolu 87 tat-Trattat tal-KE fid-dawl tal-Artikolu 82 tat-Trattat tal-KE. It-tieni, id-deċiżjoni ma kinitx dwar — bhál fil-każ ta' Leipzig/Halle — il-bini ta' faċilitajiet infrastrutturali aċċessibbli għall-pubbliku, iżda dwar l-operat tal-ajruport. U t-tielet id-deċiżjoni kienet dwar ajruport internazzjonali kbir li l-pożizzjoni ekonomika tiegħu hija differenti minn ta' ajruport reġjonali. Huwa magħruf b'mod ġenerali li għall-finanzjament tal-infrastruttura ta' ajruporti reġjonali, il-finanzjament privat mhuwiex alternattiva realistika għall-finanzjament pubbliku.

(⁹) Sentenza tal-Qorti tal-Prim Istanza tal-Kommunitajiet Ewropej tat-12 ta' Diċembru 2000 fil-Kawża T-128/98, 2000, Għabra II-3929; konfermata permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-24 ta' Ottubru 2002, C-82/01, 2002, Għabra I-9297.

- (42) Il-Ġermanja targumenta, li l-bini tar-runway fin-nofsinhar ma tistax tiġi evalwata skont id-Direttivi tal-2005, li skont dawn l-operaturi tal-ajruporti huma soġġetti għar-regolament dwar l-għajnuna mill-Istat, iżda għandha tiġi spezzjonata fuq il-bażi tad-Direttivi tal-Kummissjoni għall-applikazzjoni tal-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat tal-KE kif ukoll tal-Artikolu 61 tal-Ftehim taż-ŻEE dwar l-għajnuna mill-Istat fil-qasam tat-trasport bl-ajru⁽¹⁰⁾ (minn issa 'l quddiem imsejħa "Direttivi tal-199"), li jstipulaw li: "Il-bini jew it-*tkabbir ta' faċilitajiet infrastrutturali (perżempju ajruporti...)* hija miżura politiko-ekonomika komuni, li ma tistax tiġi kkontrollata mill-Kummissjoni skont l-Artikoli tal-ftehim dwar għajnuna mill-Istat". Il-Ġermanja tipprova li l-applikazzjoni tal-Linji Gwida tal-2005 f'dan il-każ imorru kontra l-projbizzjoni assoluta tal-liġijiet *ex post facto*, u l-Paragrafu 85 tal-Linji Gwida tal-2005 jikkonferma, li dawn id-Direttivi jstgħu jiġu applikati biss wara d-data tal-pubblikazzjoni tagħhom fil-*Ġurnal Uffiċjali* (9 ta' Diċembru 2005). Peress li d-deċiżjoni dwar il-finanzjament tal-infrastruttura ġiet meħuda qabel din id-data, għandhom jiġu applikati l-linji gwida ta' qabel.
- (43) Barra dan, deċiżjoni negattiva tal-Kummissjoni tmur kontra l-prinċipju tal-protezzjoni tal-kunfidenzjalità. Operatur tal-ajruport prudenti ma jantiċipax li l-finanzjament statali tal-infrastruttura ta' ajruporti reġjonali ser jiġi spezzjonat skont ir-regolamenti għall-għajnuna mill-Istat. Din it-tip ta' spezzjoni ġiet magħmula l-ewwel darba fid-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar *l-ajruporti reġjonali Ġermaniżi* u dwar *l-ajruport ta' Antwerp*⁽¹¹⁾ tal-2005, li ġiet imdaħħla wara d-deċiżjoni għall-bini mill-ġdid tar-runway fin-nofsinhar tal-ajruport ta' Leipzig.
- (44) Barra minn hekk fid-deċiżjoni dwar *l-ajruport ta' Berlin-Schönefeld*⁽¹²⁾ (C 27/07) il-Kummissjoni ammettiet li d-deċiżjoni *Aéroports de Paris* kienet tikkonċerna l-operat ta' ajruport internazzjonali kbir. Fid-deċiżjoni dwar *l-ajruport Berlin-Schönefeld* il-Kummissjoni stess qalet b'mod espliċitu li l-applikazzjonijiet tad-Direttivi tal-2005 ser jiġu estenzi għal kull tip ta' ajruport. L-estensjoni tal-qasam tal-applikazzjoni tal-liġi dwar l-għajnuna għalhekk m'għadhiex ibbażata fuq il-ġurisdizzjoni iżda fuq deċiżjoni politika tal-Kummissjoni tas-sena 2005, li għalhekk ma tistax tiġi applikata retroattivament.
- (45) Fl-aħħar nett, il-Ġermanja ddikkjarat li m'hemm l-ebda benefiċjarju ta' għajnuna mill-Istat, jekk l-Istat jagħti r-responsabbiltà tal-operat tal-faċilitajiet infrastrutturali lil istituzzjoni li l-uniku dritt għall-eżistenza tagħha huwa l-ġestjoni tal-faċilitajiet infrastrutturali.
- (46) F'każ li l-Kummissjoni ma taġixxi fuq dawn l-argumenti, il-Ġermanja tirreferi għall-fatt li, skont id-Direttivi tal-2005, il-finanzjament ta' attività li normalment l-Istat huwa responsabbli għalih minħabba n-neċessità qawwija tagħha, ma jaqax taħt ir-regolamenti dwar l-għajnuna mill-Istat. Dan jgħodd għall-oqsma tas-sigurtà, tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru, tal-pulizija, tad-dwana, tat-traffiku bl-ajru eċċ. (ara paragrafu 3.1.4).
- (47) Skont il-politika l-ġdida tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna, l-operatur ta' ajruport jista' jkun intrapriża skont l-Artikolu 87 paragrafu 1 tat-Trattat tal-KE u għalhekk benefiċjarju ta' għajnuna. Fl-istess ħin l-operatur jgħodd ukoll bħala "sid l-infrastruttura", li permezz tal-ftehim strutturali jagħti għajnuna lid-DHL. Dawn iż-żewġ irwoli mhumiex kompatibbli ma' xulxin.
- 3.1.3. *Applikazzjoni tal-prinċipju tal-investitur li jinnegozja f'suq liberu*
- (48) Il-Ġermanja targumenta, li l-każ preżenti jaqa taħt l-eżenzjoni tad-Direttivi tal-1994; għalhekk m'hemm l-ebda raġuni għaliex din is-sitwazzjoni għandha tiġi evalwata fuq il-prinċipju tal-investitur li jinnegozja f'suq liberu. F'każ li l-Kummissjoni jkollha opinjoni differenti, il-Ġermanja għamlet verifika bbażata fuq il-prinċipju tal-investitur li jinnegozja f'suq liberu għal tliet xenarji:
1. l-Istatus quo,
 2. it-*tkabbir bil-premessa* li d-DHL ma tiddeċidix favur l-ajruport ta' Leipzig bħala post għall-operat tagħha, u
 3. it-*tkabbir bil-premessa* li d-DHL tiddeċiedi favur l-ajruport ta' Leipzig bħala post għall-operat tagħha.
- (49) Din il-verifika tapplika għas-sitwazzjoni fid-9 ta' Diċembru 2005, meta d-Direttivi tal-2005 daħlu fis-seħħ, u mhux għad-deċiżjoni tal-bord ta' sorveljanza fl-4 ta' Novembru 2004. Wieħed ta' min jistaqsi wkoll jekk investitur privat fuq il-bażi tal-fatti magħrufa fid-9 ta' Diċembru 2005 kienx ikompli bil-bini tat-tieni runway jew jekk kienx iżomm l-Istatus quo.
- (50) Il-kalkoli tal-Ġermanja riprodotti fil-paragrafi 55 u 56 hawn taħt huma bbażati fuq il-kalkoli mħejjija mill-Kummissjoni meta ngħata l-bidu għall-proċeduri u l-valur nett tal-intrapriża fl-aħħar tal-perjodu tal-validità (2042). B'hekk qed issir differenza bejn investimenti li saru qabel id-9 ta' Diċembru 2005 u investimenti li saru wara d-9 ta' Diċembru 2005.
- (51) *Status quo*: Iż-żewġ runways qed jiġu operati b'mod li jiddependu minn xulxin, u dan il-fatt jirriżulta frestrizzjonijiet għall-ajruport: pereżempju għar-runway fin-nofsinhar hemm limitazzjoni fuq il-piż ta' 30 t, għalhekk jista' jkun hemm massimu ta' 38-42 tluġh u nżul ta' ajruplani kull siegħa (madwar 30 000 tluġh u nżul ta' ajruplani kull sena) u hemm biss 60 post għall-ipparkjar ta' ajruplani.

⁽¹⁰⁾ ĠU C 350, 10.12.1994, p. 5.

⁽¹¹⁾ Sentenza tad-19 ta' Jannar 2005, N 644i/02 — Ajruporti reġjonali Ġermaniżi, ĠU C 126, 25.5.2005, p. 12; sentenza tal-20 ta' April 2005, N 355/04 — ajruport ta' Antwerp, ĠU C 176, 16.6.2005, p. 11.

⁽¹²⁾ Sentenza tal-10 ta' Lulju 2007, C 27/07 — Ajruport Berlin-Schönefeld.

(52) *Tkabbir bis-suppożizzjoni li d-DHL ma tiddeċidix favur l-ajruport ta' Leipzig bħala lokazzjoni għall-operat tagħha:* Anke mingħajr id-deċiżjoni tad-DHL favur l-ajruport ta' Leipzig — skont il-Ġermanja- l-ajruport ikollu jkabbar il-kapaċità tiegħu, sabiex ikunu jistgħu jiġu amministrati ż-żieda kbira fil-ġarr ta' merkanzija bl-ajru u aktar titjiriet ta' bil-lejl minħabba r-restrizzjonijiet fuq titjiriet ta' bil-lejl mistennija fl-ajruport ta' Frankfurt/Main. Dan iċ-ċaqliq huwa smat li jfisser madwar 300 000 t ta' merkanzija bl-ajru fl-2012. Dan jikkorrispondi għall-kwart tal-merkanzija sħiħa bl-ajru ta' Frankfurt/Main, iżda ma jinkludix merkanzija oħra li titgħabba fajruplani tal-passiġġieri (li mhux ser jiġu affettwati minn restrizzjonijiet fuq titjiriet ta' bil-lejl). Għall-2013-2018 qed jiġi kkunsidrat aktar ċaqliq ta' 100 000 t ta' merkanzija bl-ajru fis-sena lejn ajruporti oħra minħabba nuqqas fil-kapaċità. Mill-2019 'il quddiem qed jiġi kkalkulat tkabbir b'rata ta' 3 % fis-sena. Din hija stima kawta fuq il-bażi ta' rapport tal-ProgTransAG ⁽¹³⁾, li fih hija prevista rata annwali ta' tkabbir fis-suq ta' 8 % sa 10 % għal servizzi ta' kunsinna mgħaġġla.

(53) *Tkabbir bis-suppożizzjoni, li d-DHL tiddeċiedi favur l-ajruport ta' Leipzig bħala post għall-operat tagħha:* Fix-xenarju ta' tkabbir bid-DHL jiġu kkunsidrati l-effetti taċ-ċaqliq ta' operatur ta' servizzi ta' kunsinna mgħaġġla lejn l-ajruport ta' Leipzig mis-sena 2008 'il quddiem. Dan ix-xenarju jitqides bħala kawt, għaliex xenarju realistiku jagħti riżultati ħafna aħjar. Ix-xenarji ta' tkabbir huma differenti fuq kollox fil-fażi tal-bidu. Ir-rebħ tad-DHL iwassal għal żvilupp ta' bejgħ akbar b'mod konsiderevoli.

(54) Ix-xenarji kollha jassumu li indipendentament miċ-ċaqliq tad-DHL u miż-żieda fil-bejgħ marbuta miegħu, l-ispejjeż tal-kapital huma l-istess għat-tkabbir tar-runway fin-nofsinar. L-investimenti l-oħra biss fiż-żona tat-tluġ u l-inżul għal traffiku ta' merkanzija skont in-neċessità tal-kapital ma jiġux trattati fix-xenarji "tkabbir mingħajr id-DHL" qabel l-2012.

(55) Sabiex ikunu jistgħu jiġu mqabbla l-ammonti ta' flus ħerġin u deħlin f'perjodi ta' żmien differenti, il-Ġermanja bbażat il-kalkoli tagħha fuq fattur ta' tnaqqis ta' 6.5 % (il-fattur nominali tat-tnaqqis ta' 7 % ġie addattat meta ġiet ikkunsidrata l-inflazzjoni). Dan il-fattur ta' tnaqqis ġie determinat skont il-Mudell għall-Ipprezzar ta' Assi Kapitali (minn issa 'il quddiem imsejjaħ "CAPM") u bbażat fuq is-suppożizzjonijiet li ġejjin:

(a) Fl-aħħar tal-2005 il-profitti bla riskji minn self tal-Istat Ġermaniż kienu jammontaw għal 3.75 %.

(b) Il-primjum għal riskji fis-suq (għar-riskju tal-instabilità jew nuqqas ta' qbil fuq id-dħul minn portfolio rifless fuq is-suq sħiħ) ġie smat għal madwar 5 % minn sorsi relevanti ⁽¹⁴⁾.

(c) Ir-rabta bejn ir-riskju tas-suq u r-riskju ta' investiment speċifiku jiġi deskritt b'"beta" ("β"). Fuq il-bażi ta' rapport pubbliku mill- PricewaterhouseCoopers il-Ġermanja taġixxi fuq is-suppożizzjoni, li l-fattur beta għal ajruporti regionali huwa ta' 0.65.

⁽¹³⁾ Rapporti miġbura mill-awtoritajiet Ġermaniżi kkonċernati f'dak li għandu x'jaqsam ma' proċeduri għall-approvazzjoni uffiċjali ta' pjani-
jiet.

⁽¹⁴⁾ E. Dimson, P. Marsh, M. Staunton, *Handbook of investments: Equity risk premium*, Volum 1, Kapitolu 10, 2007.

(d) Ir-rata tal-inflazzjoni hija kkunsidrata li hi ta' 0,5 % ⁽¹⁵⁾.

Tabella 1

Tqabbil tax-xenarji "Status quo", "Tkabbir mingħajr id-DHL" u "tkabbir bid-DHL"

(feluf ta' EUR)

	(1)	(2)	(3)	(3 - 1)	(3 - 2)
	Status quo	Tkab- bir min- għajr id- DHL	Tkab- bir bid- DHL	Diffe- renza	Diffe- renza
EBITDA 2006-2042	[...]	[...]	[...]	[...]	[...]
Spejjeż marbuta ma' investimenti 2006-2042	[...]	[...]	[...]	[...]	[...]
Valur nett tal-intrapriża fl-aħħar tal-perjodu	[...]	[...]	[...]	[...]	[...]
Total	[...]	[...]	[...]	[...]	[...]

(56) Il-Ġermanja targumenta, li x-xenarju "status quo" għandu jiġi emmendat, sabiex ir-rabtiet u l-obbligi marbuta mal-iżvilupp negattiv jiġu kkunsidrati. L-ajruport huwa lest li jikkometti ruħu għal obbligi li b'kollox jammontaw għal EUR 108,3 miljun, li anke f'każ tat-twaqqif tal-bini jridu jiġu ssodisfati. Barra minn hekk jekk l-ajruport imur lura għall-"Istatus quo" miżuri marbuta mal-iżvilupp negattiv li hu smat li jammontaw għal EUR 100 miljun huma meħtieġa.

Tabella 2

Tqabbil tax-xenarji "Status quo" u "tkabbir bid-DHL" meta wieħed jikkunsidra r-rabtiet u l-obbligi marbuta ma' żvilupp negattiv

(feluf ta' EUR)

	(1)	(2)	(2 - 1)
	Status quo	Tkabbir bid-DHL	Differenza
EBITDA 2006-2042	[...]	[...]	[...]
Spejjeż marbuta ma' investimenti 2006-2042	[...]	[...]	[...]
Valur nett tal-intrapriża fl-aħħar tal-perjodu	[...]	[...]	[...]
Rabtiet	[...]	[...]	[...]
Obbligi marbuta ma' żvilupp negattiv	[...]	[...]	[...]
Total	[...]	[...]	[...]

⁽¹⁵⁾ Fattur tat-tnaqqis (rata proprja ta' tnaqqis) = [profitti mingħajr riskju + (primjum tar-riskju tas-suq × β)] — ir-rata tal-inflazzjoni.

- (57) Permezz ta' ittra tad-9 ta' April 2008, il-Ġermanja infurmat lill-Kummissjoni, li f'dak li għandu x'jaqşam mal-prinċipju ta' investitur li jinnegozja fis-suq liberu, kalkoli magħmula jinkludu l-ispejjeż marbuta mal-investiment u l-operat għal miżuri tas-sigurtà, li jaqgħu taħt ir-responsabbiltajiet marbuta mas-sigurtà u l-ordni pubbliku u mhumiex soġġetti għal spezzjonijiet marbuta ma' għajnuniet. Dawn l-ispejjeż jistgħu għalhekk ma jgħux ikkunsidrati għall-kalkoli eżistenti.

Tabella 3

Tqabbil tax-xenarji "status quo", "tkabbir mingħajr id-DHL" u "tkabbir bid-DHL" mingħajr l-ispejjeż marbuta mal-investiment u l-operat għal miżuri tas-sigurtà

(feluf ta' EUR)

	(1)	(2)	(3)
	Status quo	Tkabbir mingħajr id-DHL	Tkabbir bid-DHL
EBITDA 2006-2042	[...]	[...]	[...]
Spejjeż marbuta ma' investimenti 2006-2042	[...]	[...]	[...]
Valur nett tal-intrapriża fl-aħħar tal-perjodu	[...]	[...]	[...]
Total	[...]	[...]	[...]

3.1.4. *Attivitajiet mhux kummerċjali*

- (58) Il-Ġermanja iżda tibqa' tal-opinjoni, li l-finanzjament tat-tkabbir tar-runway fin-nofsinar tal-ajruport ta' Leipzig hija miżura politikoekonomika komuni, li fil-kwadru sħiħ mhijiex it-tip li tkun soġġetta għal spezzjonijiet marbuta ma' għajnuniet, iżda għaddiet informazzjoni lill-Kummissjoni dwar l-investimenti magħmula fil-qasam ta' miżuri spezzjonati, li fl-opinjoni tal-Ġermanja jaqgħu fil-qasam tas-sigurtà, tas-sigurtà tal-kontroll ta' traffiku bl-ajru, tal-pulizija, tad-dwana, tat-traffiku bl-ajru eċċ (qabbel mal-figura li ġejja). Dawn l-investimenti huma deskritti fil-paragrafi 58-69.

Tabella 4

Investimenti f'miżuri ta' sigurtà u sikurezza 2006-2042 f'euro (valur nominali)

(EUR)

L-ammont sħiħ ta' investimenti f'miżuri ta' sigurtà u sikurezza 2006-2042	Status quo	Tkabbir mingħajr id-DHL	Tkabbir bid-DHL
Sigurtà pubblika		[...]	[...]
Stekkati	—	[...]	[...]
Triq ħdejn l-istekkat	—	[...]	[...]
Punt tal-kontroll 2	—	[...]	[...]
Punt tal-kontroll 4	—	[...]	[...]
Punt tal-kontroll 1	[...]	[...]	[...]

(EUR)

L-ammont sħiħ ta' investimenti f'miżuri ta' sigurtà u sikurezza 2006-2042	Status quo	Tkabbir mingħajr id-DHL	Tkabbir bid-DHL
Sistemi għall-kontroll tas-sigurtà	[...]	[...]	[...]
Sistemi għall-kontroll ta' aċċessi fin-nofsinar	—	[...]	[...]
Ċentru tal-kontroll integrat	[...]	[...]	[...]
Tagħmir għaċ-ċentru tal-kontroll integrat	[...]	[...]	[...]
Tagħmir tal-vidjow fin-nofsinar	—	[...]	[...]
Sit għal kontrolli veterinarji fuq il-fruntiera	—	[...]	[...]
Trażżin ta' ħruq		[...]	[...]
Stazzjon tan-nar proviżorju fin-nofsinar	—	[...]	[...]
Tagħmir għat-tifi tan-nar u għas-salvataġġ	[...]	[...]	[...]
Sigurtà waqt l-operat		[...]	[...]
Provvista ta' kurrenti elettriċi mingħajr interruzzjonijiet (UPS) Żona għat-tluġh u l-inżul 4/5	—	[...]	[...]
Provvista ta' kurrenti elettriċi mingħajr interruzzjonijiet (UPS) Nofsinar/Punent	—	[...]	[...]
Provvista ta' kurrenti elettriċi mingħajr interruzzjonijiet (UPS) Nofsinar/Lvant	—	[...]	[...]
Substation	—	[...]	[...]
Kejbils b'vultaġġ għoli u vultaġġ baxx għal servizzi meteoroloġiċi Ġermaniżi (DWS)	—	[...]	[...]
Kejbils b'vultaġġ għoli u vultaġġ baxx għall-kontroll tat-traffiku bl-ajru fil-Ġermanja (DFS)	—	[...]	[...]
Dwal		[...]	[...]
Dwal għar-runway fin-nofsinar	—	[...]	[...]
Dwal għall-użu taż-żoni l-ġodda għat-tluġh u l-inżul	—	[...]	[...]
Total	[...]	[...]	[...]

(59) Minbarra għall-investiment, il-Ġermanja tagħmel referenza wkoll lill-Kummissjoni għall-ispejjeż kontinwi marbuta mal-operat (spejjeż marbuta mal-materjal u mal-persunal) għall-oqsma kkonċernati. F'dan il-qasam qed issir referenza għad-Direttivi tal-2005, li skont huma "Attivitajiet li normalment l-Istat ikun responsabbli għalihom minħabba n-neċessità tagħhom", ġeneralment mhumiex soġġetti għad-Direttivi (qabbel mal-punti 33 u 54 tal-Linji Gwida). Minn dawn l-ispejjeż il-Ġermanja naqqset id-dħul minn ħlasijiet għas-sigurtà skont § 8 paragrafu 3 tal-liġi dwar is-sigurtà fl-ajru (minn issa 'l quddiem imsejja "LuftSiG"). Dawn il-ħlasijiet jiġu ċċarġjati fl-ajruport għall-kontroll ta' passaġġieri.

Tabella 5

Spejjeż u dħul marbuta mas-sigurtà waqt l-operat 2006-2042 total f'euro (valur nominali)

(EUR)			
Spejjeż u dħul marbuta mas-sigurtà waqt l-operat 2006-2042 total	Status quo	Tkabbir mingħajr id-DHL	Tkabbir bid-DHL
(1) Spejjeż marbuta ma' materjali	[...]	[...]	[...]
(2) Spejjeż marbuta mal-persunal	[...]	[...]	[...]
(3) Deprezzament	[...]	[...]	[...]
(4) Spejjeż oħra	[...]	[...]	[...]
(5) Total ta' spejjeż marbuta mas-sigurtà (1)+(2)+(3)+(4)	[...]	[...]	[...]
(6) Ħlasijiet għas-sigurtà	[...]	[...]	[...]
(7) Total (5)-(6)	[...]	[...]	[...]

Sigurtà pubblika

(60) It-tagħmir għas-sigurtà u l-miżuri għall-protezzjoni minn perikli huma konformi mal-obbligi ta' operaturi ta' ajruporti skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, jiġifieri l-liġi dwar is-sigurtà fl-ajru (*LuftSiG*) kif ukoll il-liġi dwar it-traffiku bl-ajru (*LuftVG*) u skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili (ICAO) f'dak li għandu x'jaqsam ma' miżuri għall-protezzjoni minn perikli fl-avjazzjoni waqt l-ippjanar, il-bini u l-operat ta' ajruporti tal-passigieri.

(61) Biex jiġi evitat aċċess mhux awtorizzat għaż-żoni tas-sigurtà tal-ajruport, il-persuni, vetturi u oġġetti kollha jgħaddu minn punt għall-kontroll ta' aċċess li huwa mgħammar b'bibien tas-sigurtà, b'tagħmir tar-raġġi X u sondi tal-idejn. Permezz ta' sistema għall-protezzjoni minn perikli u għall-kontroll l-aċċess għaż-żoni tas-sigurtà jiġi amministrat u sorveljat. Iċ-ċentru tal-kontroll għas-sigurtà huwa wkoll konness mas-sistema ta' allarm f'każ ta' perikli (jiġifieri allarm tan-nar u ċentru tal-inġinerija tal-bini eċċ.) u mas-sistema għall-kontroll ta' aċċessi (jiġifieri sistemi ta' allarm f'każ ta' serq u attacchi, sorveljanza bil-vidjow eċċ.). Minħabba s-sistema ta' pajpjiet mibdula tar-runway il-ġdida fin-nofsinar kien meħtieġ il-bini mill-ġdid tal-istekkati ta' barra u l-bini ta' żewġ punti oħra għall-kontroll ta' aċċessi ġodda (punti tal-kontroll 2 u 4).

(62) Barra minn hekk l-operatur għandu jinkorpora l-miżuri tas-sigurtà msemmija fi programm tas-sigurtà għall-avjazzjoni ċivili skont l-Artikolu 5 paragrafu 4 tar-Regolament (KE) Nru 2320/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 għad-determinazzjoni ta' regolamenti kollettivi għas-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili⁽¹⁶⁾, li għandu jiġi sottomess għall-approvazzjoni tal-awtoritajiet ikkonċernati għas-sigurtà fl-ajru. L-operatur ta' ajruport tal-passigieri huwa obligat, li jimplimenta l-miżuri tas-sigurtà stipulati fil-programm tas-sigurtà għall-avjazzjoni ċivili approvat. Il-programm tas-sigurtà għall-avjazzjoni ċivili tal-ajruport ta' Leipzig ġie approvat mid-Dipartiment tat-traffiku bl-ajru fi ħdan il-Ministeru għall-Ekonomija u x-Xogħol ta' Sachsen fil-25 ta' Ottubru 2007. Biex ikun konformi mal-obbligi tiegħu marbuta mal-LuftSiG, l-ajruport ta' Leipzig jopera dipartiment tas-sigurtà hu stess.

(63) Peress li l-ajruport kien iddeċieda, li jawtorizza traffiku bi prodotti minn terzi pajjiżi f'dak li għandu x'jaqsam mad-Direttiva 97/78/KE tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 1997 għad-determinazzjoni ta' regoli bażiċi għall-kontroll veterinarju ta' prodotti impurtati fil-Kommunità minn pajjiżi terzi⁽¹⁷⁾, l-ajruport jeħtieġ sit għall-kontroll fuq fruntieri għall-kontroll veterinarju għat-tagħbija u l-ħatt u kull tip ta' ħażna ta' prodotti mill-annimali kif ukoll għall-akkomodazzjoni tal-annimali.

Trażżin ta' ħruq

(64) L-ajruport huwa obligat bil-liġi, li jagħmel provvedimenti għal servizzi tat-tifi tan-nar u tas-salvataġġ. Servizzi tat-tifi tan-nar u tas-salvataġġ huma fost ir-rekwiżiti biex tingħata liċenzja għall-operat. Biex tissodisfa r-rekwiżiti preżentement validi għal servizzi tat-tifi tan-nar u tas-salvataġġ, ir-runway il-ġdida fin-nofsinar kellu jkollha stazzjoni tan-nar għaliha. L-ajruport ta' Leipzig għalhekk għandu stazzjonijiet tan-nar⁽¹⁸⁾ fiż-żona tat-tramuntana u fiż-żona tan-nofsinar tal-ajruport.

Sigurtà waqt l-operat/Sistemi żejda li jinżammu fuq ir-riħ għall-provvista ta' kurrenti elettriċi

(65) L-ajruport għandu jkollu provvista doppja ta' kurrenti elettriċi. Skont ir-rekwiżiti regolatorji, dan jista' jsir biss permezz ta' provvista ta' kurrenti elettriċi mingħajr interruzzjonijiet (UPS). Għal dan il-għan ġew installati sistemi dinamiċi tal-UPS imħaddma bid-dijżil f'kull wieħed mit-tliet stazzjonijiet tad-dawl tar-runway fin-nofsinar.

(66) Skont il-Ġermanja kien meħtieġ li titkabbar il-provvista ta' kurrenti elettriċi għas-sigurtà tal-provvista ta' kurrenti elettriċi inkluża tal-kapaċitajiet fir-riżerva kif ukoll għall-ġenerazzjoni ta' kapaċitajiet ġodda għal stabbiliment ta' intrapriżi oħra fl-ajruport ta' Leipzig. Għalhekk ġie ppjanat il-bini ta' substation bi spiża ta' EUR 5 miljun .

⁽¹⁶⁾ ĠUL 355, 30.12.2002, p. 1.

⁽¹⁷⁾ ĠUL 24, 30.1.1998, p. 9.

⁽¹⁸⁾ L-istazzjonijiet tan-nar għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom tagħmir tekniku identiku, wara 15-il sena jkunu meħtieġa investimenti għat-tibdil tat-tagħmir.

- (67) Spejjeż (għal kejbils b'vultaġġ għoli u b'vultaġġ baxx) għall-ajruport inqalgħu anke b'konnessjoni mar-ristruttrar tar-runway fin-nofsinar minħabba l-obbligi tagħha marbuta mar-regolamenti fil-qasam tas-sigurtà fl-ajru (§ 27 (d) LuftVG) u minħabba l-obbligi marbuta ma' servizzi meteoroloġiċi (§ 27 (f) LuftVG).

Dwal għan-navigazzjoni

- (68) Ir-regolamenti dwar id-dwal għan-navigazzjoni huma determinati fl-addendum 14 tal-ICAO ⁽¹⁹⁾. Dawn ir-regolamenti ġew imdaħħla fil-Ġermanja permezz tal-*prinċipji komuni tal-pajjiż u tal-Istati dwar l-immarkar u t-tidwil ta' ajruporti bi strumenti għat-traffiku bl-ajru*. L-ajruport kellu aktar spejjeż marbuta mad-dwal għan-navigazzjoni li kellihom jiġu installati fir-runway il-ġdida fin-nofsinar.
- (69) Il-Ġermanja tiddikkjara, li fis-snin wara l-2010 ser ikun meħtieġ il-bini ppjanat ta' żoni oħra għat-tluġ u l-inżul u t-tagħmir tagħhom bis-sistemi ta' dwal. Spejjeż marbuta mal-operat għandhom jiġu wkoll ikkunsidrati (qabbel ma' figura 4).

3.1.5. Kompatibbiltà tal-ġhajjnuna mas-Suq Komuni

- (70) Jekk il-Kummissjoni tasal għall-konklużjoni, li dan l-investiment huwa ġhajjnuna, il-Ġermanja tissuġġerixxi, li l-investimenti jiġu deskritti bħala ġhajjnuna eżistenti fis-sens tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 tal-Kunsill tat-22 ta' Marzu 1999 dwar regolamenti speċifiċi għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE ⁽²⁰⁾, għalhekk "għajjnuniet, li jgħoddu bħala għajjnuniet eżistenti, għaliex jista' jiġu ppruvat, li fiż-żmien li huma ġew mogħtija, ma kinux għajjnuniet u aktar tard saru meqjusa bħala għajjnuniet minħabba l-iżvilupp tas-Suq Komuni".
- (71) Il-Ġermanja ssemmi ukoll li t-tiġdid tar-runway fin-nofsinar huwa wkoll fl-interess nazzjonali skont l-Artikolu 87 paragrafu 3 tat-Trattat tal-KE, u dwar dan ippreżentat xi argumenti. Fl-opinjoni tal-Ġermanja, il-bini tar-runway il-ġdida fin-nofsinar ser ittejjeb l-integrazzjoni tas-sistemi tat-trasport nazzjonali u internazzjonali u ġgħib għar-reġjun benefiċċi ekonomiċi. Intrapriżi internazzjonali, li għall-bejgħ tal-prodotti tagħhom jagħmlu użu mis-servizzi ta' kunsinna mghagħġla, jistabbilixxu ruħhom fir-reġjun Halle/Leipzig. Iċ-ċentru amministrattiv għall-ġarr ta' merkanzija bl-ajru kien diġa ġibed numru ta' intrapriżi attivi internazzjonalment fir-reġjun, li bihom jiżdiedu l-postijiet tax-xogħol ġodda tant meħtieġa. Ċentru amministrattiv għall-ġarr ta' merkanzija bl-ajru jirriżulta bħala ambjent konvenjenti għal intrapriżi u investimenti, liema ambjent min-naħa tiegħu iġib akatar effetti pożittivi fuq is-settur tax-xogħol. Il-Ġermanja tirreferi għall-analiżi mill-Professor Dr. Jüneman skont liema, permezz taċ-ċentru amministrattiv għall-ġarr ta' merkanzija bl-ajru kif jitlesta fis-sena 2008, fl-ajruport Leipzig/Halle biss għandu jkun hemm 3 500 post tax-xogħol diretti u madwar 7 000 post tax-xogħol indiretti. Il-maġġoranza ta' dawn il-postijiet tax-xogħol għandhom ikunu fintrapriżi speċjalizzati, li jistabbilixxu ruħhom fir-reġjun minħabba ċ-ċentru amministrattiv.
- (72) Ir-ristruttrar tar-runway fin-nofsinar hija wkoll aktar sostenibbli. Fil-futur, permezz tagħha jiġi evitat li jgħaddu

titjiriet minn fuq żoni popolati fin-nofsinar ta' Leipzig u fin-nofsinar ta' Halle. Żona minn Leipzig, li tinsab qrib l-ajruport u li kienet tinsab quddiem ir-runway il-qadima fin-nofsinar, kienet tiġi milquta minn ħafna strobju. Minħabba l-allinjament differenti tal-passaġġi tat-tluq u tal-wasla taż-żewġ runways l-istrobju li jirriżulta mill-operat ta' titjiriet kien kollu kkonċentrat hemmhekk. Permezz tar-ristruttrar tar-runway fin-nofsinar it-tniġġis ambjentali fiċ-ċentru urban popolat ta' Leipzig/Halle jonqos.

- (73) Barra minn hekk, l-allinjament tar-runway il-qadima fin-nofsinar ma kienx konformi mar-rekwiżiti meteoroloġiċi tal-avjazzjoni għal tluġ u nżul. Id-direzzjoni tar-riħ matul is-sena kif ukoll f'xhur individwali tkun ġeneralment mil-lbiċ. Għalhekk bejn l-allinjament tar-runway il-qadima fin-nofsinar u d-direzzjoni ġenerali tar-riħ jirriżulta li hemm devjazzjoni ta' madwar 20 grad. Dan jista' jkun ta' żvantaġġ minħabba interferenzi għal komponenti tar-riħ mill-ġenb għaż-żaqq. L-allinjament il-ġdid huwa konformi mar-rekwiżiti meteoroloġiċi tal-avjazzjoni u jippermetti l-operat ta' titjiriet bi strumenti li s'issa ma setax isir skont il-grad tal-operat CAT III f'kull tip ta' temp. Id-distanza ta' aktar minn 2000 metru bejn il-karreġġjati għat-tluġ u l-inżul tippermetti traffiku indipendenti ta' titjiriet fuqhom.
- (74) Il-Ġermanja tenfasizza li d-deċiżjonijiet kollha marbuta mal-ippjanar jittieħdu billi wieħed iżomm f'moħħu l-ħtiġijiet fuq tul ta' żmien u l-vantaġġi speċifiċi tal-ajruport jekk jikkonċentra aktar fuq il-ġarr ta' merkanzija. L-aktar importanti fost dawn il-vantaġġi huwa l-awtorizzazzjoni bla restrizzjonijiet ta' titjiriet ta' bil-lejl kemm għall-karreġġjati tat-tluġ kif ukoll tal-inżul. F'ħafna ajruporti Ewropej hemm restrizzjonijiet fuq titjiriet ta' bil-lejl. Dawn affettwaw it-traffiku għall-ġarr ta' merkanzija kollu u kienu speċjalment ta' ħsara għall-kunsinna mghagħġla, u l-operat ta' ċentru amministrattiv tal-avjazzjoni huwa prattikament biss possibbli f'ajruporti mingħajr restrizzjonijiet fuq titjiriet ta' bil-lejl.
- (75) Iżda dan it-tip ta' ajruporti mingħajr restrizzjonijiet fuq titjiriet ta' bil-lejl ġeneralment jinsabu f'reġjuni b'popolazzjoni iżgħar, li għandhom biss infrastrutturi insuffiċjenti għat-trasport fuq l-art. Iżda l-ajruport ta' Leipzig joffri l-vantaġġ ta' konnessjonijiet tat-trasport eċċellenti fin-netwerk tal-ferroviji u tat-toroq. Il-pjan reġjonali għall-punent ta' Sachsen ippublikat fl-2001 jispjega l-iżvilupp infrastrutturali ppjanat f'dan ir-reġjun. Skont dan il-pjan, l-ajruport għandu jiġi mkabbar b'tali mod li jtejjeb il-pożizzjoni tar-reġjun bħala parti min-netwerk tat-trasport għall-ġarr ta' merkanzija nazzjonali u internazzjonali.
- (76) L-ajruport jinsab fil-punt fejn jiltaqgħu żewġ awtostradi Ġermaniżi li jgħaqqdu ż-żoni importanti minn fejn jiġu l-aktar passiġġieri mal-ajruport mit-tramuntana, min-nofsinar u mill-ilvant u l-punent. In-netwerk ta' toroq għandu jiġi miżjud b'aktar rotot prinċipali, li għandhom jitkabbru b'konformità mat-tkabbir tal-ajruport. L-ajruport għandu wkoll konnessjoni eċċellenti man-netwerk tal-ferrovija. Il-binajri tal-ICE Erfurt-Halle/Leipzig jibqgħu sejrin sa ħdejn l-ajruport u għalhekk ikun jista' jintlaħaq faċilment permezz tal-użu ta' ferroviji bejn belt u oħra u ta' ferroviji reġjonali.

⁽¹⁹⁾ Appendiċi għall-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali.

⁽²⁰⁾ ĠUL 83, 27.3.1999, p. 1.

- (77) Skont il-Ġermanja din il-koinċidenza rari ta' aspetti pożittivi meta mqabbla man-nuqqasijiet fil-kapaċità u man-nuqqasijiet infrastrutturali f'ajruporti oħra Ġermaniżi hija utli ħafna. L-ajruport ta' Leipzig għalhekk iddeċieda li, għall-kuntrarju ta' ajruporti oħra Ġermaniżi, jikkonċentra fuq in-negozju marbut mal-ġarr ta' merkanzija bl-ajru u għalhekk fuq suq żgħir.
- (78) Is-settur tal-ġarr ta' merkanzija bl-ajru, speċjalment in-negozju b'kunsinni mgħaġġla qed juri tkabbir konsiderevoli. Dan l-iżvilupp qed iġiegħel lil fornituri kbar ta' servizzi ta' kunsinna mgħaġġla jkabbri l-kapaċitajiet operattivi tagħhom, waqt li l-kapaċitajiet eżistenti tal-ajruporti qed jonqsu u r-restrizzjonijiet fuq titjiriet ta' bil-lejl qed jiżiedu.
- (79) F'dak li għandu x'jaqsam mat-tħassib tal-Kummissjoni dwar l-effiċjenza ekonomika tat-tiġdid tar-runway fin-nofsinar, il-Ġermanja tirreferi għad-deċiżjoni fil-każ tal-ajruport ta' Antwerp, fejn il-Kummissjoni f'dak li għandu x'jaqsam ma' ajruporti reġjonali waslet għall-konklużjoni li restrizzjonijiet reġjonali aktarx jagħmluha impossibbli għall-ajruporti li jilhq u d-dħul meħtieġ, biex joffru servizzi adegwati ta' ajruport jew biex jiggarrantixxu l-effiċjenza ekonomika tal-ajruporti. Sabiex dawn l-ajruporti jkun jistgħu jiffunzjonaw bħala punt ta' aċċess fl-interess pubbliku, f'dawn iċ-ċirkostanzi huwa meħtieġ kapital pubbliku.
- (80) Id-disponibbiltà ta' żewġ karreġġjati għat-tluġ u l-inżul indipendenti minn xulxin hija ħtieġa indispensabbli għall-operat ta' ajruport modern għall-ġarr ta' merkanzija. Dan jgħodd aktar għal ċentri amministrattivi prinċipali u għal servizzi ta' kunsinna mgħaġġla. Mingħajr it-tieni karreġġjata għat-tluġ u l-inżul l-ajruport ta' Leipzig ma jstax jiffunzjona bħala ċentru amministrattiv u ma jstax jikkonċentra fuq is-suq żgħir tan-negozju għall-kunsinna mgħaġġla ta' merkanzija kif deskritt fil-paragraf 71 ff. In-numru ta' passiġġieri huwa totalment irrelevanti għall-mistoqsija jekk sistema ta' runways paralleli hijiex meħtieġa.
- (81) Minħabba l-allinjament tar-runway il-qadima fin-nofsinar tal-ajruport kien impossibbli li r-runway il-qadima fin-nofsinar u r-runway il-ġdida fit-tramuntana joperaw fl-istess ħin. Il-passaġġi tal-wasla u tat-tluq kienu jiltaqgħu f'punt bil-konsegwenza li l-istituzzjoni għas-sigurtà fl-ajru Ġermaniżi kienet tqis iż-żewġ runways mill-aspett tal-operat ta' titjiriet bħala runway waħda. Barra minn hekk kundizzjonijiet tat-temp negattivi jew inċidenti kienu jwasslu għal xkiel fil-katina loġistika. Id-disponibbiltà tat-tieni runway parallela hija għalhekk indispensabbli sabiex tiggarrantixxi l-operat mingħajr xkiel tal-ajruport u biex tiġbed fornituri ta' servizzi tal-ġarr ta' merkanzija. Din l-evalwazzjoni ġiet konfermata wkoll mill-awtoritajiet konċernati dwar proċeduri għat-tħejjija ta' pjanijiet għall-bini tar-runway il-ġdida fin-nofsinar. L-awtoritajiet ġabra pariri minn esperti dwar il-mistoqsija jekk hux meħtieġ li r-runway fin-nofsinar tiġi mdawwra biex tiġi parallela għar-runway fit-tramuntana, jew jekk il-karreġġjati għat-tluġ u l-inżul fil-forma ta' V jkun jistgħu jintużaw. Mir-rapport irriżulta li b'sistema ta' runways fil-forma ta' V anke ttardjar medju għal titjiriet tal-passiġġieri ma jkun aċċettabbli u li jsir traffiku għall-ġarr ta' merkanzija jkun impossibbli. Barra minn hekk, ġie determinat li ttardjar f'ċentru amministrattiv għall-kunsinna mgħaġġla ta' merkanzija jiżied għaliex, minħabba t-tagħbija u l-ħatt tal-merkanzija fi u minn ajruplani li waslu tard jiġu mtawla wkoll il-ħinijiet tat-tluq ta' ajruplani oħra. Il-katina loġistika fil-gateways tinkiser. Is-sistema ta' runways paralleli għalhekk iżżid il-flessibbiltà tal-ajruport u tagħmlu atrajenti għal utenti potenzjali.
- (82) Wara li kkunsidrat l-interessi pubbliċi kollha kkonċernati, l-awtorità tal-ippjanar ikkonfermat li l-pjanijiet għat-tkabbir jagħmlu sens għall-ekonomija u li l-opportunitajiet kummerċjali jibbilanċjaw sew ir-riskji. L-awtoritajiet ikkonċernati mit-tħejjija ta' pjanijiet waslu għall-konklużjoni li l-infrastruttura għall-istabbiliment ta' ċentru amministrattiv prinċipali għall-merkanzija bl-ajru fl-ajruport hija meħtieġa meta wieħed iqis il-lat makroekonomiku kif ukoll il-lat mikroekonomiku. Barra minn hekk, it-tidwir tar-runway tan-nofsinar tnaqqas il-periklu ta' ħabtiet. Il-Qorti Federali Amministrattiva approvat id-deċiżjoni għat-tħejjija ta' pjanijiet meta tat il-verdett tagħha fid-9 ta' Novembru 2006 u dwar dan il-każ ma ddkjarat l-ebda nuqqasijiet marbuta ma' konsiderazzjonijiet.
- (83) Ripetutament il-Ġermanja enfassizzat li d-deċiżjoni għall-bini mill-ġdid tar-runway fin-nofsinar ġiet meħuda indipendentement minn u qabel id-deċiżjoni tad-DHL għaċ-ċaqliq taċ-ċentru amministrattiv tagħha għall-merkanzija bl-ajru minn Brussell għal Leipzig. Id-DHL sempliċement kienet akkwistat konferma dwar l-użu tar-runway fin-nofsinar waqt żewġ perjodi ta' ħinijiet bil-lejl (li tikkorrispondu għal ammont ta' ħin ta' [10-25] % għall-użu tar-runway fin-nofsinar), filwaqt li r-runway tan-nofsinar fil-bqija tal-ħin li jibqa' bil-lejl kif ukoll matul il-ġurnat tkun disponibbli għall-persuni kkonċernati kollha.
- (84) Għalhekk skont l-evalwazzjoni tal-Ġermanja, il-miżura ma taffetwax b'mod negattiv il-kummerċ fil-Komunità, għaliex il-kapaċitajiet fis-suq għall-ġarr ta' merkanzija bl-ajru — speċjalment in-negozju għall-kunsinni mgħaġġla — fil-mument huwa limitat fl-Ewropa kollha.

3.2. Ghajnunna għad-DHL

3.2.1. Ftehim strutturali

3.2.1.1. Il-konformità mas-suq tal-garanziji li jinsabu fil-ftehim strutturali

- (85) Fl-opinjoni tal-Ġermanja, l-ajruport mexa skont il-prinċipju ta' investitur li jinneogzja f'suq liberu, meta ffirmat l-ftehim strutturali, għaliex l-effetti pożittivi u l-benefiċċji tal-ftehim mad-DHL kienu jibbilanċjaw tajjeb ħafna mar-riskji u l-obbligi tal-ajruport. Ir-riskju li jibqagħlu l-ajruport ta' Leipzig f'dak li għandu x'jaqsam mal-obbligi marbuta mal-kapaċitajiet u l-operat huwa żgħir ħafna.
- (86) Il-Ġermanja hi tal-opinjoni li l-ajruport aġixxa bħala investitur privat meta fil-21 ta' Novembru 2004 ħa d-deċiżjoni għall-bini tar-runway fin-nofsinar u sena wara biss, fil-21 ta' Settembru 2005, iddeċieda li jiffirma l-ftehim strutturali. Għalhekk il-mistoqsija deċiżiva hija jekk fis-sena 2005 l-ajruport stenniex dħul ta' flus ogħla fix-xenarju "tkabbir bid-DHL" milli bix-xenarju "tkabbir mingħajr id-DHL". Peress li f'Settembru tal-2005 l-bini tar-runway fin-nofsinar kien diġa avvanzat ħafna, sospensjoni tax-xogħlijiet ma kinitx tista' tiġi meqjusa bħala alternattiva effettiva.

- (87) Għall-kuntrarju tad-dikjarazzjonijiet magħmula qabel, fil-kalkulazzjonijiet ta' dħul u ħruġ ta' flus il-Ġermanja inkludiet ukoll valuri finali biex tagħti evidenza ta' aktar profitti mir-runway fin-nofsinar. Il-kalkulazzjoni ta' valuri finali hija bbażata fuq l-espansjoni lineari tal-profit nett fis-snin 2038-2042 bis-suppożizzjoni ta' żieda fid-dħul ta' 3 %.
- (88) L-inklużjoni tal-valuri finali taffettwa b'mod qawwi l-profit tax-xenarji tan-negozju. Fil-waqt li l-Ġermanja għall-perjodu bejn l-2006 u l-2042 ikkalkulat dħul ta' flus nett ta' [...] euro għat-*tkabbir bid-DHL* u ta' madwar [...] euro għat-*tkabbir mingħajr id-DHL*, il-valuri finali li ma kinux netti sal-2006 jammontaw għal madwar [...] euro u [...] euro rispettivament. Kif juru dawn il-figuri, il-valuri finali jgħollu l-profit tax-xenarju "*tkabbir bid-DHL*" għal fattur ta' kważi [...] euro u jagħmlu t-"*tkabbir mingħajr id-DHL*" minn proġett li jgħib telf għal proġett li jgħib qligħ bi dħul ta' flus ta' madwar [...] euro
- (89) Jekk tieħu bħala bażi d-differenza bejn iż-żewġ bilanċi kkalkulati ta' dħul ta' flus taż-żewġ xenarji, il-Ġermanja tasal għall-konklużjoni li x-xenarju "*tkabbir bid-DHL*" fis-sena 2005 iġib dħul ta' flus, li huwa madwar [...] euro aktar minn dak marbut max-xenarju "*tkabbir mingħajr id-DHL*" ⁽²¹⁾.
- (90) F'dak li għandu x'jaqsam mal-kalkolu marbut mar-riskji, il-Ġermanja tgħid li assigurazzjonijiet għal riskji huma prattiċi popolari fin-negozju u li r-riskju fil-każ preżenti jista' jiġi ffinanzjat mid-dħul ta' flus. Il-Ġermanja tistma r-riskju marbut mal-ftehim strutturali għal madwar [...] euro, f'każ li jiġu introdotti restrizzjonijiet fuq titjiriet ta' bil-lejl, u tassumi li dan ir-riskju jista' jiġi ffinanzjat mill-qligħ mid-dħul ta' flus permezz tad-DHL ⁽²²⁾. Investitur privat kien jaċċetta r-riskju tal-kumpens, għaliex fix-xenarju ta' *tkabbir bid-DHL*, il-bilanċ pożittiv ta' [...] euro milħuq minn dħul ta' flus ikun biżżejjed biex ikopri r-riskju tal-kumpens ta' [...] euro.
- (91) Minbarra dawn il-kunsiderazzjonijiet dwar il-periklu tal-projbizzjoni ta' titjiriet ta' bil-lejl, il-Ġermanja kkunsidrat ukoll rata ta' tnaqqis ta' 6,5 % bħala raġonevoli, għaliex id-dħul fil-kalkoli ma jinkludi l-ebda addattament għall-inflazzjoni u r-riskji tal-ajruport ta' Leipzig huma żgħar. Din l-istima hija sostnuta permezz ta' referenza għad-deċiżjoni tal-awtoritajiet regolatorji tar-Renju Unit dwar
- id-determinazzjoni ta' kumpensi lil ajruporti għall-perjodu ta' żmien bejn l-2008 u l-2013. Dawn il-kalkoli huma bbażati fuq spejjeż kapitali komparabbli (netti u gross) ta' 6,2 % għall-ajruport ta' Heathrow u ta' 6.7 % għall-ajruport ta' Gatwick.
- (92) Barra minn hekk il-Ġermanja tenfassizza li waqt l-evalwazzjoni tal-kommensurabbiltà tal-ftehim strutturali ġie kkunsidrat ukoll li d-DHL, permezz tal-investment ta' EUR 250 miljun fiċ-ċentru amministrattiv Ewropew il-ġdid tagħha u permezz tar-rabta tagħha għal tul ta' żmien ma' Leipzig, ukoll qed tieħu riskju tan-negozju konsiderevoli, u li l-ajruport ta' Leipzig jieħu kumpens mingħand id-DHL, jekk l-intrapriża tiddeċiedi li twaqqaf l-attività tagħha qabel ma jgħaddi perjodu ta' 15-il sena.
- (93) Il-Ġermanja waslet għall-konklużjoni li mal-iffirmar tal-ftehim strutturali hemm marbut vantaġġ ekonomiku akbar milli kieku l-ftehim ma jgħix iffirmat u li konsegwentament investitur privat kien jiffirma l-ftehim strutturali mad-DHL. Għalhekk fil-ftehim strutturali m'hemm inkluż l-ebda element ta' għajnuma mill-Istat.
- 3.2.1.2. Konformità mas-suq tal-kuntratti tal-kera
- (94) Il-Ġermanja tispjega li għaż-żona tat-tluġ u l-inżul kien meħtieġ kuntratt tal-kera għaliex l-ajruport għandu jibqa' dejjem il-proprietarju tal-infrastruttura biex jiġu ggarantiti l-aċċessi pubbliċi għaż-żona għat-tluġ u l-inżul għal raġunijiet ta' traffiku fl-ajru kif ukoll minħabba r-regolamenti dwar l-ippjanar, anke jekk ikollu jiġi xolt il-kuntratt mad-DHL.
- (95) F'dak li għandu x'jaqsam ma' kundizzjonijiet speċifiċi fil-kuntratti tal-kera li taw lid-DHL id-dritt għall-għażla li tikri biċċiet ta' art qrib iż-żoni mogħtija lid-DHL u li formalment jipprojbixxu l-kiri ta' dawn iż-żoni lil kompetituri tad-DHL, il-Ġermanja semmiet li l-ajruport ta' Leipzig għandu ħafna biċċiet ta' art li ma jmissux maż-żona mogħtija lid-DHL u li huma disponibbli għal kompetituri tad-DHL. Il-Ġermanja tgħid ukoll li r-reservazzjoni ta' artijiet qrib iż-żoni tad-DHL hija konformi mal-prinċipju tal-protezzjoni tal-imgħaxijiet kummerċjali tal-kerrej, li huwa rikonoxxut fil-liġi tal-kera Ġermaniża ⁽²³⁾.
- 3.2.1.3. Konformità mas-suq ta' ħlasijiet lill-ajruport
- (96) Skont valutazzjoni tal-Ġermanja l-ajruport aġixxa bħala investitur privat, għaliex il-ħlasijiet lill-ajruport miftehma mad-DHL huma konformi ma' kundizzjonijiet normali tas-suq u jinsabu wkoll fl-ogħla skala ta' ħlasijiet, li d-DHL tħallas għal ċentri amministrattivi oħra Ewropej (qabbel man-paragraf 115 ff.). Għalhekk il-Ġermanja tagħti prova li l-ħlasijiet lill-ajruport imħallsa mid-DHL lill-ajruport ta' Leipzig mhuma bl-ebda mod trattament preferenzjali.
- ⁽²¹⁾ Dan ir-riżultat huwa meħud mill-kalkoli fl-appendiċi, li juru li d-differenza fil-bilanċ ta' dħul ta' flus bejn l-operat tar-runway fin-nofsinar bid-DHL u mingħajr id-DHL *fis-sena 2005* hija ta' madwar [...] euro (qabbel mal-bilanċ ta' dħul ta' flus fil-kolonna 4 u 5 tal-figura 1). Jekk ma' dan l-ammont wieħed iżid id-differenza tal-valur residwu bejn iż-żewġ xenarji, u jżid it-total mal-kalkoli tal-2006, b'rata ta' mgħaxijiet ta' 6,5 %, wieħed xorta waħda jasal għall-valur ta' [...] euro.
- ⁽²²⁾ Il-Ġermanja tassummi, li t-talbiet għal kumpensi ser jonqsu b'mod lineari matul iż-żmien permezz tal-ħlas lura tal-investment mid-DHL. Ibbażat fuq l-ammont massimu ta' [...] euro fis-sena [...] dan ifisser pereżempju. [...] euro fis-sena [...] u [...] euro fis-sena [...]. Jekk wieħed jagħxi fuq is-premessa li l-possibbiltà ta' projbizzjoni fuq titjiriet ta' bil-lejl hija ta' 25 %, ir-riskju nominali mistenni jammonta għal [...] euro fis-sena [...] u l-valur imnaqqas tiegħu ta' [...] euro. Din kienet l-analiżi tal-Ġermanja għall-aktar sitwazzjoni ħażina peress li wara 10-15-il sena jistgħu jiġu applikati emendi fil-liġi (Dikjarazzjoni tal-Ġermanja, 23 ta' Frar 2007, paġni 68—69).
- ⁽²³⁾ Qabbel mad-dikjarazzjoni tat-23 ta' Frar 2007 tal-Ġermanja, in-nota ta' qiegħ tal-paġna 68, għal lista estensiva ta' ġurisprudenza rilevanti u għal tifsira tad-dispożizzjoni "protezzjoni tal-interessi ekonomiċi tal-kerreja" ("*Konkurrenzschutzklausel*").

3.2.1.4. Dikjarazzjoni mill-Istat

- (97) L-ewwel nett il-Ġermanja tispedja li l-Istat ta' Sachsen ser jiġi indirettament kumpensat għall-garanzija permezz tal-qliġh ogħla li jiġi mill-investment. It-tieni nett, il-Ġermanja tħares lejn id-dikjarazzjoni mill-Istat bħala Prattika popolari fin-negozju, għaliex l-Istat ta' Sachsen ta din id-dikjarazzjoni mill-Istat li tammonta għal [...] euro għall-benefiċċju tad-DHL biex jirreċiproka d-dikjarazzjoni mid-Deutsche Post AG (jiġifieri l-kumpanija proprjetarja tad-DHL) li tammonta għal [...] euro, biex tipproteġi kull tip ta' dritt tal-ajruport ta' Leipzig fil-konfront tad-DHL (pereżempju, li d-DHL ikollha tħallas kumpens skont il-kuntratt tal-ammont ta' ħlasijiet marbuta mal-inżul għal [...] snin, f'każ li l-intrapriża tiddeċiedi li wara l-ewwel [...] snin tal-ftehim strutturali titlaq mill-ajruport ta' Leipzig).
- (98) Barra minn hekk il-Ġermanja tagħmilha ċara li d-dikjarazzjoni mill-Istat teħtieġ l-approvazzjoni mill-Kummissjoni u għalhekk għadha ma daħħlitx fis-seħħ.

4. POŻIZZJONI TA' TERZI PERSUNI

4.1. DHL

4.1.1. Għajnuna għall-ajruport

- (99) Fl-opinjoni tad-DHL id-dubji tal-Kummissjoni dwar il-ħtieġa tal-bini tar-runway il-ġdida fin-nofsinar jikkontradixxu b'mod dirett id-dikjarazzjoni maħruġa minnha stess fl-24 ta' Jannar 2007 indirizzata lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kummissjoni Ewropeja għall-Ekonomija u Affarijiet Soċjali u lill-Kummissjoni tar-Reġjuni "Pjan ta' azzjoni għall-kapaċità, l-effiċjenza u s-sigurtà tal-ajruporti fl-Ewropa" ⁽²⁴⁾, li skont hi l-kapaċitajiet eżistenti għandhom jiżdiedu, sabiex jiġu mnaqqsa piżijiet żejda minn fuq l-ajruporti Ewropej. Id-DHL permezz tat-tfittix tagħha fit-tul għal ċentru amministrattiv addattat tara li kif tikkonferma d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni, dan is-settur wasal fit-tarf tal-kapaċitajiet tiegħu.
- (100) It-tkabbir tal-ajruport ta' Leipzig jikkontribwixxi bil-kbir għall-eliminazzjoni ta' din il-kriżi fil-kapaċitajiet. Wara li l-Kummissjoni kienet iddikjarat it-traffiku bl-ajru bħala "il-mutur" tat-tkabbir ekonomiku u l-ġarr tal-merkanzija bl-ajru bħala "iċ-ċavetta" għat-tkabbir tas-suq domestiku u tal-kummerċ barrani, it-tkabbir tal-kapaċitajiet tal-ajruport ta' Leipzig huwa għalhekk fl-interess pubbliku tal-Istati Membri u tal-Kommunità kollha.
- (101) Fl-opinjoni tad-DHL it-tkabbir jew it-tiġdid tal-karreġġati tat-tluġh u tal-inżul huma aktar ekonomikament effiċjenti mill-bini mill-ġdid ta' karreġġata ġdida għat-tluġh u l-inżul. Sistema ta' runways paralleli tevita l-ittardjar u d-devjazzjoni ta' traffiku minn ajruporti oħra. Li jiġi evitat id-dewmien hija problema aktar kritika fil-qasam tat-traffiku għall-ġarr ta' merkanzija bl-ajru u speċjalment fejn hemm ċentri amministrattivi ċentrali għal traffiku ta' merkanzija b'kunsinna mgħaġġla milli fil-qasam tat-traffiku ta' passiġġieri.

- (102) Skont id-DHL l-akbar vantaġġi taċ-ċaqliq tagħha lejn l-ajruport ta' Leipzig huma l-assenza ta' projbizzjoni ta' tit-

jiriet ta' bil-lejl, il-konnessjoni tajba man-network ta' toroq u ferrovija għall-ġarr ta' merkanzija u d-disponnibilità ta' ħaddiema lokali. Il-bini ta' karreġġati għat-tluġh u l-inżul jeħtieġ ukoll il-provvista ta' infrastrutturi neċessarji għal mezzijiet pubbliċi tat-trasport bħala servizz fl-interess komuni. Dan jgħodd speċjalment għar-reġjuni l-ġodda tal-Ġermanja għaliex it-tiġdid tal-infrastrutturi sottoviluppati tat-trasport fdawn ir-reġjuni hu bla dubju problema pubblika fl-interess tal-pubbliku ġenerali.

- (103) Il-proċeduri kumplessi għat-tħejjija ta' pjanijiet għar-runway fin-nofsinar irriżultaw li mil-lat makroekonomiku u mil-lat mikroekonomiku, it-tiġdid tar-runway fin-nofsinar hu meħtieġ. Għalhekk jista' jiġi eskluż li r-runway fin-nofsinar tal-ajruport ta' Leipzig ġiet ipplanata u mibnija b'mod speċjali għad-DHL. Dan il-proġett ġie mwettaq indipendentament fdak li għandu x'jaqsam ma' żmien u fatti mid-DHL.

- (104) Id-DHL hija tal-opinjoni, li l-Kummissjoni fid-deċiżjoni tagħha għall-bidu ta' proċeduri ma kkunsidratx biżżejjed ir-rekwiżiti speċjali marbuta mal-loġistika għall-ġarr ta' merkanzija b'kunsinna mgħaġġla. Għall-kuntrarju ta' traffiku bil-passiġġieri, li temporanjament jista' jiġi ddevjat lejn ajruporti oħra, għal servizzi ta' kunsinna mgħaġġla huwa meħtieġ it-twaqqif ta' ċentru amministrattiv u investimenti kbar, li l-ispejjeż tagħhom huma biss valla-pena jekk isir stabbiliment permanenti. Ġarr ta' merkanzija b'kunsinna mgħaġġla naturalment isir "bil-lejl" u għalhekk jiddependi bil-kbir minn perjodi ta' ħinijiet għal titjiriet bil-lejl disponibbli kontinwament. Iżda jekk il-Kummissjoni tqis dan ir-rekwiżit bażiku bħala trattament preferenzjali, tkun qed tpoġġi fid-dubju l-prinċipji kummerċjali tal-fornituri kollha ta' servizzi ta' kunsinna mgħaġġla.

- (105) F'każ ta' ċessjoni tar-responsabbiltà finanzjarja għar-runway fin-nofsinar lid-DHL, l-intrapriża tara dan bħala żvantaġġ inaċċettabbli fis-suq għal servizzi ta' kunsinna mgħaġġla, għaliex il-kompetituri tagħha jkollhom iħallsu biss ħlasijiet standard għat-titjiriet b'merkanzija u fuqhom ma jiġu imposti l-ebda spejjeż marbuta mal-karreġġati għat-tluġh u l-inżul. Fl-opinjoni tad-DHL waqt l-iffirmar tal-ftehim, l-ajruport aġixxa bħala investitur privat għaliex il-ħlasijiet għat-tluġh u l-inżul, il-kundizzjonijiet fil-kuntratti tal-kera taż-żona għat-tluġh u l-inżul u l-kundizzjonijiet fil-kuntratt dwar ċens huma konformi mal-kundizzjonijiet normali tas-suq. Iż-żmien tal-kuntratt u l-kumpensi li għalihom saru provvedimenti ġew ibbilanċjati. Il-garanziji li għalihom saru provvedimenti fil-ftehim strutturali meta mkejla mar-riskji meħuda huma ġġustifikati u huma konformi mal-kundizzjonijiet normali għas-suq. Id-dikjarazzjoni mill-Istat għadha ma ġietx awtorizzata mill-Kummissjoni u għalhekk għadha ma daħlitx fis-seħħ.

4.1.2. Għajnuna għad- DHL

- (106) Fl-opinjoni tad-DHL, il-ftehim strutturali ma jinkludi fih l-ebda trattament preferenzjali għad-DHL, iżda biss konsiderazzjonijiet u kundizzjonijiet finanzjarji li jstgħu jiġu nnegozjati.

⁽²⁴⁾ COM(2006) 819 definitiva.

4.1.2.1. Il-konformità mas-suq tal-garanziji li jinsabu fil-ftehim strutturali

- (107) Id-DHL hija tal-opinjoni li fl-investigazzjoni tagħha jekk investitur privat kienx jaċċetta l-obbligi għall-kumpens li saru provvedimenti għalihom fil-ftehim strutturali, il-Kummissjoni ma kkunsidratx ir-riskji ekonomiċi differenti ta' dawk involuti.
- (108) Għad-DHL it-twaqqif taċ-ċentru amministrattiv ċentrali fl-ajruport ta' Leipzig ma jfissirx biss investiment ta' aktar minn EUR 250 miljun, iżda wkoll dipendenza kummerċjali totali fuq id-disponibbiltà għal tul ta' żmien tal-perjodi ta' ħinijiet għal titjiriet ta' bil-lejl. Jekk dawn il-perjodi ta' ħin ma jibqgħux disponibbli, mhux biss jintefa dubju fuq kemm jagħmel sens investiment ta' EUR 250 miljun, iżda wkoll li jiġi affettwat in-negozju kollu tad-DHL b'mod globali, b'konsegwenzi negattivi imprevedibbli. Skont id-DHL kull investitur privat li jrid iwassal klijent kbir biex jinvesti friskji finanzjarji kbar, ikollu jinneozja dawn ir-riskji bil-prinċipju "aġhti, imbagħad jagħtu lilek", biex jirbaħ lill-klijent.
- (109) Anke wara li jkun deċiż li tinbena it-tieni karreġjata għat-tluġ u l-inżul (li ma jkunx sar bi ħsieb għad-DHL) ir-riskji għall-ajruport huma ħafna iżgħar minn dawk għad-DHL. Għalhekk, dan ifisser li d-distribuzzjoni diskriminatorja tar-riskji tista' tiġi riflessa biss fid-dispożizzjonijiet ta' responsabbiltà. Waqt li projbizzjoni jew restrizzjoni tat-titjiriet ta' bil-lejl tfisser ħsara kbira għad-DHL, il-ħsara li ssir lill-ajruport tkun limitata għat-telf li jsir mill-ħlasijiet għat-tluġ u l-inżul, li jistgħu jiġu faċilment kompensati minn utenti oħra. Il-probabbiltà li d-DHL titlaq mill-ajruport fuq inzjattiva tagħha hija żgħira ħafna min-ħabba l-ispejjeż kbar ta' investiment. Riżultat ta' dan il-provvediment fil-ftehim strutturali għall-kumpens huwa imparzjalment meħtieġ u għalhekk anke normali għas-suq.
- (110) Il-ħtieġa li l-operat ta' titjiriet ta' bil-lejl jiġi ggarantit lil operatur ta' servizzi ta' kunsinna mgħaġġla hija wkoll dokumentata fil-kuntratt ippubblikat bejn is-SAB (operatur tal-ajruport ta' Liège) u t-TNT dwar it-twaqqif ta' ċentru amministrattiv ċentrali permezz tat-TNT:
- (a) Il-karreġjati tat-tluġ u l-inżul fl-ajruport ta' Liège għandhom ikunu riżervati mingħajr restrizzjonijiet għall-ħin ta' 140 % tal-volum tal-attività tat-TNT f'perjodu partikulari ta' ħin bejn id-9 ta' filgħaxija u s-6 ta' filgħodu (numru 32.1 tal-kuntratt SAB-TNT). Din il-klawżola tittraxxendi sostanzjalment il-ftehim strutturali fil-każ preżenti, għaliex hi tagħmel provvediment għal riserva ta' kapaciċitajiet ta' 40 % permanentement u tirrifletti biss fil-ħtieġa imparzjali li perjodu ta' ħin indispensabbli għal titjiriet ta' bil-lejl huwa ggarantit għall-intrapriża kkonċernata b'rabta permezz ta' kuntratt u li tippoteġi l-investimenti kbar magħmula.
- (b) Barra minn hekk ir-responsabbiltà mingħajr limiti għal ħsarat kollha ġiet aċċettata mis-SAB u mir-reġjun ta' Wallonia, inkluż profitt imāinarju f'każ li l-garan-

ziji ma jiġux issodisfati waqt l-20 sena (numru 8.c tal-kuntratt SAB-TNT).

- (111) Skont id-DHL it-tqassim diskriminatorju tar-riskji jidher aktar ċar fir-regolamenti dwar l-ammont u l-perjodu ta' żmien tal-obbligu tal-kumpens: It-TNT hija intitolata għal kumpens mis-SAB f'każ li l-garanziji ma jiġux issodisfati waqt il-perjodu sħiħ tal-kuntratt, iżda d-drittijiet marbuta ma' ħsarat fil-konfront tas-SAB jonqsu aktar kemm ma jgħaddi żmien mill-perjodu tal-kuntratt, jekk it-TNT ttejjem il-kuntratt wara 10 snin, id-dritt jonqos b'tali mod li jiġi jiswa daqs l-ammont medju ta' ħlasijiet għall-inżul imħallsa f'sena (qabbel man-numru 10.3 c tal-kuntratt SAB-TNT).

4.1.2.2. Konformità mas-suq tal-ftehim tal-kera

- (112) Il-Kummissjoni kkritikat il-fatt li r-rati tal-kera taż-żona għat-tluġ u l-inżul mhumiex addattati għall-prezzijiet marbuta ma' propjetà immobbli normali għar-reġjun, u għal dan id-DHL targumenta li mil-lat legali l-kuntratt dwar l-kera mhuwiex kuntratt tal-kera marbut mal-abitazzjoni. Skont il-forma legali u n-natura tiegħu kuntratt tal-kera industrijali ma jsegwix ir-rati tal-kera normali għar-reġjun, iżda jiġi addattat għar-rati tal-imgħaxijiet tal-kapital provvist minn sid il-kera. Għalhekk addattament tal-ħlasijiet li għandhom jitħallsu mill-utent għar-rati tal-kera normali għar-reġjun mhux raġonevoli u lanqas jinstab fi ftehimiet oħra simili tal-kera.
- (113) Il-kritika tal-Kummissjoni li l-ftehim tal-kera jillimita l-libertà għal għażliet tal-ajruport f'dak li għandu x'jaqsam mal-finanzjament ta' spejjeż marbuta ma' investimenti permezz ta' krediti jew kontribuzzjoni għall-kapital, skont id-DHL hija bbażata fuq interpretazzjoni ħażina tal-ftehim tal-kera. Fir-realtà il-kuntratt jobbliga biss lill-ajruport ta' Leipzig li jakkwista offerti ta' krediti, sabiex tinżamm bażi imparzjali għall-kalkolu tal-ħlasijiet tal-utent, iżda mhux biex jiġu aċċettati krediti. L-ajruport għalhekk mhuwiex obligat li jagħmel użu minn dawn l-offerti u huwa liberu fid-deċizzjonijiet tiegħu dwar finanzjamenti.
- (114) Fil-kunsiderazzjonijiet tagħha f'dak li għandu x'jaqsam mal-imgħaxijiet fuq ċnus apparentement il-Kummissjoni użat informazzjoni mhux korretta dwar id-daqs tal-artijiet skont numru 1.5 tal-kuntratt dwar ċnus. L-erja fir-realtà tammonta għal [...] m², għalhekk flok il-kera mistennija ta' [...] euro/m² il-kera proprja hi ta' [...] euro/m². Għalhekk jekk wieħed jieħu l-erjas korretti bħala bażi, l-isproporzjon bejn il-kuntratt dwar ċnus u l-ħlasijiet għal drittijiet preżunt mill-Kummissjoni mhuwiex preżenti.

4.1.2.3. Konformità mas-suq tal-ħlasijiet lill-ajruport

- (115) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Kummissjoni bbażati fuq l-ispejjeż addizzjonali tar-runway fin-nofsinar mhumiex aċċettabbli għaliex ir-runway fin-nofsinar ġiet mibnija għall-pubbliku ġenerali u mhux speċjali għall-użu mid-DHL. Konsegwentement, il-ħlasijiet lill-ajruport biss setgħu jkunu ta' importanza għall-kontroll. Meta wieħed iqabbel

mal-ajruporti l-oħra Ewropej fejn hemm ċentri amministrattivi tad-DHL, Bergamo (BGY), Brussell (BRU), Cologne (CGN) u Nottingham (EMA), il-ħlasijiet għall-inżul fl-ajruport ta' Leipzig (LEJ) huma medja ta' [...] % ogħla; għal titjiriet ta' bil-lejl il-ħlasijiet lill-ajruport jinsabu [...] % 'l fuq mill-medja (qabbel mal-figura aktar 'l isfel). Meta mqabbla mal-ħlasijiet għall-inżul f'Vatry li qed jiġu mħallsa bħalissa, id-DHL qed tħallas kważi [...] darbjet aktar għall-inżul f'Leipzig. Barra minn hekk l-utenti kollha tal-ajruport ta' Leipzig għandhom iħallsu kollha l-istess ħlasijiet lill-ajruport. Għad-DHL huwa ċar li l-ħlasijiet għall-inżul fl-ajruport ta' Leipzig huma normali għas-suq.

Tabella 6

Ħlasijiet lill-ajruport għal titjiriet ta' bin-nhar

	A300	B757 (100 T)	B757 (93 T)	Medja
BGY	[...]	[...]	[...]	[...]
BRU	[...]	[...]	[...]	[...]
CGN	[...]	[...]	[...]	[...]
EMA	[...]	[...]	[...]	[...]
Medja taċ-ċentri amministrattivi tad-DHL	[...]	[...]	[...]	[...]
Vatry	[...]	[...]	[...]	[...]
LEJ	[...]	[...]	[...]	[...]

Il-ħlas medju ġie kkalkulat fuq il-bażi tat-tipi ta' inġenji tal-ajru użati mid-DHL (A300, B757).

Tabella 7

Ħlasijiet lill-ajruport għal titjiriet ta' bil-lejl

	A300	B757 (100 T)	B757 (93 T)	Medja
BGY	[...]	[...]	[...]	[...]
BRU	[...]	[...]	[...]	[...]
CGN	[...]	[...]	[...]	[...]
EMA	[...]	[...]	[...]	[...]
Medja taċ-ċentri amministrattivi tad-DHL	[...]	[...]	[...]	[...]
Vatry	[...]	[...]	[...]	[...]
LEJ	[...]	[...]	[...]	[...]

Il-ħlas medju ġie kkalkulat fuq il-bażi tat-tipi ta' inġenji tal-ajru użati mid-DHL (A300, B757).

4.2. Il-Korporazzjoni tal-Ajruporti tal-Ġermanja Ċentrali (MFAG)

- (116) L-MFAG bħala propjetarja tal-ajruport ta' Leipzig, fil-bidu tal-kummenti tagħha wriet il-pożizzjoni tagħha, li hija ser tkompli fuq dak li qalet il-Ġermanja.

4.2.1. *Għajjnuna għall-ajruport*

- (117) Fl-opinjoni tal-propjetarju tal-ajruport, il-fatti juru li mill-operat tal-ajruport jidher ċar li dan jista' jlaħħaq mad-domanda. It-tkabbir tal-ajruport ta' Leipzig u l-integrazzjoni tiegħu fin-netwerk reġjonali tat-trasport huwa ta' importanza kbira għat-tkabbir tar-reġjun, li huwa appoġġjat anke mill-Kommunità. L-ajruport jissodisfa wkoll l-istandards validi mal-Ewropa kollha għall-ħolqien ta' kapaċitajiet ta' ajruporti, sabiex tinżamm il-kompettitività tal-Kommunità fis-settur tal-ġarr ta' merkanzija bl-ajru.

4.3. ADV — Il-Konsorzju tal-Ajruporti tal-Passigieri fil-Ġermanja4.3.1. *Għajjnuna għall-ajruport*

- (118) Fl-opinjoni ta' din l-assoċjazzjoni, il-Ġermanja għandha linja tat-trasport effiċjenti għaċ-ċentri globali. Minħabba l-ammonti ta' kapital dejjem jizjeddu, li huma marbuta mal-ġarr ta' merkanzija bl-ajru, l-importanza ta' ħinijiet tat-trasport iqsar qiegħda dejjem tikber. F'dawn l-aħħar għoxrin sena s-settur tas-servizzi matul il-lejl wera tkabbir dinamiku — tendenza li setgħet tkompli minħabba s-saħħa tal-globalizzazzjoni. Iżda fil-Ġermanja jiddomina n-nuqqas tal-istabbilment ta' intrapriżi kbar għall-ġarr ta' merkanzija bl-ajru, li hija sitwazzjoni inkwetanti għall-Ewropa kollha. Il-kapaċitajiet għal titjiriet bil-lejl fl-akbar tliet ċentri amministrattivi għall-ġarr ta' merkanzija bl-ajru fi Frankfurt, Munich u Cologne/Bonn qed jiġu utilizedati b'mod sħiħ u s-sitwazzjoni tista' tmur għall-agħar jekk l-ajruport ta' Frankfurt iwaqqaf għal kollox l-operat tat-titjiriet ta' bil-lejl tiegħu. Fl-opinjoni tal-konsorzju għandhom jinħolqu kapaċitajiet ġodda sabiex tinżamm il-kompettitività kummerċjali fis-suq globali. It-tkabbir tal-ajruport ta' Leipzig jissodisfa din il-ħtieġa, inaqqs il-piż minn fuq ajruporti oħra u jagħtihom il-possibbiltà li jikkonċentraw fuq in-negozju b'passiġġieri. Fl-istess ħin l-ajruport ta' Leipzig ikun kolonna ta' sostenn għall-iżvilupp ekonomiku fil-Ġermanja tal-Lvant. Fl-opinjoni tal-Konsorzju tal-Ajruporti tal-Passigieri, il-bini tar-runway il-għdida fin-nofsinar tal-ajruport ta' Leipzig kienet meħtieġa.

4.4. Il-belt ta' Leipzig4.4.1. *Għajjnuna għall-ajruport*

- (119) Skont informazzjoni mill-belt ta' Leipzig, ir-reġjun fit-tramuntana ta' Leipzig bħala ċentru tal-kummerċ huwa ta' importanza kbira għall-kompettitività internazzjonali ta' tliet stati. Permezz tal-estensjoni ta' awtostradi u toroq, ta' linja għal ferroviji b'veloċità kbira u ta' sistema ta' ferroviji reġjonali, iżda fuq kollox permezz tat-tkabbir tal-ajruport ta' Leipzig, dan iċ-ċentru amministrattiv tal-loġistika għandu disponibbli r-rekwiżiti kollha, biex iżomm kompettitività globali għal tul ta' żmien.

- (120) Studju mill-belt ta' Leipzig, mill-Kamra għall-Industrija u l-Kummerċ u miċ-Ċentru għall-Ġarr ta' Merkanzija juri, li għall-Ġermanja ċentrali u r-reġjun ta' Leipzig huwa mistenni li jinħolqu 100 000 post tax-xogħol fis-settur tal-loġistika.
- (121) Il-belt ta' Leipzig tara r-runway fin-nofsinar tal-ajruport bħala infrastruttura pubblika ta' importanza kbira mhux biss għad-DHL, iżda ukoll għal numru kbir ta' intrapriżi — speċjalment minħabba ż-żieda fir-restrizzjonijiet fuq titjiriet ta' bil-lejl f'postijiet oħra. L-istabbiliment tad-DHL f'Leipzig huwa assolutament ikkunsidrat bħala fundamentali għall-ġbid ta' aktar intrapriżi għall-ġarr ta' merkanzija bl-ajru u għall-utilizzazzjoni tal-kapaċitajiet tal-ajruport.
- (122) Barra minn hekk, il-belt ta' Leipzig tkompli billi tgħid li permezz tar-runway il-ġdida fin-nofsinar tinholq sistema ta' runways paralleli, li tista' żżomm 'il bogħod it-traffiku tal-ajru minn fuq reġjuni ppopolati ħafna. Il-belt ta' Leipzig hija tal-opinjoni li t-tkabbir tal-ajruport ta' Leipzig ma kienx ikun possibbli mingħajr mezzi pubbliċi. L-istess jgħodd għal ajruporti kompetittivi Ewropej.

4.5. Il-belt ta' Schkeuditz

4.5.1. Ghajjnuna għall-ajruport

- (123) Il-belt ta' Schkeuditz tirreferi għall-fatt li qiegħda fil-proċess li ssir ċentru ta' żvilupp reġjonali importanti. Schkeuditz tagħmel parti minn ċentru ta' żvilupp suprareġjonali u f'dawn l-aħħar għaxar snin żviluppat f'ċentru ta' sistema moderna tat-trasport. Din is-sitwazzjoni tal-belt kienet fuq kollox possibbli grazzi għal tkabbir ekonomiku mhux tas-soltu skont l-istandards tal-Ġermanja tal-Lvant. Minħabba l-kundizzjonijiet eċċellenti tal-post din it-tendenza pożittiva hija mistennija li tkompli għal tul ta' żmien.
- (124) F'dak li għandu x'jaqsam mar-runway fin-nofsinar, il-belt ta' Schkeuditz tirreferi għall-fatt li fid-19 ta' Lulju 1991, l-ajruport kien diġà wasal għall-konklużjoni, li d-dinamika tal-iżvilupp fir-reġjun kienet tehtiegħ it-tiġdid tat-tieni karreġjata għat-tluġh u l-inżul.

4.6. IHK Leipzig

4.6.1. Ghajjnuna għall-ajruport

- (125) Il-Kamra għall-Industrija u l-Kummerċ ta' Leipzig tiddikjara li l-provvista ta' infrastrutturi tat-trasport adegwati hija affari tal-Istat, li tagħtih kontroll mingħajr restrizzjonijiet fuq l-iżvilupp tiegħu u tobbligah, li jipprattika dan il-kontroll f'isem iċ-ċittadini.
- (126) Mis-sena 1991 'l hawn saru investimenti fit-tkabbir tal-infrastrutturi u fit-tagħmir tekniku tal-ajruport. Dawn il-miżuri ġew emendati permezz ta' aktar investimenti mill-awtoritajiet pubbliċi għat-titjib ta' binarji tal-ferroviji u ta' toroq fiż-żona minn fejn jiġu l-aktar passiġġieri tal-ajruport. In-netwerk tajjeb ta' infrastruttura tat-traffiku bl-ajru, tal-ferrovija u ta' toroq għamel possibbli l-iżvilupp ta' ċentru amministrattiv Ewropew għat-trasport ta' passiġġieri u għall-ġarr ta' merkanzija bl-ajru. L-ajruport jis-sodisfa r-rekwiżiti l-aktar moderni għal ċentru loġistiku

f'dak li għandu x'jaqsam mal-funzjoni, mal-modernità u mal-kapaċità. Mis-sena 1993 'l hawn kien hemm domanda min-naħa tal-partijiet interessati fil-qasam ekonomiku fil-Ġermanja Ċentrali għat-tkabbir tal-ajruport.

- (127) Il-loġistika żviluppat f'settur ta' servizzi indipendenti, li jista' juri tkabbir annwali ta' madwar 6 % u li għandu għad-disponibbiltà tiegħu potenzjal sostanzjali għal aktar tkabbir. It-tkabbir tal-Unjoni Ewropeja b'pajjiżi tal-Lvant poġġa r-reġjun fiċ-ċentru taż-Żona Ekonomika Ewropeja. Is-serje tal-industriji eżistenti fir-reġjun jiggarrantixxu perspettivi tajba għan-negozju lil fornituri ta' servizzi loġistiċi. L-industrija tal-kimika b'madwar 25 000 ħaddiem fil-Ġermanja Ċentrali prinċipalment tehtiegħ servizzi ta' trasport bil-ferrovija u trasport intermodali. Min-naħa l-oħra l-industrija tal-vetturi bil-mutur b'madwar 60 000 ħaddiem f'450 intrapriża kif ukoll l-industrija tas-semikondutturi b'madwar 22 000 ħaddiem jehtiegħ servizzi tat-trasport, li għalihom il-fattur tal-ħin għandu rwol kritiku.
- (128) Il-partijiet interessati l-kbar kollha fis-settur tal-loġistika, li huwa favur ċaqliq lejn reġjuni qrib ċentri tat-trasport għandhom rappreżentanza fir-reġjun u jipprovdu madwar 160 000 post tax-xogħol. Dan ifisser madwar 6 % tal-forza tax-xogħol fir-reġjun. Il-Kamra għall-Industrija u l-Kummerċ tantiċipa l-ħolqien ta' 100 000 post tax-xogħol ieħor sas-sena 2015 permezz tat-tkabbir tar-reġjun għal ċentru loġistiku. Din il-figura tfisser 10 % tal-forza tax-xogħol potenzjali fir-reġjun.

4.6.2. Ghajjnuna għad-DHL

- (129) Minbarra d-DHL, l-ajruport ġibed serje ta' intrapriżi oħra għall-ġarr ta' merkanzija bl-ajru u tal-loġistika. Għalhekk wieħed ma jstax jgħid li l-kompetituri tal-ajruport ta' Leipzig ġew esklużi jew li d-DHL ingħatat trattament preferenzjali. SALIS (it-trasport bl-ajru kollettiv u strateġiku tan- NATO) u l-intrapriża Russa għall-ġarr ta' merkanzija Tesis, li topera konnessjonijiet maċ-Ċina jagħmlu parti mill-intrapriżi stabbiliti fl-ajruport. Intrapriża oħra għall-ġarr ta' merkanzija li topera b'mod interkontinentali mill-ajruport hija Jade Cargo International. Fit-13 ta' April 2007 fl-ajruport ġie ffinalizzat il-World Cargo Center bil-kapaċità tal-manipulazzjoni ta' 200 000 tunnellata ta' merkanzija fis-sena, li permezz tiegħu l-profil tal-post bħala ċentru amministrattiv għall-ġarr ta' merkanzija bl-ajru komplja jissaħħaħ.

4.7. Il-Kamra għall-Industrija u l-Kummerċ ta' Halle-Dessau

4.7.1. Ghajjnuna għall-ajruport

- (130) Il-Kamra għall-Industrija u l-Kummerċ (IHK) ta' Halle-Dessau tirrapreżenta l-interessi politikoekonomiċi ta' aktar minn 52 000 intrapriża. Kif turi l-IHK, il-provvista u l-finanzjament ta' dan it-tip ta' infrastrutturi fil-Ġermanja hija affari tal-Istat. Dan il-prinċipju tal-politika Ewropeja u Ġermaniża dwar it-trasport huwa rifless fl-investimenti tal-każ preżenti.

- (131) Fl-opinjoni tal-Kamra għall-Industrija u l-Kummerċ, it-kabbir tal-ajruport japplika għal dan li ġej:
- (a) huwa jservi biex jintlaħqu l-għanijiet għall-ippjanar reġjonali ta' Sachsen u ta' Sachsen-Anhalt,
 - (b) huwa ġie sorveljat u awtorizzat permezz ta' proċessi pubbliċi kumplessi, li l-konklużjonijiet tagħhom ġew konfermati mill-Qorti Amministrattiva Federali,
 - (c) huwa jtejjeb il-kundizzjonijiet lokali tal-industrija stabbiliti fir-reġjun,
 - (d) hu jwassal għal aktar postijiet tax-xogħol f'reġjun bi żvilupp qawwi,
 - (e) huwa għandu jkun ta' benefiċċju wkoll għall-avjazzjoni in ġenerali,
 - (f) huwa jkun jista' jissodisfa d-domanda għal tul ta' żmien fl-ajruport ta' Leipzig.
- (132) Fl-1993, il-Kamra għall-Industrija u l-Kummerċ ta' Halle-Dessau u l-Kamra għall-Industrija u l-Kummerċ ta' Leipzig ippubblikaw dokument dwar il-politika tal-ajruport. Iż-żewġ ikmamar għall-Industrija u l-Kummerċ irrakkomandaw fost ħwejjeġ oħra l-bini ta' sistema b'żewġ runways (kull runway twila 3 600 m), sabiex tiżdied il-kapaċità tal-ajruport.
- (133) Wara l-unifikazzjoni mill-ġdid tal-Ġermanja, investimenti statali fl-infrastruttura tat-trasport kkontribwixxew bil-kbir għall-bidla strutturali ekonomika fir-reġjun. Il-Kummissjoni kienet irrikonnoxxiet il-ħtieġa għall-promozzjoni tar-reġjun, li partijiet minnu għadhom oqsma taħt Objettiv 1, sabiex jiġu solvuti l-problemi kbar tar-reġjun. Grazzi għal ħafna investimenti privati u statali, speċjalment fi proġetti infrastrutturali, ir-reġjun gradwalment ġie kompettiv internazzjonalment.
- (134) Madanakollu, il-qgħad fir-reġjun għadu d-doppju tal-medja fil-Kommunità. Dan juri li r-reġjun aktar minn qatt qabel jeħtieġ investimenti pubbliċi, speċjalment għall-benefiċċju ta' infrastruttura aħjar, biex tissaħħaħ il-kompettitività u biex ir-reġjun jiġbed lejha aktar intrapriżi. B'hekk biss ir-reġjun jista' jagħti kontribut siewi biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Istrateġija ta' Liżbona tal-Kommunità.

4.7.2. Għajnuna għad-DHL

- (135) Il-Kamra għall-Industrija u l-Kummerċ tenfasizza li l-immodernizzar tal-ajruport huwa proċess gradwali u kontinwu, li beda fil-bidu tas-snin disgħin. Fi proċeduri li jieħdu ż-żmien, kull pass għandu jiġi evalwat pubblikament u awtorizzat. Ir-runway fin-nofsinar ġiet ippjanata u mibnija taħt dawn il-kundizzjonijiet u m'hemmx bażi li fuqha wieħed jista' jgħid li l-bini sar biss għad-DHL.

4.8. Ryanair

- (136) Ir-Ryanair ma żżidx aktar mad-dettalji tal-każ, iżda tillimita ruħha għal kummenti aktar "ġenerali" għalhekk l-

intrapriża taħseb li l-Kummissjoni ma fehmitx ir-relazzjoni bejn l-intrapriżi tal-avjazzjoni u l-ajruporti kif ukoll l-iżvilupp reċenti fit-trasport bl-ajru u għalhekk waslet għal serje ta' konklużjonijiet żbaljati. Ir-Ryanair hija mħassba li l-Kummissjoni ser tipprova tinforza l-prinċipji inapplikabbli tad-deċiżjoni-Charleroi u tad-Direttivi tal-2005.

4.9. Panalpina

- (137) Il-Panalpina ilha aktar minn għaxar snin topera kuljum titjriet għall-ġarr ta' merkanzija minn Leipzig għal Moska; il-Panalpina għandha l-intenzjoni li tistabbilixxi ċ-ċentru amministrattiv tagħha għall-ġarr ta' merkanzija bl-ajru f'Leipzig u tispera li jiġu organizzati konnessjonijiet lejn is-Subkontinent Indjan u fil-Lvant Imbiegħed.

4.9.1. Għajnuna għall-ajruport

- (138) Il-Panalpina hija mħassba, li ħafna mill-ajruporti l-kbar fl-Ewropa ser jużaw il-kapaċitajiet kollha li jibqa' għat-trasport ta' passiġġieri; għalhekk il-Panalpina tapprezza ajruport li jikkonċentra aktar fuq in-negozju tal-ġarr ta' merkanzija. Barra minn hekk, l-intrapriża tirreferi għall-fatt li l-ajruport ta' Leipzig għalkemm qiegħed fiċ-ċentru tal-Ewropa, xorta jinsab biżżejjed fil-lvant, biex il-ħinijiet ta' titjriet lejn u mill-Asja jiqsaru. L-operat 24/7 tal-ajruport jissodisfa l-ħtieġa għal katina loġistika tal-merkanzija globalizzata u għalhekk huwa vantaġġ importanti.
- (139) Il-Panalpina tfaħħar id-deċiżjoni li Leipzig jiġi estiż għal ajruport għall-ġarr ta' merkanzija u li joffri infrastruttura li fil-futur tippermetti l-manipulazzjoni ta' merkanzija bl-ajru 24 siegħa fil-ġurnata. L-intrapriża hija konvinta li meta wieħed jikkunsidra l-infrastrutturi u s-servizzi eżistenti fl-ajruport ta' Leipzig, aktar intrapriżi ser jistabbilixxu ruħhom f'Leipzig u għalhekk dan jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' postijiet tax-xogħol. Il-Panalpina hija tal-opinjoni, li l-intrapriża għandha l-istess aċċess għall-infrastrutturi u s-sovrastrutturi fl-ajruport ta' Leipzig bħal parteċipanti oħra fis-suq.

4.10. Jade Cargo International

4.10.1. Għajnuna għall-ajruport

- (140) Meta wieħed iqis il-problemi dejjem jikbru marbuta mal-kapaċitajiet, il-ħolqien ta' ċentru amministrattiv għall-avjazzjoni ġdid huwa meħtieġ b'mod urġenti. Peress li finanzjament privat ta' din l-infrastruttura huwa eskluż, Jade Cargo International tesprimi ruħha li hi sorpriża bl-istipulazzjoni tal-Kummissjoni li l-kumpanija tal-operat trid tilħaq profitti bħalma jkun qed jistenna investitur privat. Li kieku m'hemmx din l-infrastruttura, dan ma kienx jaffettwa biss b'mod negattiv lill-Ġermanja tal-Lvant, iżda ukoll lill-Kommunità kollha.

(141) F'każ li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tkun negattiva, Jade Cargo International tara l-eżistenza tal-ajruport u l-kunċett tan-negozju tiegħu fil-periklu. Dan ikollu wkoll effett negattiv fuq oqsma oħra tal-ekonomija. La bit-tkabbir tal-ajruport ma kien hemm l-ebda tfixkil għall-kompettitività, iżda it-tkabbir huwa fl-interess ekonomiku, Jade Cargo International tistenna deċiżjoni pożittiva min-naħa tal-Kummissjoni.

4.10.2. Għajnuna għad-DHL

(142) Skont informazzjoni mill-Jade Cargo International ir-runway il-ġdida fin-nofsinar tkun ta' benefiċċju għall-operat tiegħu, għal liema raġuni hi ma tistax tifhem l-argument tal-Kummissjoni li mill-bini tagħha ser tibbenefika biss id-DHL. Din il-konklużjoni żbaljata aktar ma tintfiehmx fil-kuntest tal-fatt li huwa l-kontroll tat-traffiku fl-ajru u mhux tal-ajruport li .hu responsabbli biex jidderieġi t-traffiku tal-ajru.

4.11. Condor

4.11.1. Għajnuna għall-ajruport

(143) Il-Condor tirreferi għall-konnessjoni intermodali tajba. L-intrapriża hi tal-fehma li investimenti f'ajruporti eżistenti u diġa konnessi (bħal Leipzig/Halle) biex jissodisfaw ħtiġijiet fis-suq jagħmlu aktar sens minn dawk f'ajruporti żgħar li m'għandhomx għad-dispożizzjoni tagħhom ir-kekwiziti meħtieġa.

4.11.2. Għajnuna għad-DHL

(144) Fejn tidħol il-politika dwar il-kompetizzjoni, il-Condor m'għandha l-ebda oġġezzjoni għall-investimenti ppjanati għat-tkabbir tal-ajruport ta' Leipzig. Is-sistema moderna b'żewġ runways tal-ajruport ser tkun disponibbli għal kull utent potenzjali. Meta wieħed iqis id-domanda, infrastruttura moderna u effiċjenti hija meħtieġa.

4.12. Ruslan-Salis plc.

4.12.1. Għajnuna għall-ajruport

(145) Skont informazzjoni mill-kumpanija Ruslan-Salis (intrapriża għall-ġarr ta' merkanzija bl-ajru) m'hemm l-ebda ajruport ieħor fil-Ġermanja, speċjalment fil-Ġermanja tal-Lvant li huwa addattat għall-operat tiegħu. L-aktar importanti għall-intrapriża huma "aċċess garantit" u "disponibbiltà garantita" tal-kapaċitajiet tat-trasport meħtieġa.

(146) Għad-deċiżjoni li l-ajruport ta' Leipzig isir lok tal-operat, il-fatturi bħas-sistema b'żewġ runways, l-operat ta' 24 siegħa, il-konnessjoni diretta tal-ferrovija u ta' toroq ma' destinazzjonijiet importanti fl-Ewropa ċentrali u r-runway fin-nofsinar imġedda u mtawla kienu kruċjali.

(147) Skont Rusland-Salis ir-runway fin-nofsinar ġet mibnija għall-pubbliku in ġenerali u mhux bħala "infrastruttura apposta". Dan kien meħtieġ u proporzjonali, biex jiġi evitat tnaqqis fil-kapaċitajiet tat-trasport, biex jippromwovi

s-settur tal-avjazzjoni u biex jiġu milħuqa effetti ekonomiċi għar-reġjun ta' Leipzig-Halle-Merseburg-Dessau.

4.1.2.2. Għajnuna għad-DHL

(148) Ruslan-Salis ma taqbilx mal-opinjoni tal-Kummissjoni, li r-runway fin-nofsinar u ż-żona għat-tluġ u l-inżul tagħha qed jiġu użati esklussivament mid-DHL. L-intrapriża tikkontradixxi is-suppożizzjoni, li l-finanzjament, il-bini u l-operat tal-karreġjati għat-tluġ u l-inżul huma "infrastruttura apposta" għal tranżazzjoni kummerċjali bejn il-propjetarju tal-infrastruttura u l-utent tal-infrastruttura, u għalhekk ikollu jiġi ppruvat li hija bħal kull tranżazzjoni kummerċjali oħra. Barra minn hekk, huwa argument bla bażi, li ż-żieda mistennija tat-traffiku bl-ajru; l-argument ċentrali għat-tkabbir tal-ajruport, tiġi attribwita biss lid-DHL.

(149) Ruslan-Salis tuża r-runway fin-nofsinar u l-infrastrutturi kollha l-ġodda bl-istess mod li tużahom id-DHL u l-intrapriżi l-oħra. L-ebda utent m'għandu trattament preferenzjali. Il-bini tar-runway fin-nofsinar huwa fl-interess ġenerali ta' kull intrapriża għall-ġarr ta' merkanzija bl-ajru fl-ajruport ta' Leipzig. M'hemm l-ebda evidenza li l-infrastruttura hija marbuta mad-DHL jew li d-DHL qed tgawdi minn xi privileġġi.

4.13. BARIG (il-Bord tar-Rappreżentanti tal-Linji tal-Ajru fil-Ġermanja)

4.13.1. Għajnuna għall-ajruport

(150) Il-membri tal-BARIG huma linji tal-ajru li għandhom preżenza kummerċjali u operattiva fil-Ġermanja. Il-BARIG jargumenta li l-Kummissjoni kienet diġa rreferiet għall-piż żejjed fuq l-ajruporti l-kbar Ewropej. Dan jgħodd speċjalment għall-qasam tal-ġarr ta' merkanzija bl-ajru, fejn minħabba ż-żieda fil-ġarr ta' merkanzija bl-ajru, id-differenza bejn il-provvista ta' kapaċitajiet u d-domanda qiegħda dejjem tikber. Fin-notifika tagħha "Pjan ta' azzjoni għall-kapaċità, l-effiċjenza u s-sigurtà ta' ajruporti fl-Ewropa" il-Kummissjoni kienet direttament avżat dwar "kriżi fil-kapaċità". Skont il-BARIG deċiżjoni negattiva min-naħa tal-Kummissjoni tpoġġi fil-periklu l-vijabbiltà tal-ajruport.

(151) Fl-opinjoni tal-BARIG approċċ skont id-Direttivi tal-2005 m'għandux jiġi applikat għall-ajruport ta' Leipzig, għaliex hawnhekk il-kwistjoni hija dwar it-tkabbir ta' ajruport għall-ġarr ta' merkanzija, filwaqt li d-Direttivi huma esklussivament relatati mal-kompetizzjoni dwar il-volum ta' passiġġieri.

(152) Biex tiġi ssodisfata id-domanda għall-kapaċitajiet fis-snin li ġejjin, l-infrastruttura għat-trasport għall-ġarr ta' merkanzija bl-ajru għandha tiġi mkabbra fil-ħin. Jekk dawn l-investimenti ma jkunux iffinanzjati minn mezzi pubbliċi, ajruporti għall-ġarr ta' merkanzija la jistgħu jiġu mibnija u lanqas imkabbra. Investitur privat ma jiflaħx jagħmel dan it-tip ta' investimenti.

4.14. Lufthansa plc

4.14.1. Għajnuna għall-ajruport

- (153) Il-Lufthansa tapprezza l-miżuri ppjanati għall-ajruport ta' Leipzig, inkluż il-miżura għall-bini ġdid tar-runway fin-nofsinar. Il-proġett huwa kkunsidrat bħala wieħed magħmul biex jissodisfa hteġa tas-suq u ekonomikament sostenibbli. Lufthansa Cargo plc, kumpanija sussidjarja tal-Lufthansa Germany plc, għandha l-intenzjoni li topera trasport ta' merkanzija bl-ajru fammonti akbar minn u lejn Leipzig. L-ajruport ta' Leipzig, flimkien maċ-ċentri amministrattivi għall-ġarr ta' merkanzija fi Frankfurt u Munich, huwa lok attrajenti.
- (154) Lufthansa plc tirreferi għall-volumi dejjem jikbru fis-suq tal-ġarr tal-merkanzija u għat-*tkabbir* ta' 5,3 fil-mija pre-*vis*t għall-Ġermanja. Dan juri li anke fatturi infrastrutturali jimxu id f'id mat-*tkabbir*. L-investimenti ppjanati għall-ajruport ta' Leipzig kienu konformi mar-*rekwiżiti* tal-industrija tal-ġarr ta' merkanzija bl-ajru f'dak li għandu x'jaqsam mad-dimensjoni, mal-modernità u ma' possibbiltajiet oħra ta' espansjoni.
- (155) L-allinjament parallel tal-karregjati għat-*tluġh* u l-inżul jagħmel possibbli titjib fil-kapaċità li jagħmel sens għan-negozju u żieda fl-*effiċjenza* tal-ajruport. Dan joffri possibbiltajiet għal *tkabbir* għal perjodu taż-*żmien* medju jew għal perjodu twil ta' *żmien* għall-*utenti* kollha tal-*infrastruttura*.

4.15. ACD (Aircargo Club Germany)

4.15.1. Għajnuna għall-ajruport

- (156) Il-membri tal-ACD huma attivi fil-funzjonijiet li jmxu s-settur tal-ġarr ta' merkanzija bl-ajru. Huma janticijaw aktar *tkabbir* fis-*snin* li ġejjin u jespriju l-*ħsibijiet* tagħhom li l-*infrastrutturi* eżistenti tal-ajruporti ta' dan iż-*żmien* mhux ser ikunu biżżejjed.

4.15.2. Għajnuna għad- DHL

- (157) L-ACD ma tara l-*ebda* dipendenza tal-ajruport ta' Leipzig fuq id-DHL, partikularment għaliex l-*iżvilupp* ekonomiku qawwi fir-*reġjun* ta' Leipzig/Dresden jeħtieġ ajruport *effiċjenti*.

4.16. BDF (L-Assoċjazzjoni Federali tal-Linji tal-Ajru Ġermaniżi)

4.16.1. Għajnuna għall-ajruport

- (158) Il-BDF tirrapreżenta l-*kurrieri* Ġermaniżi b'*linji*, b'*charter* u low-cost u tappoġġja, minħabba n-natura tagħha,

infrastruttura ta' ajruporti li tissodisfa l-*ħtiġijiet* tas-suq. Hija ma tarahx *ġust* li fi wħud mill-ajruporti Ġermaniżi hemm nuqqas ta' *kapaċitajiet*, filwaqt li qed jiżdedu dejjem aktar ajruporti *żgħar* *ġodda*, li sa *ċertu* punt ġew *żvilupp*ati minn *fondi* pubbliċi, iżda jikkompetu għall-*passiġġieri*. Il-*każ* tal-ajruport ta' Leipzig, iżda, mhuwiex dwar ajruport li qed jiġi *żvilupp*at għall-*benefiċċju* ta' *utent* uniku.

- (159) IL-BDF hija tal-opinjoni li investimenti statali f'infrastrutturi huma definnittivament ta' użu makroekonomiku kbir u jippromettu profitti għal tul ta' *żmien* — kundizzjonijiet li fil-*każ* preżenti qed jiġu ssodisfati. Għalhekk hemm domanda kbira mill-*klijenti*, jiġifieri minn *linji* tal-ajru għall-*ġarr* ta' *passiġġieri* u minn *linji* tal-ajru għall-*ġarr* ta' merkanzija.

4.17. Cargolux

- (160) Cargolux tuża l-ajruport ta' Leipzig bħala "offline station" għat-*titjiriet* b'*merkanzija* interkontinentali tiegħu ta' kull tip li jtilqu mil-Lussemburgu. Il-volumi ta' merkanzija ttrasferiti mill-Cargolux mill-ajruport ta' Leipzig għandhom parti ta' 20,3 % tas-suq tal-volumi kollha ta' merkanzija mibgħuta minn dan l-ajruport fl-2006. Skont informazzjoni tagħha stess, il-Cargolux hija waħda mill-akbar intrapriżi għall-*ġarr* ta' merkanzija fl-ajruport ta' Leipzig u tuża ħafna l-*infrastrutturi* tiegħu. L-*intrapriża* tara lilha nnifisha bħala kompetitur dirett tad-DHL.

4.17.1. Għajnuna għall-ajruport

- (161) Skont il-Cargolux, it-*titjib* tal-*infrastruttura* tal-ajruporti reġjonali huwa indispensabbli għall-*iżvilupp* tat-*trasport* ta' merkanzija bl-ajru fl-Ewropa (minħabba l-*piżijiet* marbuta mal-*kapaċità* fuq ajruporti kbar tal-*passiġġieri*). Meta wieħed jikkunsidra l-*ammont* kbir ta' investimenti meh-*tieġa* u *ż-żmien* twil għall-*ħlas* lura tagħhom, dawn l-investimenti jistgħu jsiru biss bl-*għajnuna* ta' *mezzi* pubbliċi. Għalhekk il-Cargolux tapprezza l-*inizjattiva* minn id pubblika u l-investimenti f'ajruporti reġjonali, għaliex dawn huma ta' *benefiċċju* għall-*postijiet* tax-xogħol, għall-industrija Ewropea, għall-*klijenti* u għall-*ordni* pubblika.

5. ANNOTAZZJONI TAL-ĠERMANJA DWAR IL-POŻIZZJONI TA' TERZI PERSUNI

- (162) Fl-annotazzjoni tagħha dwar il-*pożizzjoni* ta' terzi persuni, il-Ġermanja qablet mill-*ġdid* mal-*argumenti* ppreżentati qabel u rreferiet għall-*fatt* li l-*partijiet* kollha fil-*pożizzjoni* tagħhom esprimew ruħhom favur l-ajruport u t-*tkabbir* tiegħu. L-*ebda* parti ma oġġezzjonat għall-*ftehim* mad-DHL.

6. EVALWAZZJONI TAL-GĦAJNUNA

6.1. Eżistenza ta' għajnuna

- (163) Skont l-Artikolu 87 paragrafu 1 tat-Trattat tal-KE "għajnuna mill-Istat jew għajnuniet minn mezzji statali, huma ta' liema tip huma, li permezz ta' trattament preferenzjali ta' intrapriża partikulari jew ta' settur tal-produzzjoni jfixklu jew ikun hemm il-periklu li jfixklu l-kompetizzjoni u jekk jaffetwaw il-kummerċ bejn Stati Membri" mhumiex konformi mas-Suq Komuni.
- (164) Il-kriterji determinati fl-Artikolu 87 paragrafu 1 huma kumulattivi. Biex jiġi ddeterminat jekk il-miżuri nnotifikati jirrapreżentawx għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 87 paragrafu 1 tat-Trattat tal-KE, għandu jiġi vverifikat jekk il-kundizzjonijiet hawn taħt imsemmija jkunux ġew issodisfati. Il-benefiċċju finanzjarju
- huwa benefiċċju statali jew jiġi mogħti minn mezzji pubbliċi,
 - jagħti trattament preferenzjali lil intrapriża jew settur tal-produzzjoni partikulari,
 - ifixkel il-kompetizzjoni jew ikun hemm il-periklu li jfixkilha
 - iħalli effetti fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri.
- 6.1.1. *Eżistenza ta' għajnuna mill-Istat għall-ajruport — kontribuzzjoni għall-kapital*
- (165) Biex jiġi ddeterminat jekk il-miżuri nnotifikati jirrapreżentawx għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 87 paragrafu 1 tat-Trattat tal-KE, għandhom jiġu ssodisfati erba' kundizzjonijiet.
- 6.1.1.1. *L-attività ekonomika u l-kunċett ta' intrapriża*
- (166) Għandu jiġi vverifikat jekk l-ajruport ta' Leipzig huwiex intrapriża skont il-liġi dwar il-kompetizzjoni tal-KE.
- (167) Qabel xejn trid issir referenza għall-fatt li, skont każistika stabbilita, il-kunċett ta' intrapriża jkopri kull entità li tiprattika attività kummerċjali, indipendentement mill-Istatu legali tagħha u mill-mod kif inhi ffinanzjata ⁽²⁵⁾; u li

⁽²⁵⁾ Is-sentenza tat-18 ta' Ġunju 1998, Kawża C-35/96, *Il-Kummissjoni kontra l-Italja* [1998] Ġabra I-3851, paragrafu 36; is-sentenza tat-23 ta' April 1991, Kawża C-41/90, *Höfner und Elser*, [1991], Ġabra I-1979, paragrafu 21; is-sentenza tas-16 ta' Novembru 1995, Kawża C-244/94, *Fédération Française des Sociétés d'Assurances u. a. kontra Ministère de l'Agriculture et de la Pêche*, [1995], Ġabra I-4013, paragrafu 14; is-sentenza tal-11 ta' Diċembru 1997, Kawża C-55/96, *Job Centre coop. arl.*, [1997] Ġabra, I-7119, paragrafu 21.

kwalunkwe attività li toffri prodotti u servizzi f'suq partikulari hija attività ekonomika. ⁽²⁶⁾. Mistoqsija importanti f'dak li għandu x'jaqsam mal-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat, hija jekk il-benefiċjarju jipprattikax attività kummerċjali ⁽²⁷⁾.

- (168) L-iżvilupp tal-ajruport sa ftit żmien ilu kien isir fuq kundizzjonijiet marbuta mal-iżvilupp tal-belt u tal-pajjiż jew f'każijiet partikulari kien jaqdi ħtiġijiet militari. L-operat tiegħu kien jiġi organizzat bħala parti mill-amministrazzjoni pubblika u mhux bħala intrapriża kummerċjali. Bejn l-ajruport u l-operaturi tal-ajruport kważi ma kienx hemm kompetizzjoni. Bil-liberalizzazzjoni tat-trasport bl-ajru kien hemm aktar linji tal-ajru, li operaw minn aktar ajruporti u għalhekk stimulaw il-kompetizzjoni bejn l-ajruporti. Minħabba dawn iċ-ċirkustanzi, il-finanzjament ta' ajruporti u ta' infrastrutturi ta' ajruporti qabel kien meqjus bħala responsabbiltà pubblika u prinċipalment ma kien iqanqal l-ebda dubbji f'dak li għandu x'jaqsam ma' għajnuna mill-Istat.
- (169) F'dawn l-aħħar snin, iżda, din is-sitwazzjoni nbidlet. Għalkemm xi kultant ikun mixtieq li aspetti marbuta mal-iżvilupp tal-belt u tal-pajjiż u strutturi amministrattivi xorta jkollhom irwol, f'ħafna każijiet ir-responsabbiltà għall-ajruporti ġiet trasferita mill-Istat għar-reġjuni u l-operat tagħhom ġie parzjalment fdat f'idejn intrapriżi pubbliċi jew ukoll f'idejn intrapriżi privati. It-trasferiment lil intrapriżi privati kien normalment riżultat tal-privatizzazzjoni jew tal-ftuħ dejjem jidied tal-kapital. F'dawn l-aħħar snin kumpaniji b'ishma privati fil-kapital kif ukoll fondi ta' investiment u pensjonijiet urew interess kbir fl-akkwist ta' ajruporti.
- (170) Għalhekk f'dawn l-aħħar snin, l-industrija tal-ajruporti fil-Komunità kienet soġġetta għal tibdiliet organizzattivi bażiċi, li mhux biss ġabu interess attiv minn investituri privati f'ajruporti, iżda wkoll pożizzjoni differenti tal-awtoritajiet f'dak li għandu x'jaqsam mal-parteċipazzjoni tas-settur privat fl-iżvilupp ta' ajruporti. Dan wassal għal diversità u kumplessità dejjem tiżdied fil-funzjoni tal-ajruporti.
- (171) It-tibdiliet f'dan l-aħħar żmien ikkawżaw ukoll bidla fir-relazzjonijiet ekonomiċi bejn l-ajruporti. Filwaqt li fil-pasat l-ajruporti kienu spiss ikunu ġestiti bħala intrapriża, sabiex jiġu garantiti l-aċċessibbiltà u l-iżvilupp reġjonali, f'dawn l-aħħar snin l-ajruporti qed isegwu dejjem aktar għanjiet kummerċjali u jinsabu f'kompetizzjoni kontra xulxin fis-settur tat-trasport bl-ajru.
- (172) In-natura li qed tinbidel tal-ajruporti għalhekk għandha tkun riflessa fl-evalwazzjoni legali tal-attivitàjiet tal-ajruport skont il-liġi dwar għajnuna mill-Istat. M'għadux aktar possibbli li l-bini u l-operat tal-ajruporti jibqgħu jitqiesu bħala responsabbiltà tal-amministrazzjoni li prinċipalment ma tkunx taħt il-kontroll marbut ma' għajnuniet

⁽²⁶⁾ Is-sentenza tas-16 ta' Diċembru 1987, Kawża 118/85, *Il-Kummissjoni kontra l-Italja*, [1987], Ġabra 2599, paragrafu 7; Kawża C-35/96, *Il-Kummissjoni kontra l-Italja*, [1998] Ġabra I-3851 paragrafu 36.

⁽²⁷⁾ Skont il-ġurisprudenzja tal-Qorti, kull attività li permezz tagħha jiġu offruti prodotti jew servizzi fuq suq partikulari tirrapreżenta attività ekonomika. Qabbel mal-Kawża C-35/96, *Il-Kummissjoni kontra l-Italja*, [1998] Ġabra I-3851 kif ukoll mas-sentenza tat-12 ta' Settembru 2000, Kawża C-180/98 sa 184/98, *Pavlov* [2000], Ġabra I-6451.

- (173) Waqt l-evalwazzjoni tal-mistoqsija jekk l-operat tal-ajruport jirrapreżentax dan it-tip ta' attività, il-Qorti argumentat fil-kawża "Aéroports de Paris", li l-operat u l-ġestjoni ta' ajruporti li fihom isir ħlas għall-provvista ta' servizzi tal-ajruport għal intrapriżi għall-ġarr ta' merkanzija bl-ajru u intrapriżi li joffru servizzi f'ajruporti għandhom jitqiesu bħala attività kummerċjali, għaliex f'sitwazzjoni bħal din "kumpaniji tal-avjazzjoni u fornituri ta' servizzi differenti għandhom għad-dispożizzjoni ta' tagħhom faċilitajiet tal-ajruport bi ħlas ta' kontribuzzjoni ddeterminata b'mod liberu mill-operatur, u jekk dan tal-aħħar huwa organizzazzjoni pubblika, din l-attività ma taqax taħt il-qasam tal-amministrazzjoni ta' responsabbiltajiet uffiċjali tagħha, u tinfirend mill-attivitàjiet tagħha jekk dawn ir-responsabbiltajiet jiġu amministrati" ⁽²⁸⁾. Għalhekk operaturi ta' ajruporti bażikament jipprattikaw attività kummerċjali skont l-Artikolu 87 paragrafu 1 tat-Trattat tal-KE, li taqa' taħt ir-regolamenti dwar għajjnuna mill-Istat.
- (174) F'dak li għandu x'jaqşam mal-iżvilupp kurrenti f'dan isettur, fid-Direttivi tal-2005 il-Kummissjoni estendiet dan l-approċċ għal kull tip ta' ajruport, anke għal ajruporti iżgħar (bħal ma hu dak suġġett ta' din id-deċizzjoni). Fuq l-isfond ta' din il-bidla li daħlet f'dawn l-aħħar żminijiet il-Kummissjoni hi tal-opinjoni li m'għadux aktar possibbli li teskludi l-applikazzjoni tar-regolamenti dwar għajjnuna mill-Istat għal ajruporti għaż-żmien ta' qabel is-sena 2000.
- (175) Skont id-deċizzjoni tal-"Aéroports de Paris" jgħodd ukoll li meta ajruport jipprattika attivitàjiet kummerċjali, indipendentement mill-forma legali u mit-tip ta' finanzjament tiegħu, hu jirrapreżenta intrapriża skont l-Artikolu 87 paragrafu 1 tat-Trattat tal-KE u għalhekk ir-regolamenti fit-Trattat dwar għajjnuna mill-Istat iridu jiġu applikati ⁽²⁹⁾.
- (176) Mid-deċizzjoni tal-Qorti f'dan il-każ legali, li l-operat u l-ġestjoni tal-ajruport jirrapreżentaw attività kummerċjali, il-Kummissjoni kkonkludiet, li fiż-żmien ta' din id-deċizzjoni, ir-regolamenti dwar għajjnuna mill-Istat kienu applikabbli għal dan isettur. Għalhekk id-Direttivi tal-2005 ma jiġux applikati b'mod retroattiv, kif ġie argumentat mill-Ġermanja, iżda hija sempliċement kwistjoni ta' kjarifika (kjarifika *ad vitam aeternam*) tal-kunċett bażiku ta' għajjnuna permezz tal-Qorti ⁽³⁰⁾.
- (177) Għalhekk jista' jiġi stabbilit li l-infrastruttura li hija suġġett għal din id-deċizzjoni qed tiġi operata b'mod kummerċjali mill-operatur tal-ajruport u għalhekk hija infrastruttura għall-użu kummerċjali. L-operatur tal-ajruport jitlob ħlasijiet għall-użu ta' din l-infrastruttura u l-infrastruttura mhix għad-dispożizzjoni mingħajr ħlas fl-interess pubbliku.
- (178) Iżda indipendentement mill-forma legali tiegħu mhux l-attivitàjiet kollha ta' operatur ta' ajruport huma neċessarjament ta' natura kummerċjali. Fil-fatt għandha ssir differenza u għandu jiġi ddeterminat sa liema limitu wħud mill-attivitàjiet jirrapreżentaw attività kummerċjali ⁽³¹⁾.
- (179) Kif stabbilixxiet il-Qorti, attivitàjiet, li normalement l-Istat huwa responsabbli għalihom minħabba l-awtorità uffiċjali tiegħu ma jagħmlux parti minn attivitàjiet ta' natura kummerċjali u mhumiex soġġetti għar-regolamenti dwar għajjnuna mill-Istat. L-oqsma tal-prevenzjoni minn perikli tas-sigurtà ta' titjiriet, tal-pulizija, tad-dwana eċċ jagħmlu parti minn dawn ⁽³²⁾. Il-finanzjament iservi esklussivament bħala kumpens għall-ispejjeż li jinjalghu u minflok ma jistax jintuża għal attivitàjiet kummerċjali oħra ⁽³³⁾.
- (180) Skont il-prattika regolari tal-Kummissjoni ⁽³²⁾, il-finanzjament ta' funzjonijiet li jagħmlu parti mill-obbligi marbuta mas-sigurtà u l-ordni pubbliku, jew ta' infrastrutturi marbuta magħhom ma jirrapreżentaw l-ebda għajjnuna mill-Istat. Għalhekk l-infrastruttura li pereżempju hija meħtieġa għal raġunijiet ta' sigurtà jew li hija neċessarja għall-kontroll u s-sorveljanza tat-trasport bl-ajru u tal-ispazju tal-ajru tista' tiġi ffinanzjata minn mezzi pubbliċi ⁽³⁴⁾.
- (181) Fil-każ preżenti, it-telf kurrenti tal-ajruport u l-investiment fl-infrastruttura għandhom jiġu ffinanzjati minn azzjonisti pubbliċi u minn self fuq perjodu twil ta' żmien. Permezz tat-tkabbir u tal-bini tar-runway il-ġdida fin-nofs sinhar, l-ajruport għandu jistabblixi lulu nnifsu sew fis-suq tal-ġarr ta' merkanzija bl-ajru. Għalhekk investimenti partikulari jistgħu possibbilment jaqgħu taħt ir-responsabbiltà pubblika. L-investimenti li fl-opinjoni tal-Ġermanja jaqgħu taħt ir-responsabbiltà pubblika huma spjegati fil-paragraf 58 ff.
- (182) Wara spezzjoni tal-figuri ppreżentati mill-Ġermanja dwar spejjeż marbuta ma' investimenti u spejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-operat tar-runway fin-nofs sinhar jista' jiġi stabbilit li spejjeż partikulari fil-każ preżenti jaqgħu taħt ir-responsabbiltà pubblika. Dawn l-ispejjeż huma marbuta ma' funzjonijiet għas-sigurtà u tal-pulizija, ma' miżuri għall-protezzjoni minn ħruq u għas-sigurtà pubblika, mas-sigurtà marbuta mal-operat, mas-servizzi meteoroloġiċi Ġermaniżi u mal-istituzzjoni Ġermaniża għall-kontroll tat-traffiku fl-ajru. Għal miżuri statali partikulari jistgħu jinġabru wkoll ħlasijiet mill-utenti tal-ajruport.

⁽²⁸⁾ Kawża *Aéroports de Paris*, loc. cit., paragrafu 121 b'iżjed referenzi.

⁽²⁹⁾ Is-sentenza tas-17 ta' Frar 1993, Kawża assoċjati C-159/91 u C-160/91, *Poucet kontra AGV u Pistre kontra Cancava*, [1993], Għabra I-637.

⁽³⁰⁾ Dwar dan ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ewwel Istanza tat-12 ta' Frar 2008 fil-kawża T-289/03, *BUPA kontra l-Kummissjoni*, li għadha mhux ippubblikata, paragrafi 157 sa 160.

⁽³¹⁾ Is-sentenza tad-19 ta' Jannar 1994, Kawża C-364/92, *SAT Fluggesellschaft mbH kontra Eurocontrol*, [1994], Għabra I-43.

⁽³²⁾ Is-sentenza tat-18 ta' Marzu 1998, Kawża C-343/95, *Diego Cali & Figli kontra Servizi Ecologici Porto di Genova*, [1997], Għabra I-1547. Deċizzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Marzu 2003, N 309/02. Deċizzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Ottubru 2002, N 438/02, *Sussidji għall-benefiċċju tal-awtoritajiet tal-port għall-eżekuzzjoni ta' responsabbiltajiet uffiċjali*.

⁽³³⁾ Deċizzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Marzu 2003, N 309/02, *Sigurtà fl-avjazzjoni — Tqabbil tat-telf fl-operat wara l-attakk terroristiku tal-11 ta' Settembru 2001*.

⁽³⁴⁾ Ara d-Deċizzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Marzu 2007, N 620/06, *Kostruzzjoni tal-ajruport reġjonali Memmingen — il-Ġermanja*, ĠUC 135, 19.6.2007, p. 8.

(183) Għalhekk, sakemm dawn, kif spjegat fil-punt ta' qabel, jaqgħu taħt ir-responsabbiltà pubblika, l-ispejjeż in kwistjoni ma jgħoddux bħala ghajjnuna mill-Istat skont l-Artikolu 87 paragrafu 1 tat-Trattat tal-KE. Anke kieku l-Kummissjoni kellha ssegwi l-argument imressaq mill-Ġermanja, li l-ispejjeż bl-ebda mod ma jgħoddu bħala ghajjnuna mill-Istat, l-evalwazzjoni konklussiva tal-każ preżenti ma tiġix affettwata. Anke jekk dawn l-ispejjeż jirra-preżentaw ghajjnuna mill-Istat, dan jista' jsir biss permezz ta' ghajjnuna awtorizzata (ara l-paragraf 254 ff.). Għalhekk f'din il-mistoqsija wieħed ma jistax jasal għal evalwazzjoni konklussiva.

6.1.1.2. Mezzi statali u responsabbiltà

(184) Kif stabbilit mill-Qorti⁽³⁵⁾, miżuri skont l-Artikolu 87 paragrafu 1 tat-Trattat tal-KE jistgħu jikkwalifikaw bħala ghajjnuna mill-Istat, jekk huma jiġu ffinanzjati indirettament jew direttament minn mezzi pubbliċi u huma imputabbli lill-Istat.

(185) Fil-każ preżenti f'kull ħin l-Istat kellu kontroll dirett jew indirett fuq il-mezzi in kwistjoni. L-ajruport ta' Leipzig iffinanzja t-tkabbir permezz ta' kontribuzzjonijiet għall-kapital minn azzjonisti pubbliċi u ħa self għal tul ta' żmien mingħand il-kumpanija proprjetarja tiegħu l-MFAG li tinsab fidejn pubbliċi.

(186) Id-deċizzjonijiet għall-għoti ta' dawn il-mezzi statali huma attribwiti lil istituzzjonijiet pubbliċi: il-bord tad-diretturi tal-MFAG, intrapriża pubblika, spjega li kien inġabar biż-żejjed kapital għall-finanzjament tat-tkabbir tal-ajruport. Il-membri tal-bord tad-diretturi tal-MFAG huma fil-maġġoranza tagħhom rappreżentanti tas-settur pubbliċu (pereżempju, ministri reġjonali tal-finanzi, sindki eċċ).

6.1.1.3. Vantaġġ ekonomiku

(187) Permezz tal-kontribuzzjonijiet għall-kapital u s-self minn azzjonisti msemija fil-paragraf 185, l-ispejjeż tal-investiment li l-operatur tal-ajruport ikollu normalment iġorr jonqsu b'tali mod li l-ajruport ikollu vantaġġ.

(188) Jekk jiġi ppruvat li f'dan il-każ il-prinċipju ta' investitur li jinnegozja f'suq liberu jiġi ssodisfat, jista' jiġi kkonfermat li l-kontribuzzjoni għall-kapital mogħtija lill-ajruport ta' Leipzig mhijiex ghajjnuna mill-Istat skont l-Artikolu 87 paragrafu 1 tat-Trattat tal-KE.

(189) Dwar dan il-Qorti s-sentenza tagħha tal-Kawża *Marine Stardust* spjegat li "mezzi, li l-Istat jagħti direttament jew indirettament għad-dispożizzjoni ta' intrapriża taħt kundizzjonijiet li huma konformi mal-kundizzjonijiet normali tas-suq ma jitqisux bħala ghajjnuna mill-Istat"⁽³⁶⁾.

⁽³⁵⁾ Ara s-sentenza tas-16 ta' Mejju 2002, Kawża C-482/99, *Franza/il-Kummissjoni (Stardust Marine)*, [2002] Ġabra I-4397.

⁽³⁶⁾ Is-sentenza dwar *Stardust Marine*, paragrafu 69.

(190) Għalhekk għandu jiġi vverifikat jekk l-azzjonisti tal-ajruport ta' Leipzig aġixxewx bħala investitur privat waqt il-finanzjament tat-tkabbir tal-ajruport. Barra minn hekk, għandu jiġi vverifikat jekk taħt kundizzjonijiet simili, investitur privat li huwa attiv taħt l-kundizzjonijiet normali ta' suq liberu, kienx jaċċetta l-allinjament mill-ġdid tar-runway fin-nofsinar bl-istess kundizzjonijiet tan-negozju jew b'kundizzjonijiet simili għal dawk li aċċettat l-MFAG.

(191) Għalhekk ta' min jinnota: "*L-imġiba ta' investitur privat, li magħha għandu jiġi mqabbel l-intervent ta' investitur pubbliċu li jsegwi għanijiet politikoekonomiċi, m'għandiex bilfors tkun bħall-imġiba ta' investitur normali li jinvesti kapital bl-iskop li jagħtih profitt fi żmien qasir, iżda għallinqas bħall-imġiba ta' sehem privat jew ta' grupp ta' intrapriżi privati li jsegwu politika strutturali globali jew settorjali u jimxu fuq prospetti ta' profitt għal tul ta' żmien*"⁽³⁷⁾.

(192) Fil-każ preżenti, li huwa dwar investiment fir-runway il-ġdida fin-nofsinar, il-Ġermanja apparentement poġġiet fid-dubbu l-applikabbiltà tal-prinċipju ta' investitur li jinnegozja f'suq liberu. Hija argumentat li dan il-prinċipju mhux applikabbli għal infrastrutturi tat-trasport għaliex f'dan is-settur m'hemmx investituri privati li wieħed jista' jqabbel magħhom. Fl-opinjoni tal-Ġermanja investitur privat ma kien ikollu l-ebda interess f'ajruporti u wisq inqas jekk jeħtieġu ħafna xogħol ta' tkabbir.

(193) Wieħed ma jistax jaqbel ma' dan. L-applikazzjoni tal-prinċipju ta' investitur li jinnegozja f'suq liberu ma tistax tiġi eskluża, sempliċement għaliex is-settur privat ma jipparteċipax fil-finanzjament ta' infrastrutturi ta' ajruporti⁽³⁸⁾. Sitwazzjoni ekonomika diffiċli ma tippermettix li l-investitur pubbliċu li ma jaġġixix b'mod prudenti kif kieku kien jagħmel investitur privat fl-istess sitwazzjoni

(194) Fid-deċizzjoni tagħha dwar *Stardust Marine* il-Qorti ddikkjarat "li biex tiġi investigata l-mistoqsija, jekk l-Istat aġixxiex bħala investitur prudenti li jinnegozja f'suq liberu, wieħed għandu jmur lura fil-kuntest taż-żmien, li fih ittieħdu l-miżuri finanzjarji ta' appoġġ, biex ikun jista' jiġi deċiż jekk l-imġiba tal-Istat hijiex raġonevoli għall-ekonomija, u li wieħed għandu jieħu kull deċiżjoni ibbażata fuq sitwazzjonijiet li jiġu aktar tard"⁽³⁹⁾.

⁽³⁷⁾ Sentenza tal-21 ta' Marzu 1991, Kawża C-305/89, *L-Italja kontra l-Kummissjoni (Alfa Romeo)*, 1991, Ġabra I-1603, paragrafu 20.

⁽³⁸⁾ Xi ħaġa li żgur mhix applikabbli, ara pereżempju, il-kostruzzjoni tal-ajruport ta' Ciudad Real, fi Spanja li jinsab f'idejn privati.

⁽³⁹⁾ Is-sentenza dwar *Stardust Marine*, paragrafu 71.

- (195) Iż-żmien li fih tkun ittieħdet id-deċiżjoni dwar l-investiment huwa importanti. L-applikabbiltà tal-prinċipju ta' investitur li jinnegozja f'suq liberu ma tmurx lura għaż-żmien meta haġġu d-Direttivi tal-2005, iżda għaż-żmien tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti. li kontinwament tiżviluppa u meta tittieħed id-deċiżjoni tal-Kummissjoni ⁽⁴⁰⁾.
- (196) Għalhekk għall-applikazzjoni tal-prinċipju ta' investitur li jinnegozja f'suq liberu indipendentament mill-pożizzjoni tal-Ġermanja, il-Kummissjoni għandha tpoġġi lillha nni-fisha fil-pożizzjoni tal-istituzzjoni pubblika in kwistjoni fiż-żmien meta saret id-deċiżjoni dwar l-investment.
- (197) F'Novembru tal-2004, meta l-ajruport ta' Leipzig iddeċieda li jibda bix-xogħol tal-bini tar-runway fin-nofsinar, id-DHL kien għadha ma kkommettietx ruħha bil-liġi li ser tittrasferixxi ċ-ċentru amministrattiv tagħha għall-ġarr ta' merkanzija lejn l-ajruport ta' Leipzig. B'riżultat ta' dan twettqet evalwazzjoni konservattiva tal-profitt u għalhekk ġie mħejji paragun bejn "l-istatus quo" u "t-tkabbir mingħajr id-DHL", fejn is-sitwazzjoni "tkabbir bid-DHL" tħalliet barra.
- (198) Il-Ġermanja argumentat li l-ajruport ta' Leipzig aġġixxa bħala investitur li jinnegozja f'suq liberu. Hija targumenta li l-allinjament mill-ġdid tar-runway fin-nofsinar jikkontribwixxi biex jitnaqqas it-telf tal-ajruport u li fuq tul ta' żmien medju jew tul ta' żmien twil ser jkun possibbli li permezz tal-investimenti jintlaħaq il-livell ta' profit.
- (199) Il-Ġermanja għandha tkun f'pożizzjoni li turi li l-awtoritajiet pubbliċi nnegozjaw b'mod aċċettabbli għal investitur privat. Skont informazzjoni li għandha l-Kummissjoni, ma jistax jiġi determinat definitivament jekk l-allinjament mill-ġdid tar-runway fin-nofsinar kenitx soluzzjoni ekonomika pożittiva.
- (200) Investitur li jinnegozja f'suq liberu jimxi fuq il-prinċipju ta' profitti mistennija ⁽⁴¹⁾. Il-prinċipju ta' investitur li jinnegozja f'suq liberu normalment jgħodd bħala ssodisfat, jekk l-istruttura u l-prospetti tal-intrapriża huma ideali, biex ikun mistenni dħul normali fil-forma ta' ħlas ta' dividend jew żieda fil-kapital imkejjel skont dak mistenni minn intrapriża privata kumparabbli fuq perjodu adekwat ta' żmien.
- (201) Hekk kull effett pożittiv possibbli fuq l-ekonomija tar-reġjun li fih hemm l-ajruport m'għandu jkollu l-ebda rwol importanti, għaliex il-Kummissjoni waqt l-evalwazzjoni jekk il-miżura hijiex għajnuna investigat jekk "investitur privat f'sitwazzjoni kumparabbli fuq il-bażi tal-prospetti ta' profit u indipendentament mill-ħsbijiet jew kunsiderazzjonijiet soċjali jew ta' politika reġjonali jew konsiderazzjonijiet ta' politika settorjali kienx jagħti din it-tip ta' għajnuna bħala kapital" ⁽⁴²⁾.
- (202) Fid-deċiżjoni tagħha dwar "Charleroi" il-Kummissjoni kienet diġa ddikkjarat li: "Obbligi li jikkometti ruħu għalihom operatur ta' ajruport u li għalihom ma jistax jiġi ppruvat li jistgħu jwasslu għas-sitwazzjoni li l-operat tal-ajruport ser jibbenefika minnhom b'mod raġenevoli fi żmien adekwat jitqiesu bħala li mhux konformi mal-prinċipju ta' investitur privat li jinnegozja f'suq liberu. Naturalment kull effett pożittiv fuq l-ekonomija tar-reġjun marbut mal-ajruport permezz tad-deċiżjoni jekk l-intervent jinkludix elementi ta' għajnuna jew le ma jiġix meqjus" ⁽⁴³⁾.
- (203) Bl-istess mod, il-Qorti fid-deċiżjonijiet tagħha fis-sentenzi C-234/84 u C-303/88 iddikjarat, li "azzjonista privat jagħti kapital b'mod għaqli lil intrapriża li huwa meħtieġ biex jiggarranixxi l-kontinwità tagħha, jekk hi ssib ruħha f'diffikultajiet temporanji, imma li tista' ġġib lura l-profittabbiltà tagħha — skont il-każ — wara ristrutturar" ⁽⁴⁴⁾. Iżda jekk, skont il-Qorti, "kontribut għall-kapital ta' investitur pubbliku li ma jagħmilx profitt għal tul ta' żmien minn kull prospett, dan huwa meqjus bħala għajnuna ..." ⁽⁴⁵⁾.
- (204) Il-Ġermanja ppreżentat pjan ta' negozju għat-tkabbir tal-karreġjata għat-tluġ u l-inżul fin-nofsinar. Permezz tal-informazzjoni dwar dħul u spejjeż inklużi fih, jista' jiġi vverifikat, jekk l-ajruport ta' Leipzig f'dak li għandu x'jaqasam mal-finanzjament, bini u operat tal-karreġjata għat-tluġ u l-inżul fin-nofsinar aġġixxiex bħala investitur privat.
- (205) Il-Ġermanja ppreżentat pjan ta' negozju għal tliet xenarji:
- (a) "Tkabbir bid-DHL": Ir-runway fin-nofsinar tiġi mibnija mill-ġdid u d-DHL tittrasferixxi ruħha lejn l-ajruport ta' Leipzig.
- (b) "Status-quo": Ma jsir l-ebda bini mill-ġdid u ebda allinjament mill-ġdid tar-runway fin-nofsinar.
- (c) "Tkabbir mingħajr id-DHL": Ir-runway fin-nofsinar tiġi mibnija mill-ġdid u d-DHL ma tittrasferixxi ruħha lejn l-ajruport ta' Leipzig.
- (206) Il-pjanijiet tan-negozju huma bbażati fuq is-suppożizzjonijiet, spejjeż u dħul li ġejjin, li ġew preżentati mill-Ġermanja għall-perjodu bejn l-2006 u l-2042; għall-perjodu wara l-2042 ma ġie speċifikat l-ebda valur finali (ara ukoll il-paragraf 236 ff.).
- (207) Kif iddikjarat fil-paragraf 197, ix-xenarju "tkabbir bid-DHL" ma jistax jiġi kkunsidrat waqt l-evalwazzjoni tal-konformità tal-investimenti mal-prinċipju tal-investitur li jinnegozja f'suq liberu.

⁽⁴⁰⁾ Ara l-paragrafi ta' hawn fuq 166-180.

⁽⁴¹⁾ Deċiżjoni tal-Qorti tal-Ewwel Istanza tat-12 ta' Diċembru 2000, Kawża T-296/97, *Alitalia kontra l-Kummissjoni*, [2000], Ġabra II-3871, paragrafu 84; Kawża C-305/89, *L-Italja kontra l-Kummissjoni*, [1991] Ġabra 1603, paragrafu 20.

⁽⁴²⁾ Hawnekk qabbel mad-Direttivi tal-2005, paragrafu 46.

⁽⁴³⁾ Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Frar 2004, C 516/04, paragrafu 169.

⁽⁴⁴⁾ Sentenza tal-10 ta' Lulju 1986, Kawża C-234/84, *il-Belġju kontra l-Kummissjoni*, 1986, Ġabra 2263, paragrafu 15, u s-sentenza tal-21 ta' Marzu 1991, Kawża C-303/88, *l-Italja kontra l-Kummissjoni*, 1991, Ġabra I-1433, paragrafu 21.

⁽⁴⁵⁾ Kawża C-303/88, *l-Italja kontra l-Kummissjoni*, 1991, Ġabra I-1433, paragrafu 22.

- (208) It-tbassir tal-iżvilupp ta' bejgħ għax-xenarju "tkabbir mingħajr id-DHL" huwa prinċipalment ibbażat fuq iż-żewġ suppożizzjonijiet li ġejjin: l-investitur jaġixxi fuq is-suppożizzjoni li fis-sena 2012, ir-restrizzjonijiet fuq titjiriet ta' bil-lejl fl-ajruport Frankfurt/Main u n-nuqqas ta' kapaċitajiet f'ajruporti oħra ser iwasslu għal ċaqliq u għalhekk għal żieda fit-tkabbir bejn l-2013 u l-2018. Il-pjanijiet għat-tkabbir ġew meqjusa bħala meħtieġa, sabiex fix-xenarju tat-tkabbir mistenni fil-ġarr ta' merkanzija bl-ajru, ikun hemm biżżejjed kapaċitajiet disponibbli. Fil-fatt, bħala bażi għall-investment issemmiet id-domanda dejjem tiżdied ta' servizzi ta' titjiriet għall-ġarr ta' merkanzija mill-ajruport ta' Leipzig, iżda dan ma ġiex issostanzjat minn ebda analiżi dwar spejjeż u benefiċċji.
- (209) Għalhekk fiż-żmien meta ttieħdet id-deċiżjoni dwar il-bini mill-ġdid tar-runway fin-nofsinar kien hemm ir-riskju ta' kapaċitajiet żejda. L-ispejjeż li setgħu jinqalgħu minħabba kapaċità żejda possibbli (pereżempju, mingħajr id-DHL) ma setgħux jiġu bbilanċjati. Għalhekk, apparentament, fil-kalkoli preżenti dan ir-riskju ma ġiex ikkunsidrat.
- (210) Fit-tabella li ġejja ⁽⁴⁶⁾ hemm imdaħħla l-kalkoli tal-bilanċ tad-dħul ta' flus kontanti għaż-żewġ xenarji "status quo" u "tkabbir mingħajr id-DHL". Dawn il-kalkoli huma bbażat fuq il-pjanijiet ta' negozju ppreżentati mill-Ġermanja, li fost l-oħrajn saru fuq is-suppożizzjoni ta' rata ta' tkabbir ta' mill-inqas 3 fil-mija għall-ġarr ta' merkanzija bl-ajru.

Tabella 8

Kalkoli tal-bilanċ tad-dħul ta' flus kontanti

(f'miljuni ta' EUR)

Kalkoli tal-bilanċ tad-dħul ta' flus (*)	(A) Ajruport Status Quo	(B) Ajruport Tkabbir mingħajr id-DHL	(C) = (B) – (A) Runway fin-nofsinar Mingħajr id-DHL
(1) EBITDA (2006-2042)	[...]	[...]	[...]
(2) EBITDA Miżuri tas-sigurtà	[...]	[...]	[...]
(3) EBITDA (2006-2042) riveduta (1) + (2)	[...]	[...]	[...]
(4) Spejjeż marbuta ma' investimenti (2006-2042)	[...]	[...]	[...]

⁽⁴⁶⁾ Id-differenzi bejn il-kalkoli tal-bilanċ ta' dħul ta' flus kontanti f'din id-deċiżjoni u fid-deċiżjoni għall-bidu ta' proċeduri għall-verifika jiġu spjegati kif ġej: filwaqt li fid-deċiżjoni għall-bidu ta' proċeduri d-dħul u l-ispejjeż kienu mnaqqsa skont is-sitwazzjoni fl-2006, il-kalkoli preżenti huma previsti bis-sena 2005 bħala s-sena ta' referenza, għaliex id-deċiżjoni dwar ir-rinnovazzjoni tal-karreġġjata għat-tluġ u l-inżul fin-nofsinar ġiet meħuda f'Novembru 2004 u x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni bdew fil-bidu tas-sena 2005. Mill-pożizzjoni tal-Ġermanja dwar id-deċiżjoni għall-bidu ta' proċeduri, il-Kummissjoni saret taf li fl-2005 kien hemm spejjeż addizzjonali ta' [...] euro marbuta ma' investimenti, li żiedu t-telf fil-bilanċ tad-dħul ta' flus kontanti. Dawn l-ispejjeż marbuta ma' investimenti ġew inklużi.

(f'miljuni ta' EUR)

Kalkoli tal-bilanċ tad-dħul ta' flus (*)	(A) Ajruport Status Quo	(B) Ajruport Tkabbir mingħajr id-DHL	(C) = (B) – (A) Runway fin-nofsinar Mingħajr id-DHL
(5) Spejjeż marbuta ma' investimenti miżuri tas-sigurtà (2006-2042)	[...]	[...]	[...]
(6) Spejjeż marbuta ma' investimenti 2005	[...]	[...]	[...]
(7) Bilanċ ta' dħul ta' flus 2005-2042 (3) + (4) + (5) + (6)	[...]	[...]	[...]

(*) Il-valuri kollha tal-2005 mnaqqsa; rata tat-tnaqqis = 6,5 %.

- (211) L-ewwel għandu jiġi ddikkjarat li l-Kummissjoni għall-kalkoli tal-bilanċ ta' dħul ta' flus ikkunsidrat l-ispejjeż kollha stmati marbuta ma' investimenti u mal-operat għal miżuri tas-sigurtà. Kif spjegat fil-paragrafi 180 sa 183, uħud minn dawn l-ispejjeż (spejjeż marbuta mal-operat kif ukoll spejjeż marbuta ma' investimenti) possibbilment jaqgħu taħt ir-responsabbiltà pubblika.
- (212) Indipendentament minn dan, il-bilanċ tad-dħul ta' flus għall-ajruport fil-perjodu bejn l-2005 u l-2042 jammona b'kollox għal madwar [bilanċ tad-dħul ta' flus negattiv] euro. Għalhekk wieħed m'għandux jaġixxi fuq is-suppożizzjoni li investitur li jinnegozja fis-suq liberu kien ikun lest li jinvesti fil-bini tal-karreġġjata għat-tluġ u l-inżul.
- (213) Il-kalkoli juru li għal xenarju B, il-bilanċ tad-dħul ta' flus ta' madwar [100-200] miljun euro huwa inqas minn dak ta' xenarju A. Il-bini tar-runway fin-nofsinar inaqqs b'mod effettiv id-dħul ta' flus li qiegħed għad-dispożizzjoni tal-finanzjament ta' faċilitajiet diġà eżistenti.
- (214) Peress li l-ajruport għad irid jiffinanzja assi kapitali eżistenti għal valur ta' madwar 642 miljun euro (il-valur skont il-kotba fl-2005), mhux ser ilaħħaq l-EBITDA meħtieġa sabiex jiffinanzja kompletament mill-ġdid l-assi kapitali eżistenti għax-xenarju B. Skont il-kalkoli tal-bilanċ tad-dħul ta' flus eżistenti, wieħed ma jistax jaġixxi fuq is-suppożizzjoni li l-operat tal-ajruport ta' Leipzig ser jilħaq il-livell ta' profitt fil-futur. Għalhekk wieħed ma jistax jassumi li fix-xenarju B investitur privat kien ser jieħdu f'idejha il-bini tar-runway fin-nofsinar.
- (215) B'hekk wieħed jista' jikkonkludi li l-awtoritajiet pubbliċi mhumix marbuta ma' stennija ta' profitti bbażata fuq fatti mill-investimenti pprovduti, u għalkemm huma għandhom l-intenzjoni li jagħmlu l-ajruport aktar atrajenti għall-utenti u aktar kummerċjali, huma mhux qed isegwu prospetti ta' profitti għal tul ta' żmien ⁽⁴⁷⁾. Il-finanzjament pubbliku huwa aktar immirat, kif b'mod esplicit spjegat il-Ġermanja, lejn l-iżvilupp reġjonali, l-aċċessibbiltà tar-reġjun, il-ħolqien ta' postijiet tax-xogħol u l-protezzjoni ambjentali (speċjalment tnaqqis ta' storbu).

⁽⁴⁷⁾ Kawża C-305/89, l-Italja kontra l-Kummissjoni (Alfa Romeo), 1991, Ġabra l-1603, paragrafu 20.

- (216) Għalhekk wieħed jista' jikkonkludi li fil-każ preżenti, investitur privat, anke jekk ikun attiv fi grupp f'assoċjazzjoni kummerċjali kbira, taħt kundizzjonijiet normali għas-suq liberu u anke stabbilit għal tul ta' żmien ma kienx ikun jista' jaġġixxi fuq il-premessa ta' profitt aċċettabbli għall-kapital investit.
- (217) F'dawn iċ-ċirkostanzi wieħed jista' jassumi li investitur privat, anke jekk isegwi strateġija intenzjonata għal profitti fuq tul ta' żmien u mhux għal profitti wara żmien qasir, taħt kundizzjonijiet normali għas-suq liberu ma kienx jagħti l-kontribut għall-kapital in kwistjoni.
- (218) Irrispettivament mill-argument u l-konklużjonijiet diġà msemija għandha ssir referenza għall-fatt li r-rata ta' tnaqqis ta' 6,5 % stmata mill-Ġermanja fil-kalkoli tagħha (ara l-punt 117) ġejja mill-primjum għar-riskji baxxi ħafna ta' madwar 3,25 % bbażat fuq il-fattur beta ta' 0,65 %. Fattur beta ta' 0,65 % jfisser li f'każ ta' tnaqqis tal-valur tas-suq sħiħ ta' 1 %, il-valur tal-investment jinżel għal 0,65 %, u dan ikun sinjal ta' instabbiltà tal-investment fis-suq tal-kapital sħiħ u għalhekk huwa sinjal ta' riskju aktar baxx.
- (219) Dwar dan il-Kummissjoni tinnota li wħud mis-sorsi ta' xi esperti jipprovdu l-fattur beta għall-ajrupazju u l-iżvilupp tal-ajruporti fl-Ewropa bbażat fuq dejta statistika ta' bejn 0,81-1,26 ⁽⁴⁸⁾. Dawn il-fatturi beta huma kkalkulati għal ajruporti internazzjonali (speċjalment ċentri amministrattivi għat-trasport bl-ajru), li minħabba il-kwotazzjonijiet tajbin tagħhom fuq il-Borża għandhom aċċess tajjeb għal swieq kapitali. Fl-opinjoni tal-Kummissjoni, investimenti f'ajruporti żgħar, bħal fil-każ preżenti, ifissru riskju akbar minħabba d-daqs tagħhom. Barra minn hekk fil-każ preżenti l-ajruport jinsab f'idejn pubbliċi u għandu biss aċċess limitat għas-suq kapitali. Barra dan, huwa jiddependi mill-appoġġ tal-azzjonisti pubbliċi. Għalhekk il-Kummissjoni hi tal-opinjoni li minbarra fattur beta ogħla l-Ġermanja kellha tikkundsra wkoll l-hekk imsejjaħ "primjum għan-nuqqas ta' likwidità" fil-kalkoli tagħha, li mhux il-każ. B'hekk ir-rati tal-imgħax kienu ogħla u l-valur kurrenti nett tal-bilanċ tad-dħul ta' flus kien inqas.

6.1.1.4. Nota partikulari

- (220) Skont l-Artikolu 87 paragrafu 1 tat-Trattat tal-KE miżura tgħodd bħala għajnuna mill-Istat jekk intrapriża jew oqsma tal-produzzjoni partikulari jibbenifikaw minnha. Dwar il-każ preżenti jista' jiġi ddikjarat li l-vantaġġi in kwistjoni ġew mogħtija biss lill-ajruport ta' Leipzig. Il-fondi pubbliċi marru għal proġett partikulari. Il-kontribuzzjonijiet għall-kapital mill-id pubblika ma ġew mogħtija lil ebda ajruport ieħor kompetittiv. Għalhekk din hija miżura selettiva skont l-Artikolu 87 paragrafu 1 tat-Trattat tal-KE.

6.1.1.5. Tfixkil tal-kompetizzjoni u effetti negattivi fuq il-kummerċ

- (221) Jekk l-għajnuna ta' Stat Membru ssaħħa il-pożizzjoni ta' intrapriża fil-konfront tal-kompetituri tagħha fil-kummerċ fi ħdan il-Kommunità, il-kompetittività tagħhom titiqes li għet affettwata b'mod negattiv permezz tal-għajnuna. Skont il-ġurisprudenzja kurrenti ⁽⁴⁹⁾ miżura li tfixkel il-kompetizzjoni tkun diġà ngħatat, hekk kif ir-riċevitur tal-għajnuna jidħol fi swieq miftuħa għall-kompetizzjoni b'intrapriżi oħra li jikkompetu.
- (222) Kif diġà spjegat fil-paragraf 166 ff., l-operat ta' ajruport huwa meqjus bħala attività kummerċjali. Il-kompetizzjoni mhijiex qiegħda biss bejn linji tal-ajru, iżda ukoll bejn ajruporti. Il-każ preżenti huwa fost l-oħrajn dwar intrapriża li possibbilment toffri l-impjanti meħtieġa, biex tiġi żviluppata f'ċentru amministrattiv għat-trasport bl-ajru għall-ġarr ta' merkanzija bl-ajru.
- (223) Kull trattament preferenzjali kummerċjali li l-ajruport ta' Leipzig/Halle jirċievi permezz tal-finanzjament tar-runway fin-nofsinar ser isahha il-pożizzjoni tiegħu fil-konfront tal-kompetituri tiegħu fuq is-suq Ewropew għal servizzi pprovduti minn ajruporti. Għalhekk il-finanzjament permezz ta' id pubblika preżentement soġġett għal investigazzjoni jinkludi l-periklu ta' tfixkil tal-kompetizzjoni jew ta' effetti negattivi fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

6.1.1.6. Konklużjoni

- (224) Għal dawn ir-raġunijiet, il-finanzjament pubbliku tat-tkabbir tar-runway fin-nofsinar tal-ajruport ta' Leipzig-Halle huwa għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 87 paragrafu 1 tat-Trattat tal-KE.

6.1.2. Eżistenza ta' għajnuna mill-Istat għad-DHL — Ftehim strutturali u dikjarazzjoni mill-Istat

- (225) Kif spjegat fid-deċiżjoni għall-bidu ta' proċeduri (ara paragrafi 42 sa 46), skont l-opinjoni tal-Kummissjoni l-miżuri preżentement investigati qed jiġu ffinanzjati minn mezzi pubbliċi u jistgħu jfixklu l-kompetizzjoni.

6.1.2.1. Trasferiment ta' mezzi pubbliċi

- (226) Il-kunċett ta' għajnuna jinkludi kull benefiċċju li direttament jew indirettament huwa ffinanzjat minn mezzi statali u li jiġi mogħti mill-Istat stess jew minn istituzzjonijiet li huma attivi fuq il-bażi ta' mandat pubbliku.

⁽⁴⁸⁾ Ara Damodaran Online, <http://pages.stern.nyu.edu/~adamodar/>

⁽⁴⁹⁾ Sentenza tal-Qorti tal-Prim Istanza tat-30 ta' April 1998, Kawża T-214/95, *Vlaams Gewest kontra l-Kummissjoni*, 1998, Ġabra II-717.

(227) Huwa ovvju li l-ftehim strutturali u d-dikjarazzjoni mill-Istat qed jiġu ffinanzjati minn mezzi pubbliċi, u d-deċiżjonijiet dwar l-għoti ta' dawn il-mezzi pubbliċi huma attribwiti lil istituzzjonijiet pubbliċi: Il-bord tad-direttori tal-MFAG awtorizza l-konklużjoni tal-ftehim strutturali fit-3 ta' Ġunju 2004. Il-membri tal-bord tad-direttori tal-MFAG huma fil-maġġoranza tagħhom rappreżentanti tas-settur pubbliku (pereżempju, il-Ministru tal-Finanzi ta' Sachsen u Sachsen-Anhalt, is-sindki ta' Leipzig, Dresden u Halle). Id-dikjarazzjoni mill-Istat ġiet iffirmata fil-21 ta' Diċembru 2005 mill-Ministru tal-Finanzi tal-Istat ta' Sachsen.

6.1.2.2. Tfixkil tal-kompetizzjoni u effetti negattivi fuq il-kummerċ

(228) B'dawn il-miżuri huwa possibbli, li l-kompetizzjoni tiġi mfixkla u li l-kummerċ bejn l-Istati Membri jiġi affettwat, għaliex minnhom jibbenefikaw id-DHL u l-ajruport ta' Leipzig b'mod selettiv.

(229) In-negozju tal-kunsinna mgħaġġla huwa bla dubbju suq li fih intrapriżi minn Stati Membri differenti jinsabu f'kompetizzjoni ma' xulxin. Kull benefiċċju ekonomiku li tirċievi d-DHL permezz tal-miżuri statali msemmija jsahha il-pożizzjoni tagħha fil-konfront tal-kompetituri tagħha fis-suq Ewropew tal-ġarr ta' merkanzija b'kunsinna mgħaġġla.

(230) Peress li l-evalwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 42 sa 46 tad-deċiżjoni għall-bidu ta' proċeduri ma ġewx diskussi la mill-Ġermanja u lanqas mill-istituzzjonijiet involuti, l-argument li ġej jikkonċentra fuq l-iskala ta' benefiċċji għad-DHL permezz tal-ftehim strutturali u tad-dikjarazzjoni mill-Istat.

6.1.2.3. Vantaġġ ekonomiku għad-DHL permezz tal-ftehim strutturali

(231) Għal kull servizz offrut — garanziji, kiri u servizzi pprovduti mill-ajruport — għandu jiġi investigat jekk il-ftehim strutturali jagħmilx provvedimenti għal kumpensi raġonevoli li investitur privat kien jaċċetta.

(a) **Garanziji mingħajr restrizzjonijiet**

(232) Il-ftehim strutturali ma jistipula l-ebda ħlasijiet ta' primjums b'mod espliċitu għall-garanziji mogħtija. Mid-dħul addizzjonali ta' flus permezz tal-bini u l-operat tar-runway fin-nofsinar biss jista' jiżdied sors ta' dħul ieħor possibbli għall-ajruport. Għalhekk l-ewwel għandu jiġi kkalkulat id-dħul addizzjonali ta' flus li jirriżulta mir-runway fin-nofsinar. Wara għandu jiġi investigat jekk dan id-dħul ta' flus addizzjonali joffrix biżżejjed dħul għall-garanziji mogħtija.

(233) Peress li investitur privat kien jiddeċiedi fuq il-konklużjoni tal-ftehim strutturali u fuq it-tkabbir tar-runway fin-nofsinar fl-istess żmien, id-data tal-valur tal-assi għall-investigazzjoni mill-investitur privat għandha tkun Novembru 2004, jiġifieri qabel il-bidu tax-xogħol tal-bini.

Kif spjegat fil-paragraf 215 ff. fl-opinjoni tal-Kummissjoni investitur privat ma kienx intenzjonalment ser inaqqs is-saħħa tal-pożizzjoni tiegħu fl-innegozjar fejn hu jinvesti fir-runway fin-nofsinar mingħajr ma qabel jagħmel kuntratt dwar l-użu. Il-kalkoli tal-bilanċ tad-dħul ta' flus juru biċ-ċar li r-runway fin-nofsinar mingħajr l-istabbiliment tad-DHL fl-ajruport ta' Leipzig ma kinitx tkun alternattiva sostenibbli għan-negozju, għaliex minnha kien jirriżulta telf addizzjonali fil-bilanċ tad-dħul ta' flus ta' madwar [...] euro (ara l-appendiċi, kolonna 5). Għalhekk l-ajruport ma nnegozjax bħal investitur privat, meta l-ewwel bena r-runway il-ġdida fin-nofsinar u wara għamel il-ftehim strutturali. Ix-xenarju "tkabbir mingħajr id-DHL" seta' jsir biss bl-għajjn ta' ħafna benefiċċji ta' għajjn. Għalhekk bħal xenarju għar-referenza mhuwiex addattat għall-investigazzjoni minn investitur privat.

(234) Għalhekk għall-kalkolu tad-dħul ta' flus addizzjonali riżultat tal-bini tar-runway fin-nofsinar wieħed għandu jmur lura għall-proċeduri tad-deċiżjoni għall-bidu ta' proċeduri u jiddetermina d-differenza bejn il-valuri fil-bilanċ tad-dħul ta' flus bejn il-varjant tkabbir bid-DHL u x-xenarju status quo (operat esklussiv tal-karreġġata għat-tluġ u l-inżul eżistenti fin-nofsinar).

(235) Il-kalkolu sar fis-sena 2005, meta l-ewwel investimenti li jammontaw għal [...] euro fir-runway fin-nofsinar kienu diġa saru, li l-Kummissjoni ġet infurmata dwarhom wara d-deċiżjoni għall-bidu ta' proċeduri.

(236) Il-kalkolu tal-bilanċ għad-dħul ta' flus ma jmurx lil hinn mis-sena 2042 u ma jinkludix fih il-valuri finali speċifikati mill-Ġermanja, għaliex skont il-pożizzjoni tal-Ġermanja aktar kmieni⁽⁵⁰⁾ it-tul ta' żmien tal-użu ta' karreġġata għat-tluġ u l-inżul jammonta għal madwar 30 sena. Barra minn hekk investitur privat ma kienx ikun lest li jiffinanzja r-runway fin-nofsinar jekk fl-ewwel 37 sena tal-operat (2005-2042) ma tipproduċix profitti raġonevoli. Għalhekk fl-analiżi dwar il-bilanċ tad-dħul ta' flus ġie kkunsidrat biss dan il-perjodu ta' żmien biex jiġi deċiż kemm l-investment jaffettwa l-profitt tal-ajruport.

(237) Anqas l-valuri finali ssuġġeriti ma ġew ikkunsidrati minnha nuqqas ta' plawsibilità. Bi tkabbir annwali ta' 3 % wieħed jista' jaġixxi fuq is-suppożizzjoni ta' dħul dejjem jiżdied bla limiti. Dan it-tip ta' kalkolu mhuwiex realistiku, għaliex il-karreġġata għat-tluġ u l-inżul għandhom kapaċitajiet limitati u d-dħul ma jistax jiżdied *ad infinitum*. Fil-kalkolu tal-Ġermanja għall-varjant "tkabbir bid-DHL" dan, pereżempju, iwassal għar-riżultat paradossali li l-valur finali mnaqqas huwa ħames darbiet ogħla mill-bilanċ tad-dħul ta' flus imnaqqas tal-ajruport għall-perjodu bejn l-2005 u l-2042⁽⁵¹⁾.

(238) Kif speċifikat fl-appendiċi, mill-kalkoli tal-bilanċ tad-dħul ta' flus imnaqqas li jiżdied permezz tar-runway fin-nofsinar jidher ċar li d-dħul tal-2005 ser jinżel għal [...] euro inqas mill-ispejjeż marbuta ma' investimenti għall-perjodu bejn l-2005 u l-2042 (ara l-appendiċi kolonna 4).

⁽⁵⁰⁾ Pożizzjoni tal-Ġermanja tal-21 ta' Lulju 2006, paġna 12.

⁽⁵¹⁾ Ara l-kalkoli ppreżentati mill-Ġermanja (numru tal-marġni 88 hawn fuq).

- (239) Għalhekk l-ajruport mhu ser ikun jista' jkopri l-ebda spejjeż marbuta ma' riskji mill-bilanċ tad-dħul ta' flus għar-runway fin-nofsinar. Assigurazzjoni tar-riskji tkun Prattika jekk il-proġett ikun iħalli profitt u l-ajruport ikun jista' jiffinanzja r-riskju mill-ġdid, jekk ikun il-każ.
- (240) Billi jieħu fidejħ garanzji bla restrizzjonijiet marbuta mal-operat tal-ajruport wara t-twaqqif taċ-ċentru amministrattiv tad-DHL (paragrafi 8 u 9 tal-ftehim strutturali), l-ajruport jieħu fuqu riskji li jnaqqas l-kontroll tiegħu. Kif elaborat fil-paragrafi 17 sa 19 tad-deċiżjoni għall-bidu ta' proċeduri, l-ajruport la huwa fil-pożizzjoni li jikkontrolla l-aċċess privileġġjat tad-DHL għar-runway fin-nofsinar (għalih hemm responsabbli l-Assoċjazzjoni għas-Sigurtà fl-Ajru) u lanqas l-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet fuq titjiriet ta' bil-lejl (fir-responsabbiltà tal-awtoritajiet).
- (241) Skont il-kalkoli tal-Ġermanja r-riskju ta' projbizzjoni fuq titjiriet ta' bil-lejl jikkawża lill-ajruport spejjeż li jammontaw għal madwar [...] euro. Dan iwassal għal żieda fit-telf tal-bilanċ tad-dħul ta' flus ta[...] euro (ara l-appendiċi kolonna 4). Għalkemm huwa ovvju li l-ajruport ma jistax jiffinanzja l-ispejjeż marbuta ma' riskji mir-riżorsi tiegħu, wieħed ta' min jgħarraf li dawn il- [...] euro jkopru biss ammont minimu. Minbarra żbalji oħra fil-kalkoli, il-Ġermanja ma kkunsidrat ukoll li l-ajruport jista' jfalli, jekk huwa jkollu jikkompensa lid-DHL bi [...] euro jew [...] euro, f'każ li l-intrapriża jkollha tmur f'ajruport ieħor minħabba projbizzjoni fuq titjiriet ta' bil-lejl. Barra minn hekk ir-riskji l-oħra li għalihom saru provvedimenti baqgħu ma ġewx ikkunsidrati fil-kalkoli tal-Ġermanja (pereżempju, dak tal-aċċess għar-runway fin-nofsinar ikkontrollat mill-Assoċjazzjoni għas-Sigurtà fl-Ajru).
- (242) Fl-aħħar nett, qed jiġi enfasizzat ukoll li l-kalkoli xorta waħda juru defiċit fil-bilanċ tad-dħul ta' flus, anke jekk jiġi segwit l-argument tal-Ġermanja, li l-ispejjeż marbuta mas-sigurtà li jammontaw għal [...] euro jaqgħu taħt ir-responsabbiltà pubblika u għalhekk ma jiżdidux mal-ispejjeż tal-ajruport ⁽⁵²⁾. Anke f'dan ix-xenarju jibqax defiċit konsiderevoli ta' [...] euro (ara l-appendiċi kolonna 4).
- (243) Minn dawn il-kalkoli biss jidher ċar li investitur privat ma kienx jieħu fidejħ dan it-tip ta' garanzji mingħajr restrizzjonijiet. Il-Kummissjoni, iżda, tixtieq iżżid li minn investigazzjoni aktar dettaljata jirriżulta aktar telf. Il-Ġermanja tirreferi għall-fatt li l-awtoritajiet regolatorji Ingliżi fil-kalkoli tagħhom għad-determinazzjoni tal-ħlasijiet lill-ajruport għall-perjodu bejn l-2008 u 2013 huma stmaw l-ispejjeż marbuta mal-kapital (sħiħ qabel it-taxxa) ta' 6,2 % (Heathrow) kif ukoll ta' 6,7 % (Gatwick). Iżda kemm Heathrow kif ukoll Gatwick jistgħu jistrieħu fuq domanda kbira ta' titjiriet minn u lejn Londra, filwaqt li l-ajruport ta' Leipzig għandu kapaċitajiet żejda u jrid jikkompeti ma' ajruporti oħra għal fornituri ta' servizzi ta' titjiriet għal passiġġieri u merkanzija bi prezz baxx. Peress li l-ajruport ta' Leipzig huwa espost għal riskju akbar tas-suq minn Heathrow jew Gatwick, spejjeż marbuta mal-kapital ta' aktar minn 6,5 % (sħaħ mingħajr taxxi) kienu jkunu raġonevoli (ara wkoll il-paragraf 218 ff.).
- (244) Barra minn hekk, skont informazzjoni mill-Ġermanja ⁽⁵³⁾ istituzzjonijiet finanzjarji privati ma kinux lesti li jagħmlu provvedimenti għar-riskji li jirriżultaw mill-garanzija għall-operat tal-ajruport wara t-twaqqif taċ-ċentru amministrattiv tad-DHL, u b'hekk jiġi kkonfermat li l-ebda investitur privat ma kien ser jieħu fidejħ dan it-tip ta' garanzji bla restrizzjonijiet għal riskji li hu m'għandux kontroll fuqhom.
- (245) L-argumenti preżentati mill-Ġermanja u mid-DHL, li skont huma t-teħid fl-idejn reċiproku ta' garanzji bejn partijiet b'kuntratt hija Prattika normali fin-negozju, huma sempliċement dikjarazzjonijiet ġenerali u għalhekk irrelevanti, għaliex il-kalkoli ta' hawn fuq juru biċ-ċar li l-ajruport ta' Leipzig mhuwiex fil-pożizzjoni li jiffinanzja l-garanzji mogħtija mir-riżorsi tiegħu. Investitur privat jagħmel biss kuntratt li jiġġenera profitt u li ma jnaqqas is-saħħa finanzjarja tiegħu.
- (246) Fl-aħħar nett, wieħed jaqbel mal-argument tal-Ġermanja, li skont hu investitur privat — peress li r-runway fin-nofsinar kienet diġa nbnieta kien jiffirma l-ftehim strutturali minħabba d-dħul ta' flus kbir fil-konfront tal-varjant mingħajr id-DHL. Hekk il-Ġermanja tħalli barra l-punt importanti, li, kif spjegat hawn fuq, l-ispejjeż marbuta ma' riskji ma jistgħux jiġu ffinanzjati mir-riżorsi tal-ajruport. Biex ikun jista' joffri garanzji lid-DHL, l-ajruport ta' Leipzig irid jaqa' għall-kapital li kien imdaħħal għall-bini tar-runway fin-nofsinar. Kif iddikjarat fil-paragrafu 6.1.1., dawn il-kontribuzzjonijiet għall-kapital diġa jirrapreżentaw għajnunna. Għalhekk, indipendentament mill-perjodi ta' żmien meħuda bħala bażi, jista' jiġi ddiċjarat li l-garanzji bl-ebda mod ma ġew iffinanzjati permezz ta' għajnunna.

(b) **Kuntratti tal-kera**

- (247) Jekk wieħed jikkunsidra l-argumenti ppreżentati mid-DHL u mill-Ġermanja, jista' jiġi ddiċjarat li d-DHL mill-kuntratti tal-kera ma żdidilha l-ebda vantaġġ finanzjarju, għaliex

- (a) rati ta' mgħax normali għas-suq jiffurmaw il-bażi għall-kuntratti tal-kera taż-żona għat-tluġ u l-inżul u ż-żoni ta' art għall-ħatt u t-tagħbija ta' merkanzija u l-ajruport ta' Leipzig mhux marbut mal-ebda għażla għall-finanzjament partikulari;
- (b) ir-riservazzjoni ta' żoni partikulari għad-DHL apparentement huma konformi ma' Prattika tal-liġi Ġermaniża tal-kera u l-istabbiliment ta' kompetitur fl-ajruport ta' Leipzig mhu bl-ebda mod imfexxkel, għaliex hemm żoni oħra liberi għad-dispożizzjoni tiegħu.

(c) **Ftehim dwar ħlasijiet lill-ajruport**

- (248) Jekk wieħed jikkunsidra l-argumenti ppreżentati mid-DHL u mill-Ġermanja, jista' jiġi ddiċjarat li d-DHL, mill-ftehim dwar ħlasijiet lill-ajruport, ma żdidilha l-ebda vantaġġ finanzjarju, għaliex

- (a) id-DHL tħallas l-istess ħlasijiet bħall utenti oħra tal-ajruport;

⁽⁵²⁾ L-ammont ta' [...] euro jirriżulta mill-ispejjeż marbuta mal-operat u ma' investimenti għal miżuri tas-sigurtà, li l-ajruport għandu l-intenzjoni li jieħu. Fl-appendiċi 1 jiġu wkoll ippreżentati l-valuri netti kurrenti tal-ispejjeż marbuta mas-sigurtà f'xenarji oħra tan-negozju.

⁽⁵³⁾ Pożizzjoni tal-Ġermanja tal-21 ta' Lulju 2006, paġna 7.

(b) mill-paragun ippreżentat mid-DHL dwar ħlasijiet lill-ajruport joħroġ li dawk il-ħlasijiet imposti mill-ajruport ta' Leipzig huma bejn [...] % u [...] % ogħla minn dawk ta' ajruporti oħra għall-ġarr ta' merkanzija li jikkompetu fl-Ewropa. Għalhekk il-Kummissjoni m'għandha l-ebda raġuni biex ma tqisx il-ħlasijiet lill-ajruport bħala konformi mas-suq.

6.1.2.4. Vantaġġ ekonomiku għad-DHL permezz tal-ftehim strutturali

(249) Fin-notifika dwar garanziji ġie ddikkjarat taħt liema kundizzjonijiet garanzija ma tirrapreżentax għajna mill-Istat. Żewġ kundizzjonijiet prinċipali, li t-tnejn iridu jiġu ssodisfati, huma:

(a) Il-garanzija trid tkun prinċipalment konformi mal-kundizzjonijiet kurrenti tas-suq fi swieq finanzjarji.

(b) Irid jitħallas primjum normali għas-suq għall-garanzija.

(250) Id-dikjarazzjoni mill-Istat — li permezz tagħha l-Istat ta' Sachsen ħa r-responsabbiltà li hemm biżżejjed kapital għad-dispożizzjoni tal-ajruport ta' Leipzig u tal-MFAG sabiex ikunu jistgħu jiġu ssodisfati l-obbligi li huma ikkommetew ruħhom għalihom fil-ftehim strutturali u l-Istat ta' Sachsen jiddikkjara li hu jkun direttament responsabbli għall-kumpens sa [...] euro għal pretensjonijiet ta' ħsara mid-DHL — mhix konformi mal-ebda waħda minn dawn iż-żewġ kundizzjonijiet:

(a) Skont informazzjoni mill-Ġermanja ⁽⁵⁴⁾ l-ajruport ta' Leipzig ipprova iżda ma rnexxilux ikopri r-riskji li eventwalment ġew indirizzati mill-ftehim strutturali permezz ta' istituzzjonijiet finanzjarji privati.

(b) Peress li la d-DHL, la l-MFAG, u lanqas l-ajruport ta' Leipzig m'għandhom iħallsu primjum għad-dikjarazzjoni mill-Istat, ir-riskju tal-Istat ta' Sachsen mhux qed jiġi direttament ikkumpensat.

(251) Barra minn hekk, jista' wkoll ma jingħadx li l-Istat ta' Sachsen bħala azzjonista tal-ajruport ta' Leipzig jieħu kumpens indirett, għaliex il-valur tal-ishma fl-ajruport minħabba t-telf fil-bilanċ tad-dħul ta' flus riżultat tat-tkabbir tad-DHL ser jinżel b'mod effettiv. Bl-istess raġunament, l-argumenti kollha marbuta mal-kommensurabbiltà bejn id-dikjarazzjonijiet mill-Istat ta' Sachsen u d-Deutsche Post m'għandhomx bażi soda, għaliex id-dħul ta' flus addizzjonali mir-runway fin-nofsinar mhux biżżejjed biex jiġi assigurat il-finanzjament tar-riskju tal-ajruport u l-proprjetarju tiegħu.

6.1.2.5. Konklużjoni dwar l-eżistenza u l-legalità ta' għajnuniet għall-benefiċċju tad-DHL

(252) Il-garanziji mingħajr restrizzjonijiet konċiżi fil-paragrafi 8 u 9 tal-ftehim strutturali u d-dikjarazzjoni mill-Istat jirrapreżentaw għajna mill-Istat skont l-Artikolu 87 paragrafu 1 tat-Trattat tal-KE, għaliex l-Istat ta' Sachsen, l-MFAG u l-ajruport ta' Leipzig għamlu provvedimenti għal riskji tan-negozju tad-DHL b'kundizzjonijiet li l-ebda investitur privat ma kien jaċċetta. Mingħajr l-appoġġ pubbliku, l-ajruport ta' Leipzig la seta' jiffinanzja il-bini tar-runway fin-nofsinar u lanqas seta' jagħmel ftehim strutturali mad-DHL.

(253) Peress li l-ftehim strutturali ġie ffirmat u daħal fis-seħħ qabel in-notifika tiegħu mill-Ġermanja, il-garanziji bla restrizzjonijiet li hemm fih imorru kontra l-Artikolu 88 paragrafu 3 tat-Trattat tal-KE u għalhekk huma illegali.

6.2. Konformità tal-għajna mas-Suq Kommuni

6.2.1. Leġittimità tal-għajna għall-ajruport

(254) Kif spjegat fil-paragraf 166 ff., l-investimenti kollha magħmula minn mezzijiet pubbliċi fis-sens ta' din id-deċiżjoni jinkludu għajna mill-Istat ⁽⁵⁵⁾ (għalkemm parti minnhom jaqgħu taħt ir-responsabbiltà pubblika).

(255) Għandu jiġi ddeterminat jekk l-għajna għandhiex tit-qies bħala konformi mas-Suq Kommuni. L-Artikolu 87 paragrafu 3 tat-Trattat tal-KE jagħmel provvedimenti għal eċċezzjonijiet partikolari għall-projbizzjoni ġenerali ta' għajna skont il-paragrafu 1.

(256) F'dan il-qasam, id-Direttivi tal-2005 jiffurmaw bażi li fuqha għajnuniet għal ajruporti skont l-Artikolu 87 paragrafu 3(c) jistgħu jiġu ddikkjarati permessi. Fid-Direttivi jiġu msemmija diversi fatturi li l-Kummissjoni tqis waqt id-determinazzjoni dwar il-konformità.

(257) Għalhekk skont il-paragrafu 61 tad-Direttivi tal-2005 għandu jiġi investigat b'mod speċjali, jekk

(a) il-bini u l-operat tal-infrastruttura iservux għan definit b'mod ċar fl-interess ġenerali (żvilupp ta' reġjuni, aċċessibilità eċċ.);

(b) l-infrastruttura hijiex meħtieġa u adegwata biex jintlaħaq l-għan;

⁽⁵⁴⁾ Pożizzjoni tal-Ġermanja tal-21 ta' Lulju 2006, paġna 7.

⁽⁵⁵⁾ Kalkolu eżatt tal-ammont ta' għajna mhux possibbli, għaliex il-Kummissjoni ma tistax teskludi li l-investitur privat ipotetiku kien jinvesti inqas u għalhekk inaqas ir-riskju tiegħu.

- (c) il-perspettivi marbuta mal-użu tal-infrastruttura l-għdida għal żmien medju, speċjalment mal-użu ta' dik eżistenti jiġix issodisfati;
- (d) l-utenti potenzjali jkollhomx kollha aċċess uniformi u mingħajr diskriminazzjoni għall-infrastruttura;
- (e) l-iżvilupp tal-kummerċ ma jiġix affettwat b'tali mod, li jmur kontra l-interessi tal-Kommunità.
- (i) **Il-bini u l-operat tal-infrastruttura jservu għan definit b'mod ċar fl-interess ġenerali (iżvilupp ta' reġjuni, aċċessibilità eċċ.)**
- (258) Permezz tal-proġett, fl-ajruport għandu jinħoloq ċentru amministrattiv ġdid għat-trasport ta' merkanzija bl-ajru u ċentru multimodali għat-trasport ta' oġġetti. Is-settur tat-trasport ta' merkanzija bl-ajru, speċjalment in-negozju ta' kunsinna mgħaġġla qed juri tkabbir konsiderevoli. Bħallissa l-intrapriżi għall-ġarr ta' merkanzija bl-ajru qed ikabbru l-kapaċitajiet tal-operat tagħhom. Iżda fit-tliet ċentri amministrattivi prinċipali għall-ġarr ta' merkanzija bl-ajru fil-Ġermanja — Frankfurt/Main, Munich und Cologne/Bonn — qed jiġu rikjesti restrizzjonijiet fuq titjiriet ta' bil-lejl. Kieku l-ajruport ta' Frankfurt/Main ikollu jwaqqaf jew inaqqas it-titjiriet ta' bil-lejl, konsegwentament fil-Ġermanja jkun hemm kriżi serja fil-kapaċitajiet għat-trasport ta' merkanzija bl-ajru.
- (259) Fuq dan l-isfond l-investiment huwa konsistenti mal-pjan ta' azzjoni għall-kapaċità, l-effiċjenza u s-sigurtà tal-ajruporti fl-Ewropa ⁽⁵⁶⁾ tal-2007, li fihom ġie ddikjarat li "Minħabba l-iżvilupp mistenni fis-settur tat-trasport, l-Ewropa ser taffaċja **vojt dejjem jikber** bejn il-kapaċità u d-domanda" f'dak li għandu x'jaqsam ma' ajruporti u ġie konkluż li "Il-kriżi marbuta ma' kapaċitajiet ta' ajruport t'fisser **periklu** għas-sigurtà, l-effiċjenza u l-kompettitività tal-partijiet interessati kollha, li huma involuti fil-katina tal-kunsinna tat-trasport bl-ajru" ⁽⁵⁷⁾. Skont dan il-pjan ta' azzjoni mhuwiex biss meħtieġ li wieħed juża l-karreġġjati għat-tluġ u l-inżul b'mod effiċjenti, iżda ukoll li "infrastrutturi ġodda jiġu appoġġjati", u l-Kummissjoni tirreferi għall-importanza ta' ajruporti reġjonali biex tiġi indirizzata l-kriżi marbuta ma' kapaċitajiet.
- (260) Il-proġett jagħmel parti mill-istrateġiji inklużi fil-pjan ġenerali (li jwassal sal-2020) tan-netwerk tat-trasport transewropew tal-2004 għall-iżvilupp tal-ajruport identifikat fih bħala "iċ-ċentru tal-Kommunità". L-ajruport jinsab fil-Ġermanja ċentrali (qrib ta' ħames rotot prinċipali tan-netwerk transewropew tat-trasport u tal-passaġġi panEwropej) u jinsab fil-punt fejn jiltaqqu żewġ awtostradi Ġermaniżi li jgħaqqdu flimkien it-tramuntana u n-nofsinar tal-Ewropa (A9) u l-Ewropa tal-Punent u l-Ewropa tal-Lvant (A 14). Barra minn hekk huwa għandu għad-dispożizzjoni tiegħu konnessjoni eċċellenti għat-trasport f'networks tal-ferrovija u ta' toroq. Dawn il-konnessjonijiet jippermettu t-trasport intermodali ta' oġġetti u jwasslu għal trasport aktar effiċjenti u aktar sostenibbli għall-ambjent u barra minn hekk jikkontribwixxu għal iżvilupp sostenibbli. Il-proġett għalhekk iservi għall-"iżvilupp ta' netwerk tat-trasport bl-ajru integrat Ewropew" skont il-punt 12 tal-pjan ta' azzjoni msemmi, li riżultat tiegħu
- "preferibbilment il-kapaċità moħbija eżistenti fajruporti reġjonali tiġi iżviluppata, jekk l-Istati Membri waqt dan l-iżvilupp jirrispettaw r-regolamenti tal-Kommunità dwar għajjnuna mill-Istat".
- (261) It-tweġġiq tal-proġett għandu jaffettwa r-reġjun kollu b'mod pożittiv u ser jinfluwenza b'mod sinifikanti l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tiegħu. Il-konnessjoni tar-reġjun ser tiġi mtejba b'mod speċjali u hu ser ikun aktar attrajenti għall-investituri u l-viżitaturi. Dan għandu jgħib miegħu effetti pożittivi fuq ix-xogħol, speċjalment għalix il-qgħad fir-reġjun ta' Halle/Leipzig huwa sostanzjalment oġhla mill-medja tal-Ġermanja kollha.
- (262) Permezz tal-investimenti in kwistjoni, l-użu tal-infrastruttura disponibbli jkun organizzat aħjar, b'mod aktar sigur, aktar sostenibbli għall-ambjent u aktar effiċjenti, li permezz tiegħu s-sigurtà u l-effiċjenza tal-ajruport ser jiżdiedu. Permezz tal-allinjament mill-ġdid tar-runway fin-nofsinar fil-futur ser jiġi evitat li jgħaddu titjiriet minn fuq iż-żoni fit-tramuntana ta' Leipzig u fin-nofsinar ta' Halle li huma popolati ħafna. Żona f'Leipzig li tinsab qrib l-ajruport u fuq quddiem tar-runway il-qadima fin-nofsinar, tintlaqat sew mill-istorbju għalix hemmhekk jiltaqqu l-karreġġjati tal-wasla u tat-tluq. Barra minn hekk, l-allinjament tar-runway il-qadima fin-nofsinar ma kienx konformi mar-rekwiżiti meteoroloġiċi tal-avjazzjoni għal tluġ u nżul. Id-direzzjoni tar-riħ matul is-sena kif ukoll f'xhur individwali tkun ġeneralment mil-lbiċ. Dan jista' jkun ta' żvantaġġ meta jkun hemm interferenzi għal komponenti bir-riħ mill-ġenb għaż-żaqq. L-allinjament il-ġdid huwa konformi mar-rekwiżiti meteoroloġiċi tal-avjazzjoni u jippermetti l-operat ta' titjiriet bi strumenti skont il-grad tal-operat CAT III f'kull tip ta' temp. Barra minn hekk, id-distanza bejn iż-żewġ karreġġjati għat-tluġ u l-inżul tippermetti l-operat indipendenti ta' titjiriet, li qabel ma kienx possibbli minħabba raġunijiet ta' sigurtà (periklu ta' ħabtiet).
- (263) Għalhekk wieħed jista' jikkonkludi, li l-bini u l-operat tal-infrastruttura jservu għan definit b'mod ċar għall-interess ġenerali u jekk wieħed jikkunsidra l-aspetti reġjonali u ambjentali, l-iżvilupp ta' ajruport b'aktar involviment fil-ġarr ta' merkanzija huwa konformi mal-politika tal-Kommunità b'tali mod li dan il-kriterju għall-awtorizzazzjoni f'dan il-każ huwa ssodisfat.
- (ii) **L-infrastruttura hija meħtieġa u adegwata biex jiġi milħuq l-għan**
- (264) Il-figuri ppreżentati mill-Ġermanja juru biċ-ċar li l-ajruport fil-forma kif inhu llum mhux ser ikun jista' jlaħħaq maż-żieda mistennija fit-trasport ta' passiġġieri u ta' merkanzija. Kif iddikjarat hawn fuq, qed tiġi prevista żieda gradwali iżda konsiderevoli fin-numru ta' passiġġieri u fil-volum ta' merkanzija tul il-ħajja kummerċjali tar-runway il-għdida fin-nofsinar. Fis-sena 2006, in-numru ta' passiġġieri kien ta' 2.3 miljuni u skont stimi, fis-sena 2010 dan in-numru se jitla' għal 6-7 miljuni. Qed tiġi prevista żieda fit-trasport ta' merkanzija wkoll, speċjalment minħabba aktar restrizzjonijiet fuq titjiriet ta' bil-lejl fajruporti oħra Ġermaniżi (Frankfurt/Main, Cologne/Bonn fost oħrajn).

⁽⁵⁶⁾ COM(2006) 819 definita.

⁽⁵⁷⁾ Pjan ta' azzjoni, numru 7 u kaxxa f'paġna 4.

- (265) Għal ħafna raġunijiet, ir-runway il-qadima fin-nofsinhar kienet titqies bħala li kienet tinsab f'qagħda ħażina u li ma kenitx adekwata. L-ewwel nett ta' min ifakkar li l-infrastruttura kienet inbniet bejn l-1957 u l-1960. L-allinjament tar-runway il-qadima kien ġie ddeterminat skont l-istruttura militari tal-ispazju tal-ajru tar-Repubblika Demokratika Ġermaniża u mhux skont rekwiżiti meteoroloġiċi tal-avjazzjoni. Madwar is-sena 1980 kienu diġà bdew jidhru ħsarat bħal xquq fiċ-ċangaturi, tkissir fit-truf u toqob fis-sottostrati. Biex jissewew dawn il-ħsarat, fis-snin 1983/84 il-karreġjata għat-tluġ u l-inżul ġiet mogħtija kisja konkrit. Iżda bejn il-kisja oriġinali u l-kisja l-ġdida ma sar l-ebda tgħaqqid, b'tali mod li t-tiġdid sar biss fil-wiċċ u ma kienx biżżejjed.
- (266) Din il-problema dehret aktar mis-sena 1990 'il quddiem meta il-karreġjata għat-tluġ u l-inżul bdiet tintuża aktar. Pereżempju, xquq fil-kisja ta' taħt wasslu għal xquq fil-kisja l-ġdida ta' fuqha kif ukoll għal ħafna tkissir fit-trufijiet u ċaqliq kbir b'mod lonġitudinali fiż-żewġ itruf tar-runway, u bħala konsegwenza tfaċċaw it-tumbati. Dan it-tip ta' tumbati joħlqu periklu kbir għas-sigurtà tat-traffiku meta fis-sajf jinkisru minħabba s-sħana. Il-konsegwenzi kienu aktar ħsarat dejjem jiżiedu kif ukoll manutenzjoni għolja bi spejjeż sproporzjonati marbuta tagħha.
- (267) Barra minn hekk, ir-runway oriġinali fin-nofsinhar kellha tul ta' 2 500 m u kienet tippermetti biss tluġ u nżul li jeħtieġu distanza qasira. Għal inġenji tal-ajru mgħobbija li għandhom piż ta' aktar minn 30 tunnellata din ir-runway ma setgħetx tintuża. Għalhekk l-effiċjenza tal-ajruport ta' Leipzig kienet ristretta (inġenji tal-ajru tat-tip Boeing B 747, B 767 u McDonnell Douglas MD 11 meta mgħobbija jeħtieġu distanza ta' bejn 2 925 m u 3 320 m għat-tluġ tagħhom). Minħabba din l-insuffiċjenza, l-istorbju kien qed jiżdied b'mod konsiderevoli, pereżempju f'każ li l-karreġjata għat-tluġ u l-inżul fit-tramuntana tkun magħluqa. Barra minn hekk, minħabba raġunijiet ta' sigurtà fit-trasport, l-allinjament mill-ġdid tar-runway il-qadima fin-nofsinhar kien meħtieġ. Anke għal inżul fid-direzzjoni tal-punent, operat parallel ma kienx possibbli għaliex dejjem hemm il-possibbiltà li ajruplani f'titjira lejn l-ajruport kien ikollhom jabortaw l-inżul tagħhom u jergħu jibdew mill-ġdid biex jiġu evitatati l-ħabtiet. L-Istituzzjoni Ġermaniża għas-Sigurtà fl-Ajru (DFS) għalhekk kellha tqis iż-żewġ runways bħala runway waħda minħabba aspetti marbuta mal-operat ta' titjiriet.
- (268) In-numru tat-tluq u wasliet massimi kull siegħa li jstgħu jsiru permezz tas-sistema tar-runway l-antika bil-kundizzjonijiet imsemmija ġie kkalkulat u saret simulazzjoni skont l-iskeda ta' titjiriet prevista għal ċentru amministrattiv għall-ġarr ta' merkanzija fl-ajruport ta' Leipzig/Halle. Mis-simulazzjoni tal-iskeda ta' titjiriet previsti rriżulta ttardjar ta' tluġ u nżul fis-siġħat tal-akbar raxx ta' traffiku. Għall-wasliet, l-ittardjar medju fiż-żewġ direzzjonijiet kien jammonta għal madwar 21 minuta u għat-tluq madwar 6 minuti. F'każijiet individwali rriżulta anke ttardjar ta' 30 minuta sa siegħa għall-wasliet u sa 18-il minuta għat-tluq.
- (269) Kif spjegat qabel, l-ajruport m'għandu kważi l-ebda possibbiltà, li jirċievi mezzi finanzjarji mill-azzjonisti pubbliċi tiegħu jew permezz tagħhom; għalhekk intensità ta' għaj-nuna ta' 100 % hija meħtieġa. Il-Ġermanja setgħet tagħti prova li l-faċilitajiet infrastrutturali kollha ppjanati u ffinanzjati minnha huma meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet tagħha u li l-proġett mhuwiex sproporzjonat f'dak li għandu x'jaqsam ma' kobor u spejjeż.
- (270) Għal dawn ir-raġunijiet, jista' jiġi konkluż li l-infrastruttura in kwistjoni hija meħtieġa u adekwata biex jintlaħqu l-għanijiet intenzjonati.
- (iii) ***L-infrastruttura għandha prospetti sodisfaċenti għall-użu għal tul ta' żmien medju, speċjalment fejn għandu x'jaqsam l-użu tal-infrastruttura eżistenti;***
- (271) Peress li jinsab fiċ-ċentru tal-Ewropa, l-ajruport b'suq ta' mawar 7 miljun ruħ f'periferija ta' 100 km u bil-konnessjoni tiegħu ma' netwerk eċċellenti ta' ferroviji u toroq għandu potenzjal kbir għat-tkabbir. Is-settur tat-trasport ta' merkanzija bl-ajru kif dikjarat hawn fuq qed juri rata ta' tkabbir sostanzjali (fit-trasport ta' passiġġieri bl-ajru internazzjonali, it-tkabbir medju bejn l-2002 u l-2006 kien ta' madwar 7,4 %, fil-qasam tal-ġarr ta' merkanzija ta' 6,2 %) ⁽⁵⁸⁾. Minħabba restrizzjonijiet fuq titjiriet ta' bil-lejl, il-kapaċità kurrenti tal-ajruporti qed tiġi limitata.
- (272) Għall-ajruport ta' Leipzig, il-Ġermanja qed tantiċipa tkabbir kbir fit-trasport ta' merkanzija fl-ewwel snin u mis-sena 2013 'il quddiem, rata aktar konservattiva ta' tkabbir medju ta' 3 %. Meta mqabbel ma dan, il-IATA qed tassumi tkabbir annwali medju ta' 5,1 % (persuni) u ta' 4,8 % (merkanzija) bejn l-2007 u l-2011. Fl-1999 il-Ġermanja bassret madwar 4 miljun passiġġier għas-sena 2004 u 6-7 miljuni għas-sena 2010. Ibbażat fuq studju li sar dan l-aħħar skont informazzjoni mill-Ġermanja joħroġ li n-numru ta' passiġġieri ser jiżdied minn 2,1 miljun (2005) għal 4,8 miljun passiġġier kull sena.
- (273) Għalhekk hemm perspettivi tajbin marbuta mal-użu tal-infrastruttura l-ġdida għal żmien medju, speċjalment mal-użu ta' dik eżistenti, li ser titjeb permezz tax-xoġħlijiet ipplanati
- (iv) ***L-utenti potenzjali kollha jkollhom aċċess uniformi u mingħajr diskriminazzjoni għall-infrastruttura***
- (274) Skont informazzjoni mill-Ġermanja l-infrastruttura l-ġdida hija għad-dispożizzjoni tal-utenti potenzjali (intrapriżi tat-trasport bl-ajru) kollha b'mod uniformi u mingħajr diskriminazzjoni. Il-DHL ser tkun tuża r-runway il-ġdida fin-nofsinhar għal 19 % tal-ħin tal-operat, li jfisser biss 9,4 % tal-kapaċità sħiħa tal-ajruport. F'dak li għandu

⁽⁵⁸⁾ IATA — tbassir dwar traffiku ta' passiġġieri u merkanzija 2007-2011, Ottubru 2007.

- x'jaqsam mal-kapaċità tar-runway użata mid-DHL, il-Kummissjoni tidkjara li mhijiex xi ħaġa mhux normali li fil-maġġoranza tal-ajruporti (b'ċentri amministrattivi), madwar 60-80 % tal-kapaċità sħiħa tar-runway tintuża minn intrapriżi tat-trasport ta' merkanzija bl-ajru stabbiliti li jaġġixxu bħala "kerreġja presigjużi". Din is-sitwazzjoni qed tiġri wkoll b'mod qawwi fis-settur tal-low-cost fajruporti reġjonali u fajruporti sekondarji.
- (275) Ir-reservazzjoni ta' perjodi partikulari ta' ħin (slots) għad-DHL tirrifletti r-realtà fin-negozju tat-trasport ta' merkanzija b'kunsinna mgħaġġla. Barra minn hekk, Leipzig / Halle mhuwix ajruport mgħobbi żżejjed (numru limitat ta' slots), b'tali mod li ma jistax ikun hemm nuqqas ta' kapaċità. Il-kompetituri tad-DHL għalhekk mhumiex żvantaġġati jekk perjodi ta' ħinijiet partikulari jiġi reservati għad-DHL. Dan ġie konfermat permezz tal-pożizzjoni ta' linji tal-ajru ta' passiġġieri u ta' merkanzija (fost l-oħrajn Panalpina, Jade Cargo International, Ruslan-Salis, Lufthansa Cargo, CARGOLUX Condor).
- (276) Bħal fil-maġġoranza tal-ajruporti (mhux mgħobbija żżejjed), f'Leipzig/Halle il-perjodi ta' ħin (slots) disponibbli jiġu mqassam skont l-ordni li biha jiġu rikjesti (min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel). Il-fatt li l-intrapriżi tal-avjazzjoni jżommu l-perjodi ta' ħinijiet allokatilhom skont il-prinċipju tad-drittijiet diġà eżistenti (*grand-father rights*) jagħmel parti mill-operat tal-ajruport. Il-perjodi ta' ħinijiet allokatilid-DHL f'dan l-ajruport mhux mgħobbi żżejjed kif ukoll il-possibbiltà għad-DHL li żżomm dawn il-perjodi ta' ħinijiet ma jagħtu l-ebda vantaġġ f'dak li għandu x'jaqsam mal-legalità ta' għajnuniet.
- (277) Iżda dawn id-"drittijiet" ma jstgħux imorru kontra l-liġi tal-Kommunità jew kontra l-liġi nazzjonali. Dwar dan il-Ġermanja rreferiet għall-fatt li f'każ li l-ajruport ta' Leipzig jiġi mgħobbi żżejjed għandha tiġi magħmula analiżi tal-kapaċità skont ir-Regolament (KE) Nru 95/93 tal-Kunsill dwar regolamenti komuni għall-allokkazzjoni ta' perjodi ta' ħinijiet fajruporti fil-Kommunità ⁽⁵⁹⁾.
- (278) Għalhekk jista' jiġi ddikkjarat li l-utenti potenzjali kollha għandhom aċċess uniformi u mingħajr diskriminazzjoni għall-infrastruttura.
- (v) **L-iżvilupp tal-kummerċ ma jiġix affettwat b'tali mod, li jmur kontra l-interessi tal-Kommunità**
- (279) Skont il-paragrafu 15 tad-Direttivi tal-2005, l-ajruport jaqa' taħt il-kategorija C. Fil-fatt, il-kompetizzjoni u l-kummerċ fuq livell Komunitarju se jiġu affettwati, iżda għandu jiġi ddeterminat jekk dan hux se jiġri b'tali mod li jmur kontra l-interess komuni.
- (280) L-ewwel nett irid jiġi deċiż li ir-runway il-ġdida fin-nofsinhar, anke jekk permezz tagħha titjeb il-kapaċità tal-ajruport, hix sempliċement sostituzzjoni tal-karreġġjata l-qadima għat-tluġ u l-inżul, li ma kinitx allinjata tajjeb.
- (281) Kif iddikjarat qabel, fl-ajruporti tal-merkanzija l-aktar importanti fil-Ġermanja, li jikkompetu ma' Leipzig/Halle qed ikun hemm nuqqas ta' kapaċitajiet jew restrizzjonijiet fuq titjriet ta' bil-lejl, b'tali mod li kompetizzjoni fil-futur mhux ser tkun aktar possibbli. Għalhekk il-periklu ta' tfixkil tal-kompetizzjoni bejn dawn l-ajruporti huwa żgħir jew ineżistenti.
- (282) Kif iddikjarat hawn fuq, waqt it-tfittix tagħha għal ċentri tal-operat possibbli fl-Ewropa, id-DHL inkludiet l-ajruporti ta' Leipzig, Vatry u Brussel fil-lista l-qasira tagħha. Kif bdew il-proċeduri għall-investigazzjoni, la Brussel u lanqas Vatry ma esprimew il-pożizzjoni tagħhom. Barra minn hekk, kif bdew il-proċeduri għall-investigazzjoni, l-ebda ajruport Ewropew ieħor ma esprima ħsibijiet kontra t-tkabbir tal-ajruport ta' Leipzig. Ma ġew iddikjarati wkoll l-ebda ħsibijiet marbuta mal-liġi dwar il-kompetizzjoni minn ajruporti oħra fil-Kommunità.
- (283) Għalhekk wieħed jista' jikkonkludi li l-iżvilupp tal-kummerċ ma jiġix affettwat b'tali mod li jmur kontra l-interessi tal-Kommunità.
- 6.2.2. *In-nuqqas ta' konformità tal-garanziji bla restrizzjonijiet mogħtija permezz tal-ftehim strutturali u n-nuqqas ta' konformità tad-dikjarazzjoni mill-Istat*
- (284) Peress li d-DHL diġà rċiviet l-ammont massimu ta' għajnuna għall-investment awtorizzat skont l-Artikolu 87 paragrafu 3(a) tat-Trattat tal-KE, l-għajnuna mogħtija lid-DHL permezz tal-ftehim strutturali u tad-dikjarazzjoni mill-Istat hija għajnuna għall-operat.
- (285) Skont id-Direttivi għal għajnuna mill-Istat b'għanijiet reġjonali 2007-2013 ⁽⁶⁰⁾ normalment għajnuniet għall-operat mhumiex permessi. F'każi ta' eċċezzjonijiet u jekk jiġu ssodisfati rekwiżiti partikulari b'mod strett ⁽⁶¹⁾ dan it-tip ta' għajnuniet freġjuni li jaqgħu taħt il-limitu għall-applikazzjoni tal-Artikolu 87 paragrafu 3(a) tat-Trattat tal-KE ikunu jstgħu jingħataw. Peress li l-Ġermanja ma tatx prova li dawn ir-rekwiżiti ġew issodisfati, wieħed jista' jikkonkludi li l-għajnuna għall-operat lid-DHL, skont l-Artikolu 87 paragrafu 3(a) tat-Trattat tal-KE ma tistax tiġi awtorizzata.
- (286) Peress li l-ebda informazzjoni oħra ma ġiet ippreżentata fisem ħaddieħor, wieħed jista' jiddikkjara li l-għajnuna għad-DHL ma sservix lanqas biex jintlaħaq xi għan ieħor fl-interess ġenerali. Peress li l-ebda eċċezzjoni msemmija fl-Artikolu 87 paragrafi 2 u 3 tat-Trattat tal-KE mhi applikabbli, il-garanziji bla restrizzjonijiet mogħtija permezz tal-ftehim strutturali u d-dikjarazzjoni mill-Istat ma jstgħux jiqiesu bħala konformi mas-Suq Komuni.

⁽⁵⁹⁾ ĠUL 14, 22.1.1993, p. 1.

⁽⁶⁰⁾ ĠUC 54 tal- 4.3.2006.

⁽⁶¹⁾ B'mod partikolari, l-għajnuna għall-operat għandha telimina nuqqasijiet fl-iżvilupp reġjonali, li skont il-kobor tagħhom għandhom iqiegħdu fi skala u jlimitaw l-iżvantaġġi li għandhom jiġu bbilanċjati b'mod adegwat kif ukoll li jiddeklina.

6.2.3. Annullament tal-għajnuniet mhux konformi għad-DHL

- (287) Skont il-ġurisdiżżjoni tal-Qorti, meta tiddikkjara nuqqas ta' konformità ta' ghajnunna mas-Suq Kommuni, il-Kummissjoni tkun awtorizzata li tiddeċiedi li l-Istat ikkonċernat irid jannullaha jew ibiddlilha l-forma tagħha ⁽⁶²⁾. L-obbligu tal-Istat li jannulla ghajnunna meqjusa mill-Kummissjoni bħala mhix konformi mas-Suq Kommuni jfisser, skont il-ġurisdiżżjoni permanenti tal-Qorti, ir-riproduzzjoni tas-sitwazzjoni kif kienet qabel ⁽⁶³⁾. Skont il-Qorti, dan l-għan jiġi milħuq jekk il-benefiċjarju jħallas lura l-ghajnunna illegali u hekk jitlef il-vantaġġ li hu kellu fis-suq fil-konfront tal-kompetituri tiegħu u hekk is-sitwazzjoni qabel il-ħlas tal-ghajnunna tiġi riprodotta ⁽⁶⁴⁾.
- (288) Konformi ma' din il-ġurisdiżżjoni, fl-Artikolu 14 paragrafu 1 tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 hemm stipulat li "F'deċiżjonijiet negattivi relatati ma' għajnuniet illegali, il-Kummissjoni tiddeċiedi li l-Istat Membru kkonċernat jieħu l-miżuri kollha biex jiġbor lura l-ghajnunna mingħand il-benefiċjarju (...). Il-Kummissjoni ma titlobx il-ħlas lura tal-ghajnunna jekk dan imur kontra prinċipju kommu ni fil-liġi tal-Kommunità".
- (289) Sabiex tiggarantixxi li d-DHL ma tieħu l-ebda vantaġġ ekonomiku mill-ghajnunna mhix konformi, fl-opinjoni tal-Kummissjoni t-tliet miżuri li ġejjin huma meħtieġa:
- Id-dikjarazzjoni mill-Istat ma tridx tiġi implimentata.
 - Il-garanziji mingħajr restrizzjonijiet jiġu annullati.
 - Peress li l-garanziji mingħajr restrizzjonijiet huma validi mill-1 ta' Ottubru 2007 (bidu tal-operat taċ-ċentru amministrattiv tad-DHL), id-DHL tkun lesta li trodd lura ghajnunna li diġà tinsab għad-dispożizzjoni tagħha.
- (290) F'dak li għandu x'jaqsam mal-kalkoli tal-elementi ta' ghajnunna li diġà jinsabu għad-dispożizzjoni tad-DHL, il-Kummissjoni l-ewwel nett tirreferi għall-fatt li skont il-ġurisdiżżjoni tal-Qorti l-ebda regolament tal-liġi tal-Kommunità mitlub mill-Kummissjoni, li permezz tiegħu jiġi ordnat il-ħlas lura ta' ghajnunna ddikjarata bħala mhux konformi mas-Suq Kommuni m'għandu jiddetermina l-ammont eżatt tal-ghajnunna li għandha titħallas lura. Huwa biżżejjed li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tinkludi informazzjoni li tagħmilha possibbli għal min jirċivih li jiddetermina dan l-ammont hu stess mingħajr diffikultajiet kbar ⁽⁶⁵⁾.
- (291) Biex wieħed jaasal għall-ammont tal-element ta' ghajnunna, il-ħlasijiet marbuta mal-garanzija għandhom jiġu kkalkulati mill-ewwel xhur wara l-bidu tal-operat taċ-ċentru amministrattiv tad-DHL fl-1 ta' Ottubru 2007 sa meta jiġu annullati l-garanziji mingħajr restrizzjonijiet. Hawn hekk wieħed għandu jinvestiga l-ħlasijiet li assigurarazzjoni

privata kienet titlob fil-21 ta' Settembru 2005 meta ġie ffirmat il-ftehim strutturali, għaż-żmien mill-1 ta' Ottubru 2007 sakemm jiġu annullati l-garanziji bla restrizzjonijiet. F'suq tal-assigurarazzjoni, fejn il-kompetizzjoni tiddomina, il-ħlasijiet għall-garanziji jikkorrispondu għar-riskju mistenni, li jrid jiġi assigurat permezz ta' garanzija.

- (292) Il-Ġermanja diġa kienet ippreżentat stima tal-ispejjeż marbuta ma' riskji mistennija u smat dawn għall-perjodu sħiħ ta' [...] snin tal-ftehim strutturali għal [...] euro. Bħala bażi għal dawn l-ispejjeż marbuta ma' riskji hemm, kif iddikjarat fil-paragraf 90 aktar 'il fuq il-kalkoli li ġejjin:
- Il-Ġermanja taġixxi fuq is-suppożizzjoni li t-talbiet għal kumpensi se jonqsu maż-żmien b'mod lineari permezz tal-ħlas lura tal-investimenti tad-DHL. Jekk wieħed jassumi li l-ammont massimu hu ta' [...] euro fis-sena [...] dan ifisser, pereżempju, [...] euro fis-sena [...] u [...] euro fis-sena [...].
 - Biex tissimplifika l-kalkoli tagħha, il-Ġermanja ma applikat l-ebda distribuzzjoni kontinwa tal-probabbiltà għar-riskju ta' projbizzjoni ta' titjiriet ta' bil-lejl, iżda aġixxiet fuq is-suppożizzjoni li wara li jkun għadda nofs iż-żmien tal-kuntratt — fis-sena [...] — il-probabbiltà ta' projbizzjoni ta' titjiriet ta' bil-lejl tammonta għal [...] %. It-talbiet nominali għal kumpens ta' [...] euro fis-sena [...] immultiplikati bil-probabbiltà li dan jiġri ta' [...] % għas-sena [...] jirriżulta riskju nominali mistenni ta' [...] euro u valur imnaqqas ta' [...] euro għall-ispejjeż marbuta ma' riskji mistennija.
- (293) Għall-istima korretta tal-ispejjeż mistennija marbuta mar-riskji, skont l-opinjoni tal-Kummissjoni, il-Ġermanja għandha tbiddel il-kalkoli tagħha kif ġej:
- Għall-kuntrarju ta' dak li assumiet il-Ġermanja, elementi partikulari marbuta ma' talbiet għal kumpens mid-DHL baqgħu ma nbidlux fl-ammont (pereżempju, spejjeż marbuta maċ-ċaqliq, talbiet għal kumpens minn klijenti tad-DHL minħabba kunsinna tard eċċ.). L-ammont ta' talbiet għal kumpensi għalhekk għandu jiġi addattat.
 - Fil-kalkolu tal-Ġermanja ġie kkunsidrat biss ir-riskju ta' projbizzjoni ta' titjiriet ta' billejl. Il-garanzija, iżda, tkopri wkoll riskji marbuta mal-operat li jinqalgħu regolarment (pereżempju, l-użu preferenzjali tar-runway fin-nofsinhar), li għalhekk għandhom jiġu inklużi wkoll fil-kalkolu. It-talbiet għal kumpens ġejjin minn riskji marbuta mal-operat u l-probabbiltà li dawn iseħħu għandhom jiġu ddeterminati u l-valur nett tal-ispejjeż marbuta ma' riskji li jirriżulta minnhom għandu jiġi kkalkulat.

⁽⁶²⁾ Sentenza tat-12 ta' Lulju 1973, Kawża C-70/72, il-Kummissjoni kontra l-Ġermanja, 1973, Għabra 813, punt 13.

⁽⁶³⁾ Sentenza tal-14 ta' Settembru 1994, Kawżi assoċjati C-278/92, C-279/92 u C-280/92, Sanja kontra l-Kummissjoni, 1994, Għabra I-4103, punt 75.

⁽⁶⁴⁾ Sentenza tas-17 ta' Lulju 1999, Kawża C-75/97, il-Belġju kontra l-Kummissjoni, 1999, Għabra I-03671, punt 64, 65.

⁽⁶⁵⁾ Qabbel speċjalment mad-sentenza tat-12 ta' Ottubru 2000, Kawżi C-480/98, Spanja kontra l-Kummissjoni, 2000, Għabra I-8717, punt 25, u tat-12 ta' Mejju 2005, C-415/03, il-Kummissjoni kontra l-Greċja, 2005, Għabra I-3875, punt 39.

- (c) Il-kalkolu ssimplifikat tal-Ġermanja għall-probabbiltà ta' projbizzjoni ta' titjiriet ta' bil-lejl jista' jiġi aċċettat, iżda l-Kummissjoni esprimiet l-opinjoni tagħha f'dak li għandu x'jaqsam ma' riskji marbuta mal-operat li jinqalgħu regolarment, li għandha tiġi ddeterminata l-probabbiltà li dan iseħħ fuq bażi annwali. It-total ta' talbiet mistenni kull sena għalhekk għandu jonqos, sabiex jinżamm skont il-valur nett tar-riskji marbuta mal-operat li jistgħu jinqalgħu regolarment.
- (294) Il-Ġermanja għandha tiddetermina l-ħlasijiet għall-garanziji għall-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2007 sakemm jiġu annullati l-garanziji bla restrizzjonijiet fuq il-bażi tal-ispejjeż marbuta mar-riskji għaż-żmien sħiħ tal-ftehim strutturali kalkulati mill-ġdid.

7. KONKLUŻJONI

7.1. Għajnuna għall-ajruport

- (295) Jista' jiġi ddikkjarat li l-miżuri in kwistjoni, li jippermettu lill-ajruport ta' Leipzig li jmxexxi l-proġett ta' investiment bil-kundizzjonijiet imsemmija, ma jmorrux kontra l-interess ġenerali u li l-ħames kriterji tad-Direttivi tal-2005 f'dan il-każ ġew issodisfati.

7.2. Għajnuna għad-DHL

- (296) Jista' jiġi ddikkjarat li l-garanziji bla restrizzjonijiet mogħtija permezz tal-ftehim strutturali u d-dikjarazzjoni mill-Istat jirrapreżentaw għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 87 paragrafu 1 tat-Trattat tal-KE, għaliex l-Istat ta' Sachsen, l-MFAG u l-ajruport ta' Leipzig assiguraraw riskji tan-negozju tad-DHL b'kundizzjonijiet li l-ebda investitur privat ma kien jaċċetta.
- (297) Peress li d-DHL diġà rċiviet l-ammont massimu ta' għajnuna għall-investiment permess skont l-Artikolu 87 paragrafu 3(a) tat-Trattat tal-KE, wieħed jista' jikkonkludi li l-garanziji mingħajr restrizzjonijiet tal-ftehim strutturali u d-dikjarazzjoni mill-Istat għandhom jiġu ddikkjarati bħala mhux konformi mas-Suq Kommuni —

ITTIEĦDET ID-DEĊIŻJONI LI ĠEJJA:

Artikolu 1

L-għajnuna mill-Istat ta' 350 miljun euro li l-Ġermanja trid tagħti lill-ajruport Leipzig/Halle għall-bini tal-karreġġjata l-ġdid għat-tluġh u l-inżul fin-nofsinar u għal faċilitajiet tal-ajruport marbuta magħha hija skont l-Artikolu 87 paragrafu 3(c) tat-Trattat tal-KE konformi mas-Suq Komuni.

Artikolu 2

L-għajnuna mill-Istat li l-Ġermanja trid tagħti għall-benefiċċju tad-DHL permezz ta' dikjarazzjoni mill-Istat mhijiex konformi

mas-Suq Kommuni. Konsegwentament din l-għajnuna ma tistax tingħata.

Artikolu 3

L-għajnuna mill-Istat tal-Ġermanja għall-benefiċċju tad-DHL dwar l-aċċettazzjoni ta' garanziji mingħajr restrizzjonijiet (skont il-paragrafi 8 u 9 tal-ftehim strutturali) mhijiex konformi mas-Suq Kommuni. Għalhekk dawn il-garanziji bla restrizzjonijiet stipulati fil-ftehim strutturali għandhom jiġu annullati.

Artikolu 4

1. Il-Ġermanja tiġbor lura l-parti mill-għajnuna msemmija fl-Artikolu 3 li kienet diġà disponibbli għad-DHL (jiġifieri l-ħlasijiet għall-garanziji għall-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2007 sa meta jiġu annullati l-garanziji mingħajr restrizzjonijiet).

2. L-ammonti li għandhom jinġabru lura jinkludu mgħaxxijiet li jiġu kkalkulati miż-żmien minn meta l-għajnuna nġatat lill-benefiċjarju sa meta jsir il-ħlas lura tagħhom.

3. L-imgħaxxijiet jiġu kkalkulati skont il-Kapitolu V tar-Regolament (KE) Nru 794/2004 skont il-formula għall-kalkolu ta' mgħax kompost.

Artikolu 5

1. L-għajnuna msemmija fl-Artikolu 3, li diġà tinsab għad-dispożizzjoni tad-DHL, għandha tinġabar lura immedjatement.

2. Il-Ġermanja tiggarantixxi li din id-deċiżjoni tiġi implimentata fi żmien erba' xhur min-notifika tagħha.

Artikolu 6

1. Il-Ġermanja tgħaddi lill-Kummissjoni fi żmien xahrejn min-notifika ta' din id-deċiżjoni l-informazzjoni li ġejja:

- (a) L-ammont sħiħ (ammont prinċipali u mgħaxxijiet), li ġie miġbur lura mingħand il-benefiċjarju,
- (b) deskrizzjoni preċiża tal-miżuri li ttieħdu kif ukoll li ġew ikkunsidrati biex tiġi ssodisfata din id-deċiżjoni,
- (c) dokumenti li minnhom joħroġ li talba għall-ħlas lura tal-għajnuna waslet għand il-benefiċjarju.

2. Il-Ġermanja tinforma lill-Kummissjoni dwar il-progress tal-miżuri tagħha għall-implimentazzjoni tad-deċiżjoni, sakemm isir il-ħlas lura tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 3 li kienet diġà għad-dispożizzjoni tad-DHL. Jekk mitlub mill-Kummissjoni, il-Ġermanja tissottometti immedjatement informazzjoni dwar il-miżuri li jkunu ttieħdu kif ukoll li jkunu ġew ikkunsidrati biex tiġi ssodisfata din id-deċiżjoni. Barra minn hekk, il-Ġermanja tgħaddi informazzjoni dettaljata dwar l-ammonti ta' għajnuna u l-imgħaxxijiet, li l-benefiċjarju jkun diġà ħallas lura.

Artikolu 7

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Magħmul fi Brussell, 23 ta' Lulju 2008.

Għall-Kummissjoni

Antonio TAJANI
Viċi President

Neelie KROES
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

Kalkoli tal-bilanċ tad-dħul ta' flus f'dak li għandu x'jaqsam ma' għajna għad-DHL

Tabella 1

Kalkolu tal-bilanċ tad-dħul ta' flus

(f'miljuni ta' EUR)

Kalkolu tal-bilanċ tad-dħul ta' flus (*)		(1) Ajruport Status quo	(2) Ajruport Tkabbir bid-DHL	(3) Ajruport Tkabbir mingħajr id-DHL	(4) = (2)-(1) Runway fin-nofsinar Bid-DHL	(5) = (3)-(1) Runway fin-nofsinar Mingħajr id-DHL
EBITDA ⁽¹⁾ (2006-2042)	a	[...]	[...]	[...]	[...]	[...]
Spejjeż marbuta ma' investimenti (2006-2042)	b	[...]	[...]	[...]	[...]	[...]
Spejjeż marbuta ma' investimenti 2005	c	[...]	[...]	[...]	[...]	[...]
Bilanċ tad-dħul ta' flus 2005	d = a+b+c	[...]	[...]	[...]	[...]	[...]
Spejjeż marbuta ma' riskji (**)	e	[...]	[...]	[...]	[...]	[...]
Bilanċ tad-dħul ta' flus aġġustat skont ir-riskji 2005	f = d+e	[...]	[...]	[...]	[...]	[...]
Korrezzjoni għall-ispejjeż marbuta mas-sigurtà						
Spejjeż marbuta mas-sigurtà (mal-operat flimkien ma' spejjeż marbuta ma' investimenti) (**)	g	[...]	[...]	[...]	[...]	[...]
Bilanċ tad-dħul ta' flus rivedut 2005	h = f+g	[...]	[...]	[...]	[...]	[...]

⁽¹⁾ Profitt Qabel l-Imgħaxijiet, it-Taxxi, id-Deprezzament u l-Ammortament.

(*) Il-valuri kollha tal-2005 mnaqqsa.

(**) Kalkoli tal-Ġermanja.

Kalkolu tal-bilanċ tad-dħul ta' flus għar-runway fin-nofsinar

Għall-perjodu bejn l-2006 u l-2042 il-Ġermanja preżentat tliet xenarji differenti tal-bilanċ tad-dħul ta' flus għall-ajruport:

- *Ajruport — Status quo*: Ir-runway fin-nofsinar ma tinbeniex. L-operat tal-ajruport ikompli jitwettaq fuq ir-runway tat-tramuntana eżistenti.
- *Ajruport — Tkabbir bid-DHL*: Ir-runway fin-nofsinar tinbena u d-DHL jibda jħaddem iċ-ċentru tal-operat Ewropew tiegħu fl-2008.
- *Ajruport — Tkabbir mingħajr id-DHL*: Ir-runway fin-nofsinar tinbena, iżda d-DHL ma tiċċaqlaqx lejn Leipzig u wara l-2010 intrapriża oħra għall-ġarr ta' merkanzija bl-ajru tistabbilixxi ruħha fl-ajruport.

Skont il-bilanċ tad-dħul ta' flus, id-dħul mistenni mir-runway fin-nofsinar għandu jiġi kkalkulat kif ġej:

- *Runway fin-nofsinar bid-DHL*: F'din il-kolonna tingħata d-differenza tal-bilanċ tad-dħul ta' flus bejn il-varjant "tkabbir bid-DHL" u l-istatus quo.
- *Runway fin-nofsinar mingħajr id-DHL*: F'din il-kolonna tingħata d-differenza tal-bilanċ tad-dħul ta' flus bejn il-varjant "tkabbir mingħajr id-DHL" u l-istatus quo.

Differenza bejn il-kalkoli tal-bilanċ tad-dħul ta' flus waqt id-deċiżjoni għall-bidu ta' proċeduri u l-kalkoli preżenti

- Filwaqt li fid-deċiżjoni għall-bidu ta' proċeduri d-dħul u l-ispejjeż ġew imnaqqsa skont is-sitwazzjoni fl-2006, il-kalkoli preżenti saru bis-sena 2005 bħala s-sena ta' referenza, għaliex id-deċiżjoni dwar il-bini għdid tar-runway fin-nofsinar ittiedet f'Novembru tal-2004 u l-bini beda fl-2005.
- Mill-pożizzjoni tal-Ġermanja dwar id-deċiżjoni għall-bidu ta' proċeduri, il-Kummissjoni saret taf li fl-2005 kien hemm spejjeż addizzjonali marbuta ma' investimenti għal ammont ta' EUR [...], li żiedu t-telf fil-bilanċ tad-dħul ta' flus. Dawn l-ispejjeż marbuta ma' investimenti ġew inklużi.

Kalkoli tal-bilanċ tad-dħul ta' flus juru telf sinifikanti għar-runway fin-nofsinar

- Mill-bini u l-operat tar-runway fin-nofsinar għas-sena 2005 jirriżulta telf imnaqqas *fil-bilanċ tad-dħul ta' flus ta' madwar EUR [...]*. F'każ ta' tkabbir mingħajr id-DHL, it- telf imnaqqas *fil-bilanċ tad-dħul ta' flus jammonta għal EUR [...]*.
 - Permezz tal-*ispejjeż marbuta ma' riskji ta' EUR [...]* (skont il-kalkoli Ġermaniżi) it-telf *fil-bilanċ tad-dħul ta' flus għar-runway fin-nofsinar bid-DHL jiżdied għal EUR [...]*. Għalhekk hu importanti li jiġi nnutat li l-*ispejjeż stmati ta' [...]* miljun EUR marbuta ma' riskji juru biss l-ammont minimu għaliex il-Ġermanja ma kkwantifikatx ir-riskji kollha tal-ajruport u bbażat il-kalkoli tagħha fuq suppożizzjonijiet dubjużi.
 - Anke jekk il-Kummissjoni ssegwi l-argument tal-Ġermanja, jiġifieri li l-*ispejjeż marbuta mas-sigurtà ta' EUR [...]* jaqgħu taħt il-qasam ta' responsabbiltajiet pubbliċi u għalhekk m'għandhomx jiġu integrati fil-kalkoli għar-runway fin-nofsinar, xorta waħda jibqa' *defiċit sostanzjali fil-bilanċ tad-dħul ta' flus ta' EUR [...]*.
-

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-6 ta' Novembru 2008

li tadotta programm Komunitarju multiannwali skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 dwar l-istabbiliment ta' qafas Komunitarju għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' dejta fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni tas-Sajd

(2008/949/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 tal-25 ta' Frar 2008 dwar it-twaqqif ta' qafas Komunitarju għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' dejta fis-settur tas-sajd u bħala għaj-nuna għal konsulenza xjentifika dwar il-Politika Komuni tas-Sajd ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 199/2008 jistabbilixxi qafas Komunitarju għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' dejta li bil-għan li jsawwar bażi soda għal analiżi xjentifika tas-sajd u biex jipprovdi għall-formulazzjoni ta' parir xjentifiku siewi għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd (minn hawn 'il quddiem "PKS").
- (2) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu programmi naz-zjonali multiannwali għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu tad-dejta skont il-programm Komunitarju multiannwali.
- (3) Għalhekk huwa meħtieġ li jitwaqqaf programm Komuni-tarju multiannwali li jkun ikopri l-ġbir ta' informazzjoni

neċessarja biex tkun ta' għaj-nuna għal analiżi xjentifika meħtieġa għall-qafas tas-PKS u għall-ġestjoni u l-użu ta' din l-informazzjoni.

- (4) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opin-joni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għas-Sajd u l-Akkwakultura.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu uniku

Il-programm Komunitarju multiannwali msemmi fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 199/2008 huwa definit fl-Anness.

Magħmul fi Brussell, 6 ta' Novembru 2008.

Għall-Kummissjoni

Joe BORG

Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠUL 60, 5.3.2008, p. 1.

ANNEX

PROGRAMM KOMUNITARJU MULTIANNWALI

KAPITOLU I

SUĠĠETT U DEFINIZZJONIJET

- (1) Għall-finijiet ta' dan il-Programm Komunitarju għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
- (a) **Bastimenti attivi:** bastimenti li jkun wettaq xi operazzjoni tas-sajd matul is-sena kalendarja (aktar minn 0 jiem). Bastiment li ma jkubx wettaq attivitajiet tas-sajd matul sena jitqies mhux attiv.
 - (b) **Kampjunar konkurrenti:** it-teħid simultanju ta' kampjuni tal-ispeċijiet kollha jew ta' ġabra predeterminata ta' speċijiet fil-qabdiet ta' bastiment jew il-ħatt l-art minnu.
 - (c) **Jiem fuq il-baħar:** jum preżenti f'żona għandu jkun kull perjodu kontinwu ta' 24 siegħa (jew parti minnhom) li matulhom bastiment ikun preżenti f'żona u assenti mill-port.
 - (d) **Taqsuma tal-flotta:** grupp ta' bastimenti tal-istess klassi ta' tul (LOA) u bi rkaptu predominanti tas-sajd matul is-sena, skont l-Appendiċi III. Bastimenti jista' jkollhom attivitajiet differenti ta' sajd matul il-perjodu ta' referenza, iżda jstgħu jkunu kklassifikati f'parti waħda biss tal-flotta.
 - (e) **Jiem ta' sajd:** kull jum ikun attribwit għaż-żona fejn ikun tqatta' l-aktar **ħin tas-sajd matul** il-jum rilevanti fuq il-baħar. Iżda għal irkaptu passiv, jekk ma tkun saret ebda operazzjoni minn fuq il-bastiment matul jum waqt li mill-anqas (passiv) wieħed kien għadu fuq il-baħar, dak il-jum ikun assoċjat maż-żona fejn l-aħħar tqegħid ta' rkaptu tas-sajd twettaq f'dak il-vjaġġ tas-sajd.
 - (f) **Vjaġġ tas-sajd:** tfisser kwalunkwe vjaġġ minn bastiment tas-sajd minn lok fuq l-art lejn post tas-sajd, għajr il-vjaġġi mhux għal finijiet ta' sajd (vjaġġ ta' bastiment tas-sajd minn lok fuq l-art għal lok ieħor fuq l-art, li matulu ma jwettaqx attivitajiet ta' sajd u li matulu kwalunkwe rkaptu abbord ikun marbut u stivat u ma jkunx disponibbli għall-**użu immedjat**).
 - (g) **Mestier:** grupp ta' operazzjonijiet tas-sajd li jimmira għal (ġemgħa ta') speċi(jiet) simili, bl-użu ta' rkaptu simili, matul l-istess perjodu tas-sena u/jew għewwa l-istess żona u li jkun ikkaratterizzat minn mudell simili ta' sfrutta-ment.
 - (h) **Popolazzjoni ta' bastimenti:** il-bastimenti kollha fir-Reġistru tal-Flotta tas-Sajd tal-Komunità kif definit fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 26/2004 tat-30 ta' Diċembru 2003 dwar ir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Komunità⁽¹⁾.
 - (i) **Speċijiet magħżula:** speċijiet ta' rilevanza għal skop ta' ġestjoni u li għaliha tkun saret talba minn korp xjentifiku internazzjonali jew organizzazzjoni reġjonali ta' ġestjoni tas-sajd.
 - (j) **Żmien fl-ilma:** żmien mgħoddi kkalkulat mill-punt fejn kull waħda mill-unitajiet ta' rkaptu tkun tqiegħdet, sa dak meta l-istess unità tibda titneħħa.
- (2) Għat-termini li ġejjin għandhom japplikaw id-definizzjonijiet tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (www.fao.org/fi/glossary/default.asp) u tal-STEFC: speċijiet anadromi, speċijiet katadromi, qabdiet, ċefalopodi, krustaċej, speċijiet tal-ibħra fondi, ħut demersali, speċijiet demersali, mudell ta' esplojtazzjoni, ħut tal-ġewnaħ, speċijiet tal-ilma ħelu, irkaptu, ħatt, rimi, ħut pelaġiku kbir, molluski, attivitá oħra barra s-sajd, ħut pelaġiku, ħut pelaġiku żgħir, speċijiet fil-mira.

KAPITOLU II

WERREJ U METODOLOĠIJA

A. Werrej tal-programm Komunitarju

Il-programm Komunitarju jiġbor fih il-moduli li ġejjin:

- (1) Modulu ta' evalwazzjoni tas-settrur tas-sajd:

Il-programm ta' ġbir ta' dejta għas-settur tas-sajd fih is-sezzjonijiet li ġejjin:

- (a) Sezzjoni għall-ġbir ta' varjabbli ekonomiċi
- (b) Sezzjoni għall-ġbir ta' varjabbli bijoloġiċi
- (c) Sezzjoni għall-ġbir ta' varjabbli trasversali
- (d) Sezzjoni għall-istħarriġ ta' riċerka fuq il-baħar

⁽¹⁾ ĠUL 5, 9.1.2004, p. 25.

- (2) Modulu ta' evalwazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tas-setturi tal-akkwakultura u l-industrija tal-ipproċessar:
 - (a) Sezzjoni għall-ġbir ta' dejta ekonomika għas-settur tal-akkwakultura
 - (b) Sezzjoni għall-ġbir ta' dejta ekonomika għall-industrija tal-ipproċessar
- (3) Modulu ta' evalwazzjoni tal-effetti tas-settur tas-sajd fuq l-ekosistema marina
- (4) Modulu għall-ġestjoni u l-użu tad-dejta koperta mill-qafas ta' ġbir ta' dejta

B. Livelli ta' preċiżjoni u intensitajiet ta' teħid ta' kampjuni

- (1) Fejn ma jkunx possibbli li jkunu definiti miri kwantitattivi għal programmi ta' teħid ta' kampjun, la fir-rigward ta' livelli ta' preċiżjoni u lanqas fir-rigward ta' daqs ta' kampjun, għandu jkun stabbilit sħarriġ pilota fis-sens ta' statistika. Sħarriġ pilota bħal dan għandu jevalwa l-importanza tal-problema u għandu jindirizza wkoll l-utilità ta' sħarriġ aktar dettaljat fil-ġejjieni, u r-relazzjoni tal-effikaċja fl-infiq ta' sħarriġ dettaljat bħal dan.
- (2) Fejn miri kwantitattivi jkunu jistgħu jiġu definiti, huma jistgħu jkunu speċifikati direttament f'daqsijiet ta' kampjun jew frati ta' teħid ta' kampjun, jew bid-definizzjoni tal-livelli ta' preċiżjoni jew kunfidenza li jkollhom jinkisbu.
- (3) Fejn issir referenza għal daqs ta' kampjun jew għal rata ta' teħid ta' kampjuni f'popolazzjoni definita f'termini ta' statistika, l-istrategġiji ta' teħid ta' kampjuni għandhom ikunu mill-anqas effiċjenti daqs it-Teħid ta' Kampjuni Każwali Sempliċi. Strategġiji ta' teħid ta' kampjuni bħal dawn għandhom ikunu deskritti fil-Programmi Nazzjonali korrispondenti.
- (4) Fejn issir referenza għall-livell ta' preċiżjoni/kunfidenza, għandha tapplika d-distinzjoni li ġeja:
 - (a) **livell 1:** livell li jagħmilha possibbli li jkun ikkalkulat parametru jew bi preċiżjoni ta' 40 % aktar jew anqas għal livell ta' kunfidenza ta' 95 % jew koeffiċjent ta' varjazzjoni(CV) ta' 20 % utilizzat bħala approssimazzjoni;
 - (b) **livell 2:** livell li jagħmilha possibbli li jkun ikkalkulat parametru jew bi preċiżjoni ta' 25 % aktar jew anqas għal livell ta' kunfidenza ta' 95 % jew koeffiċjent ta' varjazzjoni(CV) ta' 12,50 % utilizzat bħala approssimazzjoni;
 - (c) **livell 3:** livell li jagħmilha possibbli li jkun ikkalkulat parametru jew bi preċiżjoni ta' 5 % aktar jew anqas għal livell ta' kunfidenza ta' 95 % jew koeffiċjent ta' varjazzjoni(CV) ta' 2,5 % utilizzat bħala approssimazzjoni.

KAPITOLU III

MODULU TA' EVALWAZZJONI TAS-SETTUR TAS-SAJD

A. Ġbir ta' varjabbli ekonomiċi

1. Varjabbli

- (1) Il-varjabbli li għandhom jinġabru huma elenkati fl-Appendiċi VI. Il-varjabbli ekonomiċi kollha għandhom jinġabru fuq bażi annwali bl-eċċezzjoni ta' dawk identifikati bħala varjabbli trasversali kif definiti fl-Appendiċi VIII u dawk identifikati biex jitkejlu l-effetti tas-sajd fuq l-ekosistema marina kif definiti fl-Appendiċi XIII. li għandhom jinġabru flivelli aktar diżaggregati. Il-popolazzjoni hija l-bastimenti kollha fir-Reġistru tal-Flotta tas-Sajd tal-Komunità fl-1 ta' Jannar. Il-varjabbli ekonomiċi kollha għandhom jinġabru għal bastimenti attivi. Għal kull bastiment li għalih jinġabru varjabbli ekonomiċi definiti fl-Appendiċi VI, għandhom jinġabru wkoll il-varjabbli trasversali korrispondenti definiti fl-Appendiċi VII.
- (2) Għall-bastimenti mhux attivi, għandhom jinġabru biss il-valur kapitali (l-Appendiċi VI), il-flotta (l-Appendiċi VI) u l-kapaċità (l-Appendiċi VIII).
- (3) Valuti nazzjonali għandhom jinbidlu fl-euro bl-użu tar-rati tal-kambju annwali medji li jistgħu jinkisbu mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE).

2. Livelli ta' diżaggregazzjoni

- (1) Il-varjabbli ekonomiċi għandhom ikunu rrapportati għal kull taqsima tal-flotta (Appendiċi III) u suprarreġjun (Appendiċi II). Huma definiti sitt klassijiet ta' tulijiet (bl-użu tal-qies tat-'tul globali' (LOA)). Iżda Stati Membri huma liberi li jiddiżaggregaw aktar klassijiet ta' tulijiet jekk dan ikun f'loku.
- (2) Il-kriterju ta' dominanza għandu jintuża biex kull bastiment ikun allokat lil taqsima abbażi tal-għadd ta' jiem ta' sajd użat ma' kull rkaptu. Jekk rkaptu tas-sajd jintuża għal aktar mill-għadd tal-partijiet l-oħra kollha (jiġifieri bastiment iqatta' aktar minn 50 % tal-ħin tiegħu fis-sajd juża dak l-irkaptu), il-bastiment għandu jkun allokat lil dik it-taqsima. Jekk le, il-bastiment għandu jkun allokat lit-taqsima li ġeja tal-flotta:
 - (a) "Bastimenti li jużaw rkaptu attiv Polivalenti" jekk huwa juża rkaptu attiv biss;
 - (b) "Bastimenti li jużaw irkaptu passiv Polivalenti" jekk huwa juża rkaptu passiv biss;
 - (c) "Bastimenti li jużaw rkaptu attiv u passiv".

- (3) Fil-każijiet fejn bastiment jopera f'aktar minn suprareġjun kif definit fl-Appendiċi II, l-Istati Membri għandhom jispjegaw fil-programm nazzjonali tagħhom għal liema suprareġjun l-bastiment ikun allokat.
- (4) Fil-każ ta' li taqsima ta' flotta jkollha anqas minn 10 bastimenti:
 - (a) L-aggregazzjoni tista' tkun meħtieġa biex jifassal il-pjan ta' teħid ta' kampjuni u biex ikunu rrapportati varjabbli ekonomiċi;
 - (b) L-Istati Membri għandhom jirrapportaw liema taqsimiet tal-flotta kienu tqiegħdu fi gruppi fil-livell nazzjonali u għandhom jiġġustifikaw l-aggregazzjoni abbażi ta' analiżi ta' statistika;
 - (c) Fir-rapport annwali tagħhom, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-għadd ta' bastimenti li jkun itteħdilhom kampjun għal kull taqsima tal-flotta indipendentement minn kull aggregazzjoni magħmula biex tinġabar u tingħata d-dejta;
 - (d) Laqgħat ta' Koordinazzjoni Reġionali għandhom jiddefinixxu metodoloġija ta' aggregazzjoni omoġenja fil-livell ta' sovrareġjuni biex il-varjabbli ekonomiċi jkunu komparabbli.

3. *Strateġija ta' teħid ta' kampjun*

- (1) L-Istati Membri għandhom jiddeskrivu l-metodoloġija tagħhom użati għall-istima ta' kull varjabbli ekonomika fil-programm nazzjonali tagħhom, inklużi l-aspetti ta' kwalità.
- (2) L-Istati Membri għandhom jiżguraw konsistenza u komparabbiltà tal-varjabbli ekonomiċi kollha meta jkunu derivati minn għejun differenti (eż. sħarriġ, reġistru tal-flotta, ġurnali ta' abbord, noti ta' bejgħ).

4. *Livelli ta' preċiżjoni*

- (1) L-Istati Membri għandhom jinkludu fir-rapport annwali tagħhom tagħrif dwar il-kwalità (l-akkuratezza u l-preċiżjoni) tal-istimi.

B. *Ġbir ta' varjabbli bijoloġiċi*

B1. *Varjabbli relatati mal-mestier*

1. *Varjabbli*

- (1) Jeħtieġ li jittieħdu kampjuni biex tkun invaluata d-distribuzzjoni kull kwart ta' sena tat-tul tal-ispeċijiet fil-qabdi u l-volum ta' kull kwart ta' sena ta' rimi. Id-dejta għandha tinġabar permezz tal-mesjier riferit bħala livell 6 tal-matriċi definita fl-Appendiċi IV (1 sa 5) u għall-istokkijiet elenkati fl-Appendiċi VII.
- (2) Fejn ikunu rilevanti, għandhom jitwettqu programmi ta' teħid ta' kampjuni tal-ħatt l-art mhux magħżul biex tingħata stima ta':
 - (a) Is-sehem tad-diversi stokkijiet ta' dan il-ħatt ta' Aringi fi Skagerrak IIIA-N, Kattegat IIIa-S, u l-Baħar Nordiku tal-Lvant b'mod separat u s-salamun fil-Baħar Baltiku;
 - (b) Is-sehem tad-diversi speċijiet għal dawk il-gruppi ta' speċijiet li huma valutati internazzjonalment, eż. Lepidorombi, Petriċa, u elasmobranci.

2. *Livell ta' diżaggregazzjoni*

- (1) Biex isir l-aħjar użu mill-programmi ta' teħid ta' kampjun, il-mestieri definiti fl-Appendiċi IV (1 sa 5) jistgħu jinġabru flimkien. Meta mestieri jingħaqdu flimkien (għaqda vertikali), prova ta' statistika għandha tingħeb fir-rigward tal-omoġeneità tal-mestieri magħqudin. L-għaqda ta' ċelluli ġirien li jikkorrispondu ma' taqsimiet tal-flotta tal-bastimenti (għaqda orizzontali) għandha tkun sostnuta minn evidenza statistika. Għaqda orizzontali bħal din għandha ssir primarjament bl-aggregazzjoni tal-bastimenti ġirien tal-klassijiet LOA, indipendentement minn xi teknika dominanti fis-sajd, meta din tkun f'lokha biex mudelli differenti ta' esplojtazzjoni jintgħażlu minn xulxin. Qbil reġionali dwar *mergers* għandu jintlaħaq fil-Laqgħa ta' Koordinazzjoni Reġionali rilevanti u jkun approvat mill-STEFC.
- (2) Flivell nazzjonali mestier wieħed definit fil-livell 6 tal-matriċi fl-Appendiċi IV (1 sa 5) jista' jkun aktar diżaggregat f'diversi strati aktar preċiżi, jiġifieri li jiddistingwu speċijiet fil-mira differenti. Aktar stratifikazzjoni bħal din għandha ssir bir-rispett taż-żewġ prinċipji li ġejjin:
 - (a) L-istrati definiti flivell nazzjonali m'għandhomx jidħlu fuq il-mestieri definiti fl-Appendiċi IV (1 sa 5);
 - (b) L-istrati definiti fil-livell nazzjonali jeħtiġilhom jinkludu l-vjaġġi kollha tas-sajd tal-mestier definit fil-livell 6.

- (3) L-unitajiet spazjali għat-teħid ta' kampjuni tal-mestier huma definiti mil-livell 3 tal-Appendiċi I għar-reġjuni kollha bl-eċċezzjonijiet li ġejjin:
- (a) Il-Baħar Baltiku (żoni III b-d ta' ICES), il-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed fejn ir-riżoluzzjoni għandha tkun ta' livell 4;
- (b) Unitajiet ta' Organizzazzjonijiet Reġjonali ta' Ġestjoni tas-Sajd, bil-kundizzjoni li jkunu abbażi tal-mestier (fl-assenza ta' definizzjonijiet bħal dawn, Organizzazzjonijiet Reġjonali ta' Ġestjoni tas-Sajd għandhom jipproċedu biex jagħmlu *mergers* adatti.
- (4) Għall-fini tal-ġbir u l-aggregazzjoni tad-dejta, unitajiet speċjali tat-teħid tal-kampjuni jistgħu jinġabru flimkien skont ir-reġjuni, kif riferit fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 665/2008 ⁽¹⁾, wara li jkun inkiseb il-qbil tal-Laqgħat ta' Koordinazzjoni Reġjonali rilevanti.
- (5) Għal parametri msemmijin fil-Kapitolu III sezzjoni B/B1 1. (2), id-dejta għandha tingħata kull tliet xhur u tkun konsistenti mal-matriċi tal-attività tal-flotta tas-sajd deskritta fl-Appendiċi IV (1 sa 5).

3. *Strateġija tat-teħid ta' kampjuni*

(1) Għall-ħatt l-art:

- (a) L-Istat Membru li fuq it-territorju tiegħu isir l-ewwel bejgħ għandu jkun responsabbli li jiżgura li jittieħed kampjun bijoloġiku skont l-istandards definiti f'dan il-Programm Komunitarju. Jekk ikun meħtieġ, l-Istati Membri għandhom jikkoooperaw mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi mhux tal-UE biex jifasslu programmi ta' teħid ta' kampjun bijoloġiku għall-ħatt li jsir minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-pajjiżi terzi.
- (b) Għall-fini ta' teħid ta' kampjun, il-mestieri ewlenin biss ikun jeħtiġilhom jitqiesu. Biex ikunu identifikati l-mestieri li jkollu jitteħdilhom kampjun, għandha tintuża l-gradwazzjoni li ġejja fil-livell 6 tal-matriċi fl-Appendiċi IV (1 sa 5) fuq bażi nazzjonali skont l-Istati Membri bl-użu, bħala referenza, tal-valuri medji tas-sentejn preċedenti, u:
- Iċ-ċelluli tal-mestier għandhom l-ewwel ikunu ggradwati skont is-sehem tagħhom fil-ħatt kummerċjali totali. L-ishma mbagħad għandhom jinġabru flimkien, l-ewwel dawk li jkunu l-akbar, sakemm jintlaħaq livell limitat għal 90 %. Il-mestieri kollha li jkunu qiegħdin fl-ogħla 90 % għandhom jintgħażlu biex jitteħdilhom kampjun;
 - L-eżerċizzju għandu jittenna skont il-valur totali tal-ħatt kummerċjali u ripetut għat-tielet darba skont l-isforz totali ta' jiem fuq il-baħar. Il-mestieri fl-ogħla 90 % li ma jkunux qiegħdin fl-ogħla 90 % ta' qabel għandhom jiżdiedu mal-għażla;
 - L-STEFCF tista' żżid mal-għażla l-mestieri li ma jkunux inqabdu mis-sistema ta' gradwazzjoni iżda li jkunu ta' importanza speċjali fit-termini ta' ġestjoni.
- (c) L-unità ta' teħid ta' kampjuni għandha tkun il-vjaġġ tas-sajd u l-għadd ta' vjaġġi tas-sajd li jkollu jitteħdilhom kampjun għandu jiżgura kopertura tajba tal-mestier.
- (d) Il-valuri ta' preċiżjoni u s-sistema ta' gradazzjoni jkollhom referenza fl-istess livell bħal tal-programmi ta' teħid ta' kampjun, jiġifieri fil-livell tal-mestier nazzjonali għal dejta miġbura permezz ta' programmi nazzjonali, u flivell ta' mestier reġjonali għal dejta miġbura permezz ta' programmi ta' teħid ta' kampjuni kkoordinati reġjonalment.
- (e) L-intensità tat-teħid ta' kampjuni għandha tkun proporzjonata mal-isforz relattiv u l-varjabbiltà ta' qabdiet ta' dak il-mestier. L-għadd minimu ta' vjaġġi tas-sajd li jkollu jitteħdilhom kampjun qatt m'għandu jkun anqas minn vjaġġ wieħed tas-sajd għal kull xahar matul l-istaġun tas-sajd għal vjaġġi tas-sajd li ta' anqas minn ġimagħtejn u għajr dan għal vjaġġ wieħed kull tliet xhur.
- (f) Meta jittieħed kampjun ta' vjaġġ tas-sajd, l-ispeċijiet għandu jitteħdilhom kampjun fl-istess waqt kif ġej:
- Kull speċi ġewwa reġjun kif definit fl-Appendiċi II għandha tkun ikklassifikata fi ħdan grupp skont ir-regoli li ġejjin:
 - **grupp 1:** speċijiet li jmexxu l-proċess ta' ġestjoni internazzjonali inklużi speċijiet koperti minn pjanijiet ta' ġestjoni tal-UE jew pjanijiet ta' rkupru tal-UE jew pjanijiet multianwali fit-tul tal-UE jew pjanijiet ta' azzjoni tal-UE ta' konservazzjoni u ġestjoni abbażi tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-esplotazzjoni sostenibbli ta' riżorsi ta' ħut skont il-politika komuni tas-sajd ⁽²⁾;

⁽¹⁾ ĠUL 186, 15.7.2008, p. 3.

⁽²⁾ ĠUL 358, 31.12.2002, p. 59.

- **grupp 2:** speċijiet oħra regolati internazzjonalment u speċijiet maġġuri ta' qbid inċidentali mhux regolati internazzjonalment;
 - **grupp 3:** l-ispeċijiet l-oħra kollha ta' qbid inċidentali (ħut u molluski/krustaċji). Il-lista tal-ispeċijiet tal-Grupp 3 għandha tkun stabbilita fil-livell reġjonali mil-laqgħa ta' kooordinament rilevanti u maqbul mill-STEFC.
- (g) L-allokazzjoni ta' speċijiet lill-Grupp 1 u 2 hija speċifikata fl-Appendiċi VII. L-għażla tal-iskema ta' teħid ta' kampjuni għandha tiddependi mid-diversità ta' speċijiet li jitteħdilha kampjun u l-kundizzjonijiet ta' tħaddim li permezz tagħhom jittieħed kampjun. Id-disinn tat-teħid ta' kampjuni għal kull mesjier jeħtieġ li jqis sew il-perjodiċità tal-okkorrenzi tat-teħid tal-kampjuni u l-iskema tat-teħid ta' kampjuni li tkun tiġi applikata. Skemi possibbli ta' teħid ta' kampjun, kif deskritti fit-tabella li ġejja, jinkludu:
- **skema 1:** it-teħid komprensiv ta' kampjun tal-ispeċijiet kollha;
 - **skema 2:** fi ħdan kull stratum ta' żmien, l-okkorrenzi tat-teħid tal-kampjuni jinqasmu f'żewġ partijiet. Parti waħda tal-okkorrenzi tat-teħid ta' kampjuni (x %) tikkunsidra kampjuni tal-ispeċijiet kollha fuq l-art, filwaqt li l-parti l-oħra tal-okkorrenzi tat-teħid ta' kampjuni ($100 - x$ %) tqis biss il-kampjuni tal-ispeċijiet kollha tal-Grupp 1;
 - **skema 3:** fi ħdan kull stratum ta' żmien, l-okkorrenzi tat-teħid tal-kampjuni jinqasmu f'żewġ partijiet. Parti waħda tal-okkorrenzi tat-teħid ta' kampjuni (x %) tikkunsidra kampjuni tal-ispeċijiet kollha tal-Grupp 1 u tal-Grupp 2 fuq l-art, filwaqt li l-parti l-oħra tal-okkorrenzi tat-teħid ta' kampjuni ($100 - x$ %) tqis biss il-kampjuni tal-ispeċijiet kollha tal-Grupp 1 jeħtieġ li l-ispeċijiet tal-grupp 3 jiitehdulhom kampjuni waqt it-tbaħħir.

Tabella 1

Sommarju tal-iskemi ta' teħid ta' kampjuni konkurrenti

Skema ta' teħid ta' kampjun	Frekwenza	Grupp 1	Grupp 2	Grupp 3
Skema 1	Kull okkorrenza ta' teħid ta' kampjun	✓	✓	✓
Skema 2	x % ta' okkorrenzi ta' teħid ta' kampjuni	✓	✓	✓
	$(100 - x)$ % ta' okkorrenzi ta' teħid ta' kampjun	✓		
Skema 3	x % ta' okkorrenzi ta' teħid ta' kampjuni	✓	✓	Teħid ta' kampjuni waqt it-tbaħħir
	$(100 - x)$ % ta' okkorrenzi ta' teħid ta' kampjuni	✓		

- (h) Għal kull kampjun partikolari, l-iskema ta' teħid ta' kampjuni għandha tkun irreġistrata (Tabella 1) flimkien mat-tagħrif dwar kif jitlestha t-teħid ta' kampjuni:
- Meta jkun qed jittieħed kampjun ta' speċi, l-għadd ta' ħutiet imkejla għandu jiżgura l-kwalità u l-akkuratezza tal-frekwenza ta' tul riżultanti. L-għadd ta' klassijiet ta' tul f'kampjun jista' jkun stmat permezz tal-firxa tat-tul medju ta' ġo fih u, minn dan, l-għadd ta' ħut imkejjel ikun qiegħed bejn $3 \times$ l-għadd ta' klassijiet ta' tul u $5 \times$ l-għadd ta' klassijiet ta' tul bħala l-ewwel approssimazzjoni, fin-nuqqas ta' kull ottimizazzjoni ta' statistika tad-disinn ta' teħid ta' kampjun.
 - (i) Proċeduri oħra tat-teħid ta' kampjuni jistgħu jintużaw bil-kundizzjoni li jkun hemm evidenza xjentifika li turi li dawn il-proċeduri jilhqgħu l-istess għanijiet bħal dawk deskritti fil-punt 3(1)(g).
 - (j) Sommarju tal-protokoll ta' teħid ta' kampjuni mwettaq mill-Istati Membri għandu jkun jista' jinkiseb mill-STEFC permezz tal-programmi nazzjonali għal kull mestier li jitteħdilha kampjun.

(2) Għall-qbid mormi:

- (a) Is-sistema ta' gradazzjoni msemmija fil-Kapitolu III Sezżjoni B/B1 3 (1) (f) għandha tintuża biex jintgħażlu l-mestieri bix issir stima tar-rimi ta' qabdiet. Fi kwalunkwe każ, fejn ir-rimi ta' kwalunkwe mestier ikun stmat li jilħaq aktar minn 10 % tal-volum totali tal-qbid u dan il-mestier ma jkunx individwat mis-sistema ta' gradazzjoni, dan il-mestier għandu jitteħdilha kampjun.
- (b) L-unità ta' teħid ta' kampjuni għandha tkun il-vjaġġ tas-sajd u l-għadd ta' vjaġġi tas-sajd li jkollu jitteħdilhom kampjun għandu jiżgura kopertura tajba tal-attivitaġiet tal-mestier.

- (c) Il-valuri ta' preċiżjoni u s-sistema ta' gradazzjoni jkollhom referenza fl-istess livell bħal tal-programmi ta' teħid ta' kampjun, jiġifieri fil-livell tal-mestier nazzjonali għal dejta miġbura permezz ta' programmi nazzjonali, u fl-livell ta' mestier reġjonali għal dejta miġbura permezz ta' programmi ta' teħid ta' kampjuni kkoordinati reġjonalment;
- (d) L-intensità tat-teħid ta' kampjuni għandha tkun proporzjonata mal-isforz relattiv u l-varjabbiltà ta' qabdiet ta' dak il-mestier. L-għadd minimu ta' vjaġġi tas-sajd li jkollu jitteħdilhom kampjun ma għandux ikun anqas minn żewġ vjaġġi tas-sajd kull kwart ta' sena;
- (e) Ir-rimi għandu jkun immonitorjat għall-ispeċijiet tal-Gruppi 1, 2 u 3, definiti fil-Kapitolu III sezzjoni B/B1/3. (1)(f), biex ikun hemm stima tal-piż medju tal-ħut mormi kull kwart ta' sena. Barra minn hekk:
- Ir-rimi għandu jkun is-suġġett ta' stima kull kwart ta' sena tad-distribuzzjonijiet tat-tulijiet tal-ħut, meta, fuq bażi annwali, jirrappreżentaw jew aktar minn 10 % tal-qbid totali skont il-piż jew aktar minn 15 % tal-qbid skont l-għadd għall-ispeċijiet tal-Gruppi 1 u 2;
 - Fejn jintrema ħut għal firxiet ta' tulijiet ta' speċijiet li mhumiex rappreżentati fil-ħatt l-art, għandu jsir kejl tal-etajiet skont ir-regoli stipulati fl-Appendiċi VII;
- (f) Fejn ikun rilevanti, għandu jsir sħarriġ pilota kif riferit fil-Kapitolu II B (1);
- (g) Sommarju tal-protokoll ta' teħid ta' kampjuni mwettaq mill-Istati Membri għandu jkun jista' jinkiseb mill-STEFC permezz tal-programmi nazzjonali għal kull mestier li jitteħdilhom kampjun.
- (3) Għas-sajd rikreattiv:
- (a) Għas-sajd rikreattiv u l-ispeċijiet tal-mira elenkati fl-Appendiċi IV (1 sa 5), l-Istat i Membri għandhom jivvalutaw il-kompożizzjoni tal-piż tal-qabdiet għal kull kwart ta' sena;
- (b) Fejn ikun rilevanti, għandu jsir sħarriġ pilota kif riferit fil-Kapitolu II B (1), biex issir stima tal-importanza tas-sajd rikreattiv imsemmi fil-punt 3(3)(a).

4. Livelli ta' preċiżjoni

(1) Għall-ħatt l-art:

- (a) Fil-livell tal-istokk tal-ħut, il-livell ta' preċiżjoni 2 għandu jkun il-mira sew għall-ispeċijiet tal-Grupp 1 kif ukoll għal dawg tal-Grupp 2. Jekk ikun meħtieġ, għandhom jiżiedu kampjuni abbażi tal-istokk jekk it-teħid ta' kampjuni abbażi tal-mestier ma jkunx jista' jipprovi l-preċiżjoni adegwata għad-distribuzzjoni tat-tulijiet fuq il-livell tal-istokk.

(2) Għall-qbid mormi:

- (a) Id-dejta relatata mal-istimi ta' kull kwart ta' sena tat-tulijiet tal-ħut mormi u l-kompożizzjoni tal-etajiet għall-ispeċijiet tal-Grupp 1 u tal-Grupp 2 jeħtiġilha twassal għal-livell ta' preċiżjoni 1.
- (b) Stimu tal-piż għall-ispeċijiet tal-Gruppi 1, 2 u 3 jeħtiġilhom iwasslu għal-livell ta' preċiżjoni 1.

(3) Għas-sajd rikreattiv:

- (a) Id-dejta relatata mal-istimi ta' kull sena tal-qabdiet f'volum jeħtiġilha twassal għal-livell ta' preċiżjoni 1.

5. Regoli ta' eżenzjoni

- (1) Jekk l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jilħqu l-livelli ta' preċiżjoni riferuti fil-Kapitolu III sezzjoni B/B1/4 2 (a) u (b) u 3(a), jew ikunu jistgħu jagħmlu dan biss bi spejjeż eċċessivi, jistgħu jiksibu, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-STEFC, deroga mill-Kummissjoni biex ibaxxu l-livell ta' preċiżjoni, il-frekwenza tat-teħid ta' kampjuni, jew biex jimplementaw sħarriġ pilota, bil-kundizzjoni li din it-talba tkun dokumentata bis-sħiħ u jkollha l-provi xjentifiċi.

B2. Varjabbli relatati mal-istokk

1. Varjabbli

(1) Għall-istokkijiet elenkati fl-Appendiċi VII, għandhom jinġabru l-varjabbli li ġejjin:

- (a) Tagħrif individwali dwar l-età;
- (b) Tagħrif individwali dwar it-tul;
- (c) Tagħrif individwali dwar il-piż;

- (d) Tagħrif individwali dwar is-sess;
- (e) Tagħrif individwali dwar il-maturità;
- (f) Tagħrif individwali dwar il-fekondità.

bl-użu tal-iskema ta' teħid ta' kampjuni pprovduta f'dan l-Appendiċi VII.

- (2) Il-ġbir tat-tagħrif individwali kollu msemmi fil-paragrafu (1) għandu kun assoċjat mat-tagħrif korrispondenti dwar l-istratum tal-ispazju u ż-żmien.
- (3) Għal stokkijiet ta' salamun selvaġġ fix-xmajjar ta' indiċi, kif definiti mill-ICES, li jidħlu fil-Baħar Baltiku III b-d, jeħtiġil-hom jinġabru l-varjabbli li ġejjin:
 - (a) Informazzjoni dwar l-abbundanza tas-salamun żgħir (smolt);
 - (b) Informazzjoni dwar l-abbundanza tal-parr;
 - (c) Informazzjoni dwar l-għadd tal-individwi axxendenti.

2. Livell ta' diżaggregazzjoni

- (1) Il-livelli meħtieġa ta' diżaggregazzjoni, kif ukoll il-ġbir kull tant żmien tal-varjabbli kollha u l-intensitajiet tat-teħid ta' kampjuni għall-età huma speċifikati fl-Appendiċi VII. Għal strateġiji ta' teħid ta' kampjuni u intensitajiet ta' teħid ta' kampjuni għandhom japplikaw ir-regoli indikati fil-Kapitolu I sezzjoni B (Livelli ta' preċiżjoni u intensitajiet ta' teħid ta' kampjun).

3. Strateġija ta' teħid ta' kampjuni

- (1) Kulfejn ikun possibbli, il-qari tal-età għandu jsir fuq qbid kummerċjali, sabiex tiġi stmata l-kompożizzjoni skont l-ispeċju, fejn dan ikun rilevanti, il-parametri ta' tkabbir. Fejn dan ma jkunx possibbli, l-Istati Membri għandhom jiġġustifikaw ir-raġunijiet fil-programmi nazzjonali tagħhom.
- (2) Jekk il-kooperazzjoni bejn Stati Membri tiżgura li l-istima globali tal-parametri elenkati fl-Appendiċi VII tilħaq il-livell ta' preċiżjoni meħtieġ, kull Stat Membru għandu jiżgura li l-kontribut proprju tiegħu għall-ġabra tad-dejta tkun biżżejjed biex jintlaħaq dak il-livell ta' preċiżjoni.

4. Livelli ta' preċiżjoni

- (1) Għal stokkijiet ta' speċijietli jistgħu maż-żmien javanzaw fl-età, il-piżijiet u t-tulijiet medji għal kull età għandhom ikunu stmata fil-livell ta' preċiżjoni 3, sa età tali li l-ħatt akkumulat għall-etajiet korrispondenti jirrappreżenta tal-anqas 95 % tal-ħatt nazzjonali għall-istokk rilevanti.
- (2) Għal stokkijiet li għalihom il-qari tal-età ma jkunx possibbli, iżda li għalihom tista' tkun stmata kurva ta' tkabbir, piżijiet u tulijiet medji għal kull psewdoetà (jiġifieri derivata mill-kurvi tat-tkabbir) għandhom ikunu stmata bi preċiżjoni tal-livell 2, sa età tali li l-ħatt akkumulat għall-etajiet korrispondenti jirrappreżenta tal-anqas 90 % tal-ħatt nazzjonali għall-istokk rilevanti.
- (3) Għal proporzonijiet ta' maturità, fekondità u sess, tista' ssir għażla bejn referenza għal età jew tul, bil-kundizzjoni li Stati Membri li jkollhom iwettqu t-teħid ta' kampjun bijoloġiku korrispondenti jkunu qablu dwar li ġej:
 - (a) Għal maturità u fekondità, ikkalkolati bħala proporzjon tal-ħut matur, għandha tinkiseb preċiżjoni tal-livell 3 fi ħdan il-firxa tal-età u/jew it-tul, li l-limiti tagħhom ikunu jikkorrispondu għal 20 % u 90 % ta' ħut matur;
 - (b) Għal proporzonijiet ta' sess, ikkalkolati bħala proporzjon tal-ħut nisa, għandha tinkiseb preċiżjoni tal-livell 3, sa età jew tul b'mod li ħatt akkumulat għall-etajiet jew tulijiet korrispondenti jagħmel tajjeb għal mill-anqas 90 % tal-ħatt nazzjonali għal dan l-istokk.

5. Regoli ta' eżenzjoni

- (1) Il-programm nazzjonali ta' Stat Membru jista' jeskludi l-istima tal-varjabbli relatati mal-istokk għal stokkijiet li għalihom TAC's u kwota jkunu ġew definiti skont il-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) Il-kwota rilevanti għandha tikkorrispondu għal anqas minn 10 % tas-sehem Komunitarju ta' TAC jew anqas minn 200 tunnellata bħala medja matul it-tliet snin ta' qabel;
 - (b) It-total tal-kwoti rilevanti kollha ta' Stati Membri li l-allokkazzjoni tagħhom tkun anqas minn 10 %, għandu jirrappreżenta anqas minn 25 % tas-sehem Komunitarju tat-TAC.

- (2) Jekk il-kundizzjoni msemmija fil-punt 5.1.(a) preċedenti titħares, iżda mhux il-kundizzjoni msemmija fil-punt 5.1.(b), l-Istati Membri rilevanti jistgħu jwaqqfu programm koordinat biex jiksbu għall-ħatt konġunt tagħhom skema konġunta ta' teħid ta' kampjun, jew l-Istati Membri jistgħu jstabbilixxu skemi nazzjonali oħra ta' teħid ta' kampjuni li twassal għall-istess preċiżjoni.
- (3) Jekk ikun floku, il-programmi nazzjonali jistgħu jkunu aġġustati sal-1 ta' Frar ta' kull sena biex jitqies l-iskambju ta' kwoti bejn l-Istati Membri:
 - (a) Għal stokkijiet li għalihom TAC's u kwoti ma kinux ġew definiti u li jinsabu lil hinn mill-Baħar Mediterran, l-istess regoli stabbiliti skont il-punt 5(1) japplikaw abbażi ta' ħatt medju tat-tliet snin ta' qabel u b'referenza għall-ħatt kollu Komunitarju minn stokk;
 - (b) Għal stokkijiet fil-Baħar Mediterran, il-ħatt skont il-piż minn Stat Membru Mediterranju għal speċi li tikkorrispondi għal anqas minn 10 % tal-ħatt kollu Komunitarju mill-Baħar Mediterran, jew għal anqas minn 200 tunnellata metrika, ħliet għat-tonn.

C. Ġbir ta' varjabbli trasversali

1. Varjabbli

- (1) Varjabbli li jkollhom jinġabru huma elenkati fl-Appendiċi VIII. Id-dejta għandha tingħata skont il-perjodiċità indikata f'dak l-Appendiċi.
- (2) Jista' jkun hemm xi dewmien bejn l-informazzjoni mogħtija dwar il-flotta u dwar l-isforz fis-sajd.

2. Livell ta' diżaggregazzjoni

- (1) Il-livell ta' diżaggregazzjoni huwa mogħti fl-Appendiċi VIII skont il-kriterji definiti fl-Appendiċi V.
- (2) Il-grad ta' aggregazzjoni għandu jikkorrispondi mal-livell l-aktar diżaggregat meħtieġ. Jista' jsir raggruppament ta' ċelluli fi ħdan din l-iskema bil-kundizzjoni li analiżi ta' statistika adatta turi s-sostenibbiltà tiegħu. *Mergers* bħal dawn għandhom ikunu approvati mil-Laqgħa ta' Koordinazzjoni Reġjonali rilevanti.

3. Strateġija ta' teħid ta' kampjuni

- (1) Kulfejn ikun possibbli, dejta trasversali għandha tingħabar b'mod eżawrjenti. Fejn dan ma jkunx jista' jsir, l-Istati Membri għandhom jispeċifikaw il-proċeduri ta' teħid ta' kampjuni fi ħdan il-programmi nazzjonali tagħhom.

4. Livelli ta' preċiżjoni

- (1) L-Istati Membri għandhom jinkludu fir-rapport annwali tagħhom tagħrif dwar il-kwalità (l-akkuratezza u l-preċiżjoni) tad-dejta.

D. Stħarriġ ta' riċerka waqt it-tbajhir

- (1) L-istħarriġ kollu elenkat fl-Appendiċi IX għandu jkun kopert.
- (2) L-Istati Membri għandhom jiggwarantixxu fi ħdan il-programmi nazzjonali tagħhom kontinwità ma disinji ta' stħarriġ ta' qabel.
- (3) Minkejja l-punti 1 u 2, Stati Membri jistgħu jipproponu modifika fl-isforz ta' stħarriġ jew disinn ta' teħid ta' kampjun, bil-kundizzjoni li dan ma jkollux effett ħażin fuq il-kwalità tar-riżultati. L-aċċettazzjoni mill-Kummissjoni ta' kull modifika għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni tal-STEFC.

KAPITOLU IV

MODULU TA' EVALWAZZJONI TAS-SITWAZZJONI EKONOMIKA TAS-SETTURI TAL-AKKWAKULTURA U L-INDUSTRIJA TAL-IPPROĊESSAR

A. Ġbir ta' dejta ekonomika għas-settur tal-akkwakultura

1. Varjabbli

- (1) Il-varjabbli kollha elenkati fl-Appendiċi X għandhom jinġabru fuq bażi annwali għal kull taqsima skont it-tqassim stabbilit fl-Appendiċi XI.
- (2) L-unità ta' statistika għandha tkun l-"intrapriża" definita bħala l-entità legali l-aktar baxxa għall-finijiet taż-żamma tal-kotba.

- (3) Il-popolazzjoni għandha tirreferi għal intrapriżi li l-attività ewlenija tagħhom hija definita skont id-definizzjoni tal-EUROSTAT skont il-kodiċi 05.02 ta' NACE: "Trobija tal-ħut".
- (4) Valutii nazzjonali għandhom jinbidlu fl-euro bl-użu tar-rata tal-kambju annwali medja li tista' tinkiseb mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE).

2. Livell ta' diżaggregazzjoni

- (1) Id-dejta għandha titqassam skont l-ispeċi u t-teknika għall-akkwakultura, kif imsemmi fl-Appendiċi XI. L-Istati Membri jistgħu wkoll iqassmu addizzjonalment skont id-daqs tal-intrapriża jew kriterji rilevanti oħra, jekk ikun meħtieġ.
- (2) Il-ġbir ta' dejta għal speċijiet tal-ilma ħelu mhuwiex obligatorju. Madankollu, jekk din id-dejta tinġabar, l-Istati Membri għandhom isegwu t-tqassim indikat fl-Appendiċi XI.

3. Strateġija ta' teħid ta' kampjuni

- (1) L-Istati Membri għandhom jiddeskrivu l-metodoloġiji tagħhom għall-istima ta' kull varjabbli ekonomiku, inklużi l-aspetti ta' kwalità, fil-programmi nazzjonali tagħhom.
- (2) L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-konsistenza u l-komparabbiltà tal-varjabbli ekonomiċi kollha meta dawn ikunu derivati minn sorsi differenti (eż. kwestjonarji, kontijiet finanzjarji).

4. Livelli ta' preċiżjoni

- (1) L-Istati Membri għandhom jinkludu fir-rapport annwali tagħhom tagħrif dwar il-kwalità (l-akkuratezza u l-preċiżjoni) tad-dejta.

B. Ġbir ta' dejta ekonomika dwar l-industrija tal-ipproċessar

1. Varjabbli

- (1) Il-varjabbli kollha elenkati fl-Appendiċi XII għandhom jinġabru fuq bażi annwali għall-popolazzjoni.
- (2) Il-popolazzjoni għandha tirreferi għal intrapriżi li l-attività ewlenija tagħhom hija definita skont id-definizzjoni tal-EUROSTAT skont il-kodiċi 15.20 tal-NACE: "L-ipproċessar u l-preservazzjoni tal-ħut u prodotti tal-ħut".
- (3) Bħala linja gwida, il-kodiċijiet nazzjonali applikati minn Stati Membri skont ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 852/2004 tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene ta' oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾, (KE) Nru 853/2004 tad-29 April 2004 dwar regoli tal-iġjene għal ikel li jiġi mill-annimali ⁽²⁾ u (KE) Nru 854/2004 tad-29 ta' April 2004 dwar l-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti ta' annimali maħsubin għall-konsum mill-bniedem ⁽³⁾ għandhom jintużaw b'mod addizzjonali bħala mezz ta' eżami doppju u identifikazzjoni ta' intrapriżi kklassifikati skont il-kodiċi 15.20 tal-NACE.
- (4) Valuti nazzjonali għandhom jinbidlu fl-euro bl-użu tar-rata tal-kambju annwali medja li tista' tinkiseb mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE).

2. Livell ta' diżaggregazzjoni

- (1) L-unità ta' statistika għandha tkun l-"intrapriża" definita bħala l-entità legali l-aktar baxxa għall-finijiet taż-żamma tal-kotba.
- (2) Għal intrapriżi li jaġhmlu l-ipproċessar tal-ħut iżda mhux bħala attività ewlenija, ikun obligatorju l-ġbir tad-dejta li ġejja, fl-ewwel sena ta' kull perjodu ta' programmar:
 - (a) L-għadd ta' intrapriżi;
 - (b) Il-fatturat attribwit lill-ipproċessar tal-ħut.

⁽¹⁾ ĠUL 139, 30.4.2004, p. 1.

⁽²⁾ ĠUL 139, 30.4.2004, p. 55.

⁽³⁾ ĠUL 139, 30.4.2004, p. 206.

3. *Strateġija ta' teħid ta' kampjuni*

- (1) L-Istati Membri għandhom jiddeskrivu l-metodoloġiji tagħhom għall-istima ta' kull varjabbli ekonomiku, inklużi l-aspetti ta' kwalità, fil-programmi nazzjonali tagħhom.
- (2) L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-konsistenza u l-komparabbiltà tal-varjabbli ekonomiċi kollha meta dawn ikunu derivati minn sorsi differenti (eż. kwestjonarji, kontijiet finanzjarji).

4. *Livelli ta' preċiżjoni*

- (1) L-Istati Membri għandhom jinkludu fir-rapport annwali tagħhom tagħrif dwar il-kwalità (l-akkuratezza u l-preċiżjoni) tad-dejta.

KAPITOLU V

MODULU TA' EVALWAZZJONI TAL-EFFETTI TAS-SETTUR TAS-SAJD FUQ L-EKOSISTEMA MARINA

1. *Varjabbli*

- (1) Biex titħalla ssir il-kalkulazzjoni tal-indikaturi elenkati fl-Appendiċi XIII, dejta speċifikata f'dan l-Appendiċi għandha tinġabar fuq bażi annwali, bl-eċċezzjoni ta' dejta li huwa speċifikat li għandha tinġabar fl-livelli aktar diżaggregati.
- (2) Id-dejta speċifikata fl-Appendiċi XIII għandha tinġabar fil-livell nazzjonali biex l-utenti aħħarin ikunu jistgħu jikkalkulaw l-indikaturi fl-iskala ġeografika rilevanti, kif stipulat fl-Appendiċi II.

2. *Livell ta' diżaggregazzjoni*

- (3) Il-livell ta' diżaggregazzjoni indikat fl-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fl-Appendiċi XIII.

3. *Strateġija ta' teħid ta' kampjun*

- (4) L-Istati Membri għandhom japplikaw ir-rakkomandazzjonijiet stipulati fl-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fl-Appendiċi XIII.

4. *Livelli ta' preċiżjoni*

- (1) L-Istati Membri għandhom japplikaw ir-rakkomandazzjonijiet stipulati fl-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fl-Appendiċi XIII.

KAPITOLU VI

MODULU GħALL-ĠESTJONI U L-UŻU TAD-DEJTA KOPERTA MILL-QAFAS TA' ĠBIR TA' DEJTA

A. Ġestjoni tad-dejta

- (1) F'dak li jirrigwarda d-dejta koperta minn dan il-Programm Komunitarju, din is-sezzjoni tkopri l-iżvilupp ta' bażijiet ta' dejta, ir-reġistrazzjoni ta' dejta (ħżin), il-kontroll tal-kwalità u l-valutazzjoni tad-dejta, u l-ipproċessar ta' dejta minn dejta primarja għal dejta dettaljata jew aggregata kif imsemmi fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament Nru 199/2008.
- (2) Għandha tinkludi l-proċess ta' trasformazzjoni tad-dejta soċjoekonomika primarja għal metadejta msemmija fl-Artikolu 13(b) tar-Regolament Nru 199/2008.
- (3) L-Istati Membri għandhom jiggarantixxu li, fuq talba mill-Kummissjoni, jkun jista' jingħata t-tagħrif dwar il-proċess ta' trasformazzjoni msemmi fil-paragrafu 2.

B. L-użu tad-dejta

- (1) Is-sezzjoni tkopri l-produzzjoni ta' settijiet ta' dejta u l-użu tagħhom biex tkun sostnuta analiżi xjentifika bħala bażi għal pariri lill-ġestjoni tas-sajd kif imsemmi fl-Artikolu 18(1)a tar-Regolament (KE) Nru 199/2008.
- (2) Għandha tinkludi stimi ta' parametri bijoloġiċi (l-età, il-piż, is-sess, il-maturità u l-fekondità) għall-istokkijiet elenkati fl-Appendiċi VII, it-thejjja ta' settijiet ta' dejta għal evalwazzjonijiet u l-immudellar bijoekonomiku ta' stokk u analiżi xjentifika korrispondenti.

Lista ta' appendiċijiet

Appendiċi Nru	Titolu
I	Stratifikazzjoni ġeografika skont l-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd
II	Stratifikazzjoni ġeografika skont ir-reġjun
III	Taqsim tal-flotta skont ir-reġjuni
IV	Attività tas-sajd (mestier) skont ir-reġjuni
V	Livelli ta' diżaggregazzjoni
VI	Lista ta' varjabbli ekonomiċi
VII	Lista ta' varjabbli bijoloġiċi bl-ispeċifikazzjoni ta' kampjunar tal-ispeċijiet
VIII	Lista ta' varjabbli trasversali bl-ispeċifikazzjoni ta' kampjunar
IX	Lista ta' stħarriġiet ta' riċerka fuq il-baħar
X	Lista ta' varjabbli ekonomiċi għas-settur tal-akkwakultura
XI	Taqsim tas-setturi li għandu jġi applikat għall-ġbir tad-dejta dwar l-akkwakultura
XII	Lista ta' varjabbli ekonomiċi għas-settur tal-ipproċessar
XIII	Definizzjoni ta' indikaturi ambjentali biex jitkejlu l-effetti tas-sajd fuq l-ekosistema tal-baħar

Appendiċi I

Stratifikazzjoni ġeografika skont l-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd

	I.C.E.S.	N.A.F.O	I.C.C.A.T	G.F.C.M.	C.C.A.M.L.R.	IOTC	Ohrain
Livell 1	Żona	Żona	Żona tal-FAO	Żona eż. 37 il-Mediterran u l-Baħar l-Iswed	Żona eż. 48	Żona tal-FAO	Żona tal-FAO
Livell 2	Sub-żona eż. 27.IV Il-Baħar tat-Tramuntana	Sub-żona eż. 21.2 Labrador	Sub-żona tal-FAO	Sub-żona eż. 37.1 tal-Punent	Sub-żona eż. 48.1 il-Peniżola tal-Antartiku	Sub-żona tal-FAO	Sub-żona tal-FAO
Livell 3	Diviżjoni 27.IV c	Diviżjoni eż. 21.2 H	Diviżjoni 5° × 5°	Diviżjoni eż 37.1.2 Gulf of Lions	Diviżjoni eż. 58.5.1 il-gżejjer Kerguelen	Diviżjoni 5° × 5°	Diviżjoni 5° × 5°
Livell 4	Sub-diviżjoni eż. 27.III. c.22			GSA e.ż GSA 1			
Livell 5	Rettangolu 30' × 1°	Rettangolu	Rettangolu 1° × 1°		Rettangolu 30' × 1°	Rettangolu 1° × 1°	Rettangolu 1° × 1°

Appendiċi II

Stratifikkazzjoni ġeografika skont ir-Reġjun

	Sotto-reġjun/Żona tas-sajd ⁽¹⁾	Reġjun	Supra reġjun
Livell	1	2	3
	Ġabra ta' unitajiet spazjali fuq il-livell 4 kif definiti fl-Appendiċi I (subdiviżjoni tal-ICES)	Il-Baħar Baltiku (żoni ICES III b-d)	Il-Baħar Baltiku (żoni ICES III b-d), il-Baħar tat-Tramuntana (żoni ICES IIIa, IV u VIIId) u l-Lvant tal-Artiku (żoni ICES I u II) u t-Tramuntana tal-Atlantiku (żoni ICES V-XIV u ż-żoni tan-NAFO)
	Ġabra ta' unitajiet spazjali fuq il-livell 3 kif definiti fl-Appendiċi I (Diviżjoni tal-ICES)	Il-Baħar tat-Tramuntana (żoni ICES IIIa, IV u VIIId) u l-Lvant tal-Artiku (żoni ICES I u II)	
	Ġabra ta' unitajiet spazjali fuq il-livell 3 kif definiti fl-Appendiċi I (Diviżjoni tan-NAFO/ICES)	It-Tramuntana tal-Atlantiku (żoni ICES V-XIV u żoni NAFO)	
	Ġabra ta' unitajiet spazjali fuq il-livell 4 kif definiti fl-Appendiċi I (GSA)	Il-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed	Il-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed
	Is-Subżoni ta' kampjunar tal-RFMOs (minbarra l-GFCM)	Reġjuni oħra fejn is-sajd jitwettaq minn bastimenti Komunitarji u jitmexxa minn Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd li l-Komunità għandha rabta magħhom jew bħala parti kontraenti jew bħala osservatur; (eż ICCAT, IOTC, CECAF...)	Reġjuni oħra

⁽¹⁾ Is-sottoregijuni jew żoni tas-sajd huma stabbiliti skont l-Istati Membri għall-ewwel perjodu ta' programmar (2009-2010); jistgħu jiġu ddefiniti mill-ġdid mil-Laqgħat ta' Koordinazzjoni Reġjonali kif maqbula mill-STEFC jekk meħtieġ. Dan il-livell għandu jkun konsistenti mad-diviżjonijiet ġeografiċi eżistenti.

Appendiċi III

Taqsim tal-flotta skont ir-Reġjuni

		Kategoriji ta' tul (LOA) (1)					
		0-<10 m 0-<6 m	10-<12 m 6-<12 m	12-<18 m	18-<24 m	24-<40 m	40 m jew akbar
Bastimenti attivi							
Li jużaw irkaptu "Attiv"	Bastimenti tat-tkarkir bit-travu						
	Bastimenti tat-tkarkir demersali u/jew bastimenti tas-sajd bit-tartarun						
	Bastimenti tat-tkarkir pelaġiku						
	Bastimenti tas-sajd bil-purse seines						
	Ħammiela						
	Bastimenti li jużaw irkaptu attiv ieħor						
	Bastimenti li jużaw irkaptu "attiv" polivalenti biss						
Li jużaw irkaptu "Passiv"	Bastimenti li jużaw snanar biss	(2)	(2)				
	Bastimenti tas-sajd bl-għeżula tat-tisqif, għeżula mmażrati						
	Bastimenti li jużaw in-nases						
	Bastimenti li jużaw irkaptu passiv ieħor						
	Bastimenti li jużaw irkaptu "passiv" polivalenti biss						
Li jużaw irkaptu polivalenti	Bastimenti li jużaw irkaptu attiv u passiv						
Bastimenti inattivi							

(1) Għal bastimenti ta' inqas minn 12-il metru fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed, il-kategoriji tat-tulijiet huma ta' 0-<6, 6-<12-il metru. Għar-reġjuni l-oħra kollha, il-kategoriji tat-tulijiet huma ddefiniti bħala 0-<10, 10-<12-il metru.

(2) Bastimenti ta' inqas minn 12-il metru li jużaw irkaptu passiv fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed jistgħu ikunu diżaggregati skont it-tip ta' rkaptu.

Appendiċi IV

Attività tas-sajd (mestier) skont ir-Reġjuni

1) Il-Baħar Baltiku (Subdiviżjonijiet tal-ICES 22-32)

Livell 1	Livell 2	Livell 3	Livell 4	Livell 5	Livell 6	Klassijiet ta' LOA (m)					
Attività	Klassi ta' Rkaptu	Kategorija tal-irkaptu	Tip ta' rkaptu	Mira tas-sajd ^(b)	Daqs tal-malji u rkaptu selettiv ieħor	< 10	10- < 12	12- < 18	18- < 24	24- < 40	40 &+
L-attività tas-sajd	Xbieki tat-tkarkir	Xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ	Xibka tat-tkarkir tal-qiegħ bid-diriġenti [OTB]	Krostaċċi	(^a)						
				Ħut demersali	(^a)						
				Ħut pelaġiku żgħir	(^a)						
				Speċijiet ilma ħelu	(^a)						
			Xibka tat-tkarkir tal-qiegħ bid-diriġenti tat-tip "multi-rig" [OTT]	Krostaċċi	(^a)						
				Ħut demersali	(^a)						
				Ħut pelaġiku żgħir	(^a)						
				Ħut demersali	(^a)						
			Xibka tat-tkarkir tal-qiegħ tal-par [PTB]	Ħut demersali	(^a)						
				Ħut pelaġiku żgħir	(^a)						
				Speċijiet ilma ħelu	(^a)						
				Ħut demersali	(^a)						
		Xbieki tat-tkarkir pelaġiku	Xibka tat-tkarkir tan-nofs fond bid-diriġenti [OTM]	Ħut demersali	(^a)						
				Ħut pelaġiku żgħir	(^a)						
				Speċijiet ilma ħelu	(^a)						
			Xibka tat-tkarkir tan-nofs tal-par [PTM]	Ħut demersali	(^a)						
				Ħut pelaġiku żgħir	(^a)						
				Speċijiet ilma ħelu	(^a)						
Ħut demersali	(^a)										
Ħut pelaġiku żgħir	(^a)										
Speċijiet ilma ħelu	(^a)										

Livell 1	Livell 2	Livell 3	Livell 4	Livell 5	Livell 6	Klassijiet ta' LOA (m)							
Attività	Klassi ta' Rkaptu	Kategorija tal-irkaptu	Tip ta' rkaptu	Mira tas-sajd ^(b)	Daqs tal-malji u rkaptu selettiv ieħor	< 10	10- < 12	12- < 18	18- < 24	24- < 40	40 &+		
	Snanar u Xolfa	Qasab u Xolfa	Xolfa fuq l-idejn u xolfa fuq il-qasba [LHP] [LHM]	Ħut tal-pinen	(^a)								
				Konzijiet	Konzijiet mit-luqa [LLD]	Ħut pelaġiku żgħir	(^a)						
						Speċijiet anadromi	(^a)						
		Konzijiet fissi [LLS]	Ħut demersali	(^a)									
				Ħut pelaġiku żgħir	(^a)								
				Speċijiet ilma ħelu	(^a)								
				Speċijiet anadromi	(^a)								
				Speċijiet Katadromi	(^a)								
		Nases	Nases	Nases [FPO] (^c)	Ħut demersali	(^a)							
	Ħut pelaġiku żgħir					(^a)							
	Speċijiet ilma ħelu					(^a)							
	Speċijiet anadromi					(^a)							
	Speċijiet Katadromi					(^a)							
	Fyke nets [FYK] (^c)			Ħut demersali	(^a)								
					Ħut pelaġiku żgħir	(^a)							
					Speċijiet ilma ħelu	(^a)							
		Speċijiet anadromi			(^a)								
Speċijiet Katadromi		(^a)											
Xbieki statiċi mikxufa (pound nets) [FPN]	Ħut demersali	(^a)											
		Ħut pelaġiku żgħir	(^a)										
		Speċijiet ilma ħelu	(^a)										
		Speċijiet anadromi	(^a)										
		Speċijiet Katadromi	(^a)										

Livell 1	Livell 2	Livell 3	Livell 4	Livell 5	Livell 6	Klassijiet ta' LOA (m)					
						< 10	10- < 12	12- < 18	18- < 24	24- < 40	40 & +
Attività	Klassi ta' Rkaptu	Kategorija tal-irkaptu	Tip ta' rkaptu	Mira tas-sajd ^(b)	Daqs tal-malji u rkaptu selettiv ieħor						
	Xbieki	Xbieki	Pariti [GTR]	Ħut demersali	^(a)						
				Ħut pelaġiku żgħir	^(a)						
				Speċijiet ilma ħelu	^(a)						
			Għeżula fissi [GNS]	Ħut demersali	^(a)						
				Ħut pelaġiku żgħir	^(a)						
				Speċijiet ilma ħelu	^(a)						
				Speċijiet anadromi	^(a)						
				Speċijiet Katadromi	^(a)						
	Tartaruni	Xbieki tat-tidwir	Tartaruni	Purse seine [PS]	Ħut pelaġiku żgħir	^(a)					
				Fly shooting seine [SSC]	Ħut demersali	^(a)					
		Speċijiet ilma ħelu	^(a)								
		Tartarun immażrat [SDN]	Ħut demersali	^(a)							
			Ħut pelaġiku żgħir	^(a)							
		Tartarun tal-par [SPR]	Ħut demersali	^(a)							
Beach and boat seine [SB] [SV]	Ħut tal-pinen	^(a)									
Informazzjoni nieqsa rigward l-attività tas-sajd				Informazzjoni nieqsa rigward l-attività tas-sajd							
Attività oħra minbarra sajd				Attività oħra minbarra sajd							
Inattiv				Inattiv							
Sajd rikreattiv				Esklussivament għal dawn l-ispeċijiet: Salamun, Merluzz, Sallur	Mhux applikabbli	Il-klassijiet tal-bastimenti kollha flimkien (jekk applikabbli)					

^(a) Kif definit fir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nri 88/98 u 2187/2005.

^(b) Il-parti miżmuma tal-qabda għandha tkun ikklassifikata skont l-assemblaġġ ta' mira (krustaċji, ħut demersali. eċċ.) fil-livell tal-vjaġġ tas-sajd jew ta' operazzjoni tas-sajd meta jkun possibbli, u tintgħażel skont il-piż u jew skont il-valur totali fil-każ ta' speċijiet ta' valur (eż gambli *Nephrops*). L-assemblaġġ ta' mira li jitle' fl-ewwel post għandu jitqies bħala l-assemblaġġ ta' mira li ħandu jkun rappurtat fit-tabella.

^(c) Inkluż is-sallur fl-unitajiet ta' ġestjoni kif speċifikat fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007.

Rimarka:

Fejn ikun rilevanti, għandhom isiru studji pilota biex jiġu stabbiliti l-protokoll għall-monitoraġġ tas-sajd intern għas-sallur.

2) Il-Baħar tat-Tramuntana (Żoni ICES IIIa, IV u VIId) u l-Lvant tal-Artiku (żoni ICES I u II)

Livell 1	Livell 2	Livell 3	Livell 4	Livell 5	Livell 6	Klassijiet ta' LOA (m)							
Attività	Klassi ta' Rkaptu	Kategorija tal-irkaptu	Tip ta' rkaptu	Mira tas-sajd ^(b)	Daqs tal-malji u rkaptu selettiv ieħor	< 10	10- < 12	12- < 18	18- < 24	24- < 40	40 & +		
L-attività tas-sajd	Ħammiela	Ħammiela	Ħammiela fuq bastiment [DRB]	Molluski	(e)								
			Ħammiela mekkanizzati/tal-ġbid [HMD]	Molluski	(e)								
	Xbieki tat-tkarkir	Xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ	Xibka tat-tkarkir tal-qiegħ bid-diriġenti [OTB]	Molluski	(e)								
				Krostaċċi	(e)								
				Ħut demersali	(e)								
				Krustaċċi mħallta u ħut demersali	(e)								
				Ċefalopodi mħallta u ħut demersali	(e)								
				Ħut pelaġiku żgħir	(e)								
				L-ispeċċijiet tal-baħar fond	(e)								
				Ħut pelaġiċi u demersali mħallta	(e)								
			Speċċijiet demersali u tal-fond imħallta	(e)									
			Xibka tat-tkarkir tal-qiegħ bid-diriġenti [OTT]	Molluski	(e)								
				Krostaċċi	(e)								
				Ħut demersali	(e)								
				L-ispeċċijiet tal-baħar fond	(e)								
				Krustaċċi mħallta u ħut demersali	(e)								
				Ħut pelaġiċi u demersali mħallta	(e)								
			Xibka tat-tkarkir tan-nofs tal-par [PTB]	Ħut demersali	(e)								
				Krostaċċi	(e)								
				Ħut pelaġiku żgħir	(e)								
			Beam trawl [TBB]	Krostaċċi	(e)								
				Ħut demersali	(e)								
				Krustaċċi mħallta u ħut demersali	(e)								
			Xbieki tat-tkarkir pelaġiku	Xibka tat-tkarkir tan-nofs fond bid-diriġenti [OTM]	Ħut pelaġiku żgħir	(e)							
					Ħut demersali	(e)							
				Xibka tat-tkarkir tan-nofs tal-par [PTM]	Ħut pelaġiku żgħir	(e)							
	Ħut demersali	(e)											

Livell 1	Livell 2	Livell 3	Livell 4	Livell 5	Livell 6	Klassijiet ta' LOA (m)						
						< 10	10- < 12	12- < 18	18- < 24	24- < 40	40 & +	
Attività	Klassi ta' Rkaptu	Kategorija tal-irkaptu	Tip ta' rkaptu	Mira tas-sajd ^(a)	Daqs tal-malji u rkaptu selettiv ieħor							
	Snanar u Xolfa	Qasab u Xolfa	Xolfa fuq l-idejn u xolfa fuq il-qasba [LHP] [LHM]	Ħut tal-pinen	^(a)							
		Konzijiet	Konzijiet fissi [LLS]	Ħut demersali	^(a)							
	Nases	Nases	Nases [FPO] ^(a)	Molluski	^(a)							
				Krostaċċi	^(a)							
				Ħut tal-pinen	^(a)							
			Fyke nets [FYK]	Speċijiet Katadromi	^(a)							
	Xbieki	Xbieki	Pariti [GTR]	Ħut demersali	^(a)							
				Għeżula fissi [GNS]	Ħut pelaġiku żgħir	^(a)						
			Ħut demersali		^(a)							
			Krostaċċi		^(a)							
			Driftnet [GND]	Ħut pelaġiku żgħir	^(a)							
				Ħut demersali	^(a)							
	Tartaruni	Xbieki tat-tidwir	Purse seine [PS]	Ħut pelaġiku żgħir	^(a)							
			Tartaruni	Fly shooting seine [SSC]	Ħut demersali	^(a)						
				Tartarun immażrat [SDN]	Ħut demersali	^(a)						
				Tartarun tal-par [SPR]	Ħut demersali	^(a)						
				Beach and boat seine [SB] [SV]	Ħut tal-pinen	^(a)						
Irkaptu ieħor	Irkaptu ieħor	Sajd għall-glass eels	Glass eel	^(a)								
Misc. (Specify)	Misc. (Specify)			^(a)								
Attività oħra minbarra sajd				Attività oħra minbarra sajd								
Inattiv				Inattiv								
Sajd rikreattiv				Esklussivament għal dawn l-ispeċijiet: Merluzz, Sallur	Mhux applikabbli	Il-klassijiet tal-bastimenti kollha flimkien (jekk applikabbli)						

^(a) Kif definit fir-Regolamenti (KEE) Nru 1899/85, (KEE) Nru 1638/87 u fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98, fir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 2056/2001 u (KE) Nru 494/2002 u fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/2008.

^(b) Il-parti miżmuma tal-qabda għandha tkun ikklassifikata skont l-assemblaġġ ta' mira (krustaċċi, ċefalopodi, ħut demersali. eċċ.) fil-livell tal-vjaġġ tas-sajd jew ta' operazzjoni tas-sajd meta jkun possibbli, u tintgħażel skont il-piż u jew skont il-valur totali fil-każ ta' speċijiet ta' valur (eż gambli *Nephrops*). L-assemblaġġ ta' mira li jitlew fl-ewwel post għandu jidher bħala l-assemblaġġ ta' mira li ħandu jkun rappurtat fit-tabella.

^(c) Inkluż is-sallur fl-unitajiet ta' ġestjoni kif speċifikat fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007.

Rimarka:

Fejn ikun rilevanti, għandhom isiru studji pilota biex jiġu stabbiliti l-protokoll għall-monitoraġġ tas-sajd intern għas-sallur.

3) It-Tramuntana tal-Atlantiku (żoni ICES V-XIV u żoni NAFO)

Livell 1	Livell 2	Livell 3	Livell 4	Livell 5	Livell 6	Klassijiet ta' LOA (m)								
Attività	Klassi ta' Rkaptu	Kategorija tal-irkaptu	Tip ta' rkaptu	Mira tas-sajd ^(b)	Daqs tal-malji u rkaptu selettiv ieħor	< 10	10- < 12	12- < 18	18- < 24	24- < 40	40 & +			
L-attività tas-sajd	Ħammiela	Ħammiela	Ħammiela fuq bastiment [DRB]	Molluski	(e)									
			Ħammiela mekkanizzati/tal-ġbid [HMD]	Molluski	(e)									
	Xbieki tat-tkarkir	Xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ	Xibka tat-tkarkir tal-qiegħ bid-diriġenti [OTB]	Molluski	(e)									
				Krostaċji	(e)									
				Ħut demersali	(e)									
				Krustaċji mħallta u ħut demersali	(e)									
				Ċefalopodi mħallta u ħut demersali	(e)									
				Ħut pelaġiku żgħir	(e)									
				L-ispeċijiet tal-baħar fond	(e)									
				Ħut pelaġiċi u demersali mħallta	(e)									
				Speċijiet demersali u tal-fond imħallta	(e)									
				Xibka tat-tkarkir tal-qiegħ bid-diriġenti [OTT]	Molluski	(e)								
					Krostaċji	(e)								
					Ħut demersali	(e)								
			L-ispeċijiet tal-baħar fond		(e)									
			Krustaċji mħallta u ħut demersali		(e)									
			Ħut pelaġiċi u demersali mħallta		(e)									
			Xibka tat-tkarkir tan-nofs tal-par [PTB]	Ħut demersali	(e)									
				Krostaċji	(e)									
				Ħut pelaġiku żgħir	(e)									
			Xibka tat-tkarkir bit-trawli (beam trawl) [TBB]	Krostaċji	(e)									
				Ħut demersali	(e)									
				Krustaċji mħallta u ħut demersali	(e)									
				Ċefalopodi mħallta u ħut demersali	(e)									
			Xbieki tat-tkarkir pelaġiku	Xibka tat-tkarkir tan-nofs fond bid-diriġenti [OTM]	Ħut pelaġiku żgħir	(e)								
					Ħut demersali	(e)								
	Xibka tat-tkarkir tan-nofs tal-par [PTM]	Ħut pelaġiku żgħir		(e)										
		Ħut pelaġiku kbir		(e)										
		Ħut demersali		(e)										
				(e)										

Livell 1	Livell 2	Livell 3	Livell 4	Livell 5	Livell 6	Klassijiet ta' LOA (m)					
						< 10	10 < 12	12 < 18	18 < 24	24 < 40	40 & +
Attività	Klassi ta' Rkaptu	Kategorija tal-irkaptu	Tip ta' rkaptu	Mira tas-sajd ^(b)	Daqs tal-malji u rkaptu selettiv ieħor						
	Snanar u Xolfa	Qasab u Xolfa	Xolfa fuq l-idejn u xolfa fuq il-qasba [LHP] [LHM]	Ħut tal-pinen	(^a)						
				Ċefalopodi	(^a)						
			Xolfa tar-rixa [LTL]	Ħut pelaġiku kbir	(^a)						
		Konzijiet	Konzijiet mit-luqa [LLD]	Ħut pelaġiku kbir	(^a)						
				Ħut demersali	(^a)						
				L-ispeċijiet tal-baħar fond	(^a)						
			Konzijiet fissi [LLS]	L-ispeċijiet tal-baħar fond	(^a)						
				Ħut demersali	(^a)						
	Nases	Nases (^c)	Nases [FPO]	Molluski	(^a)						
				Krostaċji	(^a)						
L-għadd ta' intrapriżi	L-għadd ta' intrapriżi	Skont il-kategorija tad-daqs fejn l-għadd ta' persuni impjegati huwa: (SBS 16.11.0) huwa: 1. ≤ 5 2. 6-10 3. > 10	Numru	11 11 0	

⁽¹⁾ Jinkludi ħlasijiet diretti, eż. kumpens għall-waqfien mill-kummerċ, rifużjonijiet tad-dazju fuq il-karburant jew ħlasijiet ta' kumpens simili f'ammonti sħaħ; jeskludi ħlasijiet ta' benefiċċji soċjali u sussidji indiretti, eż dazju mnaqqas fuq inputs bħall-fjuwil jew sussidji fuq l-investment.

⁽²⁾ Inklużi l-ispejjeż tas-sigurtà soċjali.

⁽³⁾ Il-metodoloġija magħżula għandha tiġi spjegata mill-Istat Membru fil-Programm Nazzjonali tiegħu.

⁽⁴⁾ L-ispejjeż tal-imbaggħ huma inklużi fl-ispejjeż operattivi.

⁽⁵⁾ Il-metodoloġija magħżula għandha tiġi spjegata mill-Istat Membru fil-Programm Nazzjonali tiegħu.

⁽⁶⁾ ESA tirreferi għas-Sistema Ewropea tal-Kontijiet 1995 (Regolament (KE) Nru 2223/96, Regolament (KE) Nru 1267/2003. Manwal tal-Eurostat ESA 1995).

⁽⁷⁾ L-ispejjeż tal-interessi tal-kapital; interess fuq il-bonds nazzjonali ta' 5 snin mill-Gvernijiet jistgħu jintużaw bħala prokura għall-ispejjeż finanzjarji.

⁽⁸⁾ Fi tmiem is-sena.

⁽⁹⁾ Xiri u Bejgħ ta' assi matul is-sena.

⁽¹⁰⁾ Fi tmiem is-sena fiskali.

⁽¹¹⁾ Il-varjabbli għall-volum tal-materja prima għandu jikkorrispondi għall-varjabbli fuq l-ispiża tal-materja prima.

⁽¹²⁾ Il-varjabbli għall-volum tal-produzzjoni għandu jikkorrispondi għall-varjabbli fuq il-valur tal-fatturat.

⁽¹³⁾ Il-fatturi ta' konverżjoni minn-numri għal tunnellati għandhom jiġu ddikarati fil-Programm Nazzjonali.

⁽¹⁴⁾ L-FTE Nazzjonali huwa l-għadd ta' ekwivalenti full-time smat mil-limitu nazzjonali.

⁽¹⁵⁾ Fakultattiva.

Taqsim tas-setturi li għandu jiġi applikat għall-ġbir tad-dejta dwar l-akkwakultura

	Tekniki tal-akkwakultura għall-molluski u l-krostaċġi ⁽¹⁾				Impjanti fuq l-art ⁽¹⁾			
	Gaġeġ			Mfaqas u Nurseries ⁽²⁾				
	On growing	Kombinati ⁽³⁾	Gaġeġ ⁽⁴⁾	Rafts	Long line	Bottom ⁽⁵⁾	Oħrajn	Salamun
Salamun								
Trota								
Spnott u Sparidae								
Karpjuni								
Ħut ieħor tal-ilma ħelu								
Ħut ieħor tal-baħar								
Masklu (Mussel)								
Gajdri								
Gandoffli								
Molluski u krostaċġi oħra								

⁽¹⁾ L-impriżi għandhom ikunu mqasma skont it-teknika ewlenija tagħhom tal-akkwakultura.

⁽²⁾ L-imfaqas u n-nurseries huma ddefiniti bħala postijiet għat-tgħammir, tifqis u kultivazzjoni matul l-istadji bikrija tal-ħajja tal-annimali akkwatiċi. Għal finijiet statistiċi, l-imfaqas huma limitati għall-produzzjoni tal-bajd fertilizzat. Stadji bikrija oħra tal-annimali akkwatiċi jitqiesu li ġew prodotti fin-nurseries. Meta l-imfaqas u n-nurseries ikunu assoċjati mill-qrib l-istatistika għandha tirreferi biss għall-aħħar stadju bikri prodott. (COM(2006) 864 tat-19 ta' Lulju 2007).

⁽³⁾ Ikkombinat kif definit f'impriżi li juża l-imfaqas, nurseries u tekniki on growing.

⁽⁴⁾ Gaġeġ huma definiti bħala strutturi b'ħitan magħluqa, li għandhom saqaf, jew li m'għandhomx, u li jkunu mibnija minn xbieki, malji jew kwalunkwe materjal poruż li jippermetti t-tibdil naturali tal-ilma. Dawn l-istrutturi jistgħu jkunu jgħumu fil-wieċ, imdendlin jew imwahrhin mal-qiegħ, iżda xorta jippermettu l-bdil tal-ilma minn taħt. (COM(2006) 864 tat-19 ta' Lulju 2007).

⁽⁵⁾ Tekniki "tal-qiegħ" ikopru l-akkwakultura tal-molluski u l-krostaċġi f'żoni milħuqa mill-marea (direttament fuq l-art, inkella maqtugħa mill-art).

Appendiċi XII

Lista ta' varjabbli ekonomiċi għas-settur tal-ipproċessar

Grupp ta' varjabbli	Varjabbli	L-ispeċifikazzjoni	Unità	Definizzjoni Negozju Strutturali Statistika (SBS) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2700/98	Linji gwida
Dħul	Fatturat		EUR	12 11 0	
	Sussidji ⁽¹⁾		EUR		
	Dħul ieħor		EUR		
Spejjeż tal-persunal	Il-pagi u s-salarji tal-istaff ⁽²⁾		EUR	13 31 0	
	Valur attribwit tax-xogħol bla hłas ⁽³⁾		EUR		
L-ispejjeż tal-enerġija	L-ispejjeż tal-enerġija		EUR	20 11 0	SBS 13 11 0
Spejjeż tal-materja prima	Ix-xiri tal-ħut u materja prima oħra għall-produzzjoni		EUR		SBS 13 11 0
Spejjeż operattivi oħra	Spejjeż operattivi oħra ⁽⁴⁾		EUR		SBS 13 11 0
Spejjeż kapitali ⁽⁵⁾	Deprezzament tal-kapital		EUR		ESA ⁽⁶⁾ 6.02. sa 6.05.
	Spejjeż finanzjarji, nett ⁽⁷⁾		EUR		
Spejjeż straordinarji, nett	Spejjeż straordinarji, nett		EUR		
Valur kapitali ⁽⁸⁾	Valur totali tal-assi		EUR	43 30 0	ESA 7.09. sa 7.24
Investimenti Netti	Investimenti Netti ⁽⁹⁾		EUR	15 11 0	ESA 3.102. sa 3.111.
				15 21 0	
Dejn ⁽¹⁰⁾	Dejn		EUR		
Impjegati	L-għadd ta' persuni impjegati	Skont is-Sess	Numru	16 11 0	
	FTE Nazzjonali ⁽¹¹⁾	Skont is-Sess ⁽¹²⁾	Numru	16 14 0	

Grupp ta' varjabbli	Varjabbli	L-ispeċifikazzjoni	Unità	Definizzjoni Negozju Strutturali Statistika (SBS) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2700/98	Linji gwida
L-għadd ta' intrapriżi	L-għadd ta' intrapriżi	Skont il-kategorija tad-daqs fejn l-għadd ta' persuni impjegati (16.11.0) huwa: 1. ≤ 10 2. 11-49 3. 50-249 4. > 250	Numru	11 11 0	

⁽¹⁾ Jinkludi ħlasijiet diretti. Jeskludi ħlasijiet għal benefiċċji soċjali u sussidji indiretti.

⁽²⁾ Inklużi l-ispejjeż tas-sigurtà soċjali.

⁽³⁾ Il-metodoloġija maġħżula għandha tiġi spjegata mill-Istat Membru fil-Programm Nazzjonali tiegħu.

⁽⁴⁾ L-ispejjeż tal-imballaġġ huma inklużi fl-ispejjeż operattivi.

⁽⁵⁾ Il-metodoloġija maġħżula għandha tiġi spjegata fil-Programm Nazzjonali.

⁽⁶⁾ ESA tirreferi għas-Sistema Ewropea tal-Kontijiet 1995 (Regolament (KE) Nru 2223/96, Regolament (KE) Nru 1267/2003, Manwal tal-Eurostat ESA 1995).

⁽⁷⁾ L-ispejjeż tal-interessi tal-kapital; interess fuq il-bonds nazzjonali ta' 5 snin mill-Gvernijiet jistgħu jintużaw bħala prokura għall-ispejjeż finanzjarji.

⁽⁸⁾ Valur totali akkumulat tal-investimenti netti kollha fl-impriża fi tmiem is-sena.

⁽⁹⁾ Xiri u Bejgħ ta' assi matul is-sena.

⁽¹⁰⁾ Fi tmiem is-sena.

⁽¹¹⁾ Il-metodoloġija għandha tkun kif diskuss fir-rapport tal-Istudju FISH/2005/14, "LEI WAGENINGENUR Co-ordinator, 2006. Calculation of labour including full-time equivalent (FTE) in fisheries Study N° FISH/2005/14, p.142] (Kalkolu tal-ħidma inkluż l-ekwivalent ta' xogħol full-time (FTE) fis-sajd, Studju Nru FISH/2005/14. p.142")

⁽¹²⁾ Fakultattiva.

Definizzjoni ta' indikaturi ambjentali biex jitkejlu l-effetti tas-sajd fuq l-ekosistema tal-baħar

L-ispeċifikazzjoni tal-kodiċi	Indikatur (*)	Definizzjoni	Id-dejta meħtieġa	Livell ta' preċiżjoni
1	Status ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet tal-ħut	Indikatur tal-bijodiversità li għandu jintuża għax-xejriet tas-sintetizzar, il-valutazzjoni u r-rappurtar fil-bijodiversità tal-ispeċijiet tal-ħut vulnerabbli	Speċi, tul u abbondanza minn sħarriġ indipendenti mis-sajd għar-reġjun rilevanti tal-baħar. Rappurtar preċiż ta' dawn l-indikaturi jesiġi li l-ispeċijiet kollha li jikkontribwixxu għall-indikatur ikunu identifikati b'mod konsistenti u affidabbli. Il-qabdi għall-istħarriġ għandu jkun kompletament magħżul (u mhux "sub-sampled") sabiex jiġi żgurat li l-individwi kollha ta' kull speċi li tikkontribwixxi għall-indikatur jkunu rreġistrati. Is-subsampling huwa permess għall-kejl tat-tul, fejn ġustifikat kif xieraq.	L-istħarriġ tar-riċerka għandu jkopri l-ogħla proporzjon tar-reġjun tal-baħar matul l-itwal perjodu ta' żmien disponibbli. L-indikatur ikun speċifiku għall-istħarriġ. Il-metodi jesiġu li l-istħarriġ isir annwalment fl-istess żona b' irkaptu standard.
2	Proporzjon ta' ħut kbir	Indikatur għall-proporzjon ta' ħut kbir skont il-piż fl-assemblaġġ, li jirrifletti l-istruttura tad-daqs u l-kompożizzjoni storika tal-komunità tal-ħut.		
3	Tul massimu medju tal-ħut	Indikatur għall-kompożizzjoni storika tal-komunità tal-ħut		
4	Daqs tal-ħut matur għall-ispeċijiet sfruttati	Indikatur tal-"effetti ġenetiċi" potenzjali fuq popolazzjoni	Kejl individwali ta' età, tul, sess u maturità minn sħarriġ indipendenti mis-sajd għar-reġjun rilevanti tal-baħar.	Għallinqas 100 individwu għal kull klassi ta' età, iżda aktar ma jkun hemm ħut, aktar ikun b'saħħtu dan l-indikatur.
5	Tqassim tal-attivitajiet tas-sajd	Indikatur tal-firxa spazjali tal-attività tas-sajd. Ikun irrappurtat flimkien mal-indikatur għal "Aggregazzjoni tal-attività tas-sajd".	Dejta dwar il-pożizzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bastiment abbażi tal-VMS Disponibbli fi żmien xagħrejn minn meta jaslu r-rapporti dwar il-pożizzjonament, bil-pożizzjonijiet kollha marbuta mal-livell 6 għall-klassifika tal-mestieri (Ara l-Appendiċi IV (1-5)). Dan ma jinkludix bastimenti ta' inqas minn 15-il m.	Preferenza għar-rapporti dwar il-pożizzjoni kull nofs siegħa.
6	Aggregazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd	Indikatur ta' kemm l-attività tas-sajd hija aggregata. Ikun irrappurtat flimkien mal-indikatur għal "Tqassim tal-attività tas-sajd".		
7	Żoni mhux affettwati minn irkaptu mobbli tal-qiegħ	Indikatur tal-erja ta' qiegħ il-baħar li ma ntaqitx minn irkaptu mobbli tas-sajd matul is-sena li għaddiet. Jirrispondi għat-tibdiliet fit-tqassim tal-attività tas-sajd tal-qiegħ li tirriżulta mill-kontrolli tal-qabdi, kontrolli tal-isforzi jew miżuri tekniċi (inklużi MPA stabbiliti b'appoġġ għal-leġislazzjoni ta' konservazzjoni) u għall-iżvlupp ta' kwalunkwe attivitajiet oħra tal-bniedem li jirriżultaw f'ċaqliq tal-attività tas-sajd (eż. wind farms).		

L- ispeċifikazzjo- ni tal-kodiċi	Indikatur ^(*)	Definizzjoni	Id-dejta meħtieġa	Livell ta' preċiżjoni
8	Rati tar-rimi ta' speċijiet sfruttati kummerċjalment	Indikatur tar-rata tar-rimi lura ta' speċijiet sfruttati kummerċjalment fir-rigward tal-ħatt l-art.	Speċi, tul u abbondanza tal-qabdiet u r-rimi lura abbażi ta' ġurnali ta' abbord u żjarat ta' osservatruvi rispettivament li jiġu pproċessati b'mod separat, id-dejta ekonomika kif stabbilita minn din id-Deċiżjoni. Dejta marbuta mal-livell 6 għall-klas-sifika tal-mestier (ara l-Appendiċi IV (1-5)).	Kif speċifikat f'dan il-Programm Komunitarju għar-rimi lura
9	Effiċjenza tal-fjuwil għall-qbid tal-ħut	Indikatur tar-relazzjoni bejn il-konsum tal-fjuwil u l-valur tal-qabda mtella' l-art. Jipprovdni informazzjoni dwar ix-xejriet fl-effiċjenza tal-fjuwil ta' sajd differenti.	Il-valur tal-ħatt l-art u l-ispiża tal-fjuwil. Valur ikkalkulat bħala l-prodott tal-ħatt l-art skont l-ispeċijiet u l-prezzijiet. Spiża tal-fjuwil kif definita f'dan il-Programm Komunitarju. L-indikatur jiġi kkalkulat għal kull mestier abbażi tal-livell 6 għall-klas-sifika tal-mestier (ara l-Appendiċi IV (1-5)) skont ir-reġjun, il-kwart u s-sena.	Kif speċifikat f'dan il-Programm Komunitarju.

(*) Ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni (SEC 2008/449) għall-ispeċifikazzjoni u l-kalkolu tal-indikaturi.

ORJENTAZZJONIJIET

BANK ĊENTRALI EWROPEW

LINJA TA' GWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-11 ta' Settembru 2008

fuq il-ġbir ta' dejta dwar l-euro u l-operazzjoni tal-Currency Information System 2

(BĊE/2008/8)

(2008/950/KE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 106(1) u (2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn hawn 'il quddiem l-"Istatut"), u partikolarment l-Artikoli 5 u 16 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 106(1) tat-Trattat u l-Artikolu 16 tal-Istatut tas-SEBĊ jipprovdu li l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għandu d-dritt esklussiv li jawtorizza l-ħruġ tal-karti tal-flus euro fi ħdan il-Komunità.
- (2) L-Artikolu 106(2) tat-Trattat jipprovdi li l-Istati Membri jistgħu joħorġu muniti suġġett għall-approvazzjoni mill-BĊE tal-volum tal-ħruġ. Għalhekk, il-BĊE jadotta deċiżjonijiet ta' kull sena li japprovaw l-volum ta' ħruġ ta' muniti mill-Istati Membri li adottaw l-euro (minn hawn 'il quddiem l-"Istati Membri parteċipanti").
- (3) L-Artikolu 5 tal-Istatut tas-SEBĊ jipprovdi li biex ikun jista' jwettaq il-kompiti tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) il-BĊE, assistit mill-banek ċentrali nazzjonali, għandu jiġbor it-tagħrif statistiku meħtieġ, li jinkludi tagħrif statistiku fil-qasam tal-ħruġ ta' karti tal-flus u muniti euro. Ukoll, il-BĊE għandu b'zonn jiġbor tagħrif għall-iskop tal-Artikolu 237(d) tat-Trattat, li jagħti l-kompitu lill-BĊE li jimmonitorja l-osservanza tal-banek ċentrali nazzjonali tas-SEBĊ tal-obbligi tagħhom taħt it-Trattat u l-Istatut. Dawn l-obbligi jinkludu l-osservanza tal-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 101 tat-Trattat u li ġiet implimentata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3603/93 tat-13 ta' Diċembru 1993 li jstabbilixxi

definizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-projbizzjonijiet imsemmijin fl-Artikoli 104 u 104b(1) tat-Trattat⁽¹⁾. Partikolarment, l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3603/93 jipprovdi li "ż-żamma mill- [...] banek ċentrali nazzjonali ta' muniti maħruġa mis-settur pubbliku u akkreditati lis-settur pubbliku m'għandhomx jitqiesu bħala faċilità ta' kreditu fit-tifsira tal-Artikolu 104 tat-Trattat fejn l-ammonti ta' dawn l-effetti jibqgħu inqas minn 10 % tal-muniti fiċ-ċirkulazzjoni".

- (4) Bla ħsara għall-kompetenzi tal-Istati Membri għar-rigward tal-ħruġ ta' muniti euro, u meta jitqies ir-rwol essenzjali tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri parteċipanti (minn hawn 'il quddiem il-"BĊNi") fid-distribuzzjoni tal-muniti euro, biex iwettqu l-kompiti deskritti hawn fuq, il-BĊE, flimkien mal-BĊNi għandhom b'zonn jiġbru dejta dwar karti tal-flus u muniti euro. Dan il-ġbir ta' dejta għandu jħaffef it-teħid ta' deċiżjonijiet fil-qasam tal-ħruġ ta' karti tal-flus u muniti euro, eż. billi jipprovdi lill-BĊE, il-BĊNi, il-Kummissjoni tal-Komunità Ewropea u l-awtoritajiet nazzjonali li joħorġu l-muniti b'tagħrif li jgħin-hom, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom: (i) jippjanaw il-produzzjoni ta' karti tal-flus u muniti tal-euro; (ii) jikkoordinaw il-ħruġ ta' karti tal-flus u muniti tal-euro; u (iii) jikkoordinaw it-trasferiment tal-karti tal-flus euro bejn BĊNi, u tal-muniti euro bejn l-Istati Membri parteċipanti. Dan il-ġbir ta' dejta għandu wkoll jgħin lill-BĊE li jimmonitorja l-osservanza tad-deċiżjonijiet tiegħu fil-qasam tal-ħruġ tal-karti tal-flus u muniti euro.
- (5) Fis-16 ta' Diċembru 2004, il-Kunsill Governattiv adotta qafas għar-riċiklaġġ tal-karti tal-flus (BRF), it-Taqsima 2.7 tiegħu tipprovdi għal istituzzjonijiet ta' kreditu u kaxxiera professjonali oħra biex iwettqu l-obbligi ta'

⁽¹⁾ ĠUL 332, 31.12.1993, p. 1.

rappurtar lil BĊNi. Fl-istess kuntest, ġie deċiż ukoll li BĊNi għandhom jimplimentaw il-BRF skont il-mezzi tagħhom, bħal strumenti u ftehim legali, sal-aħħar tal-2006, limitu ta' żmien li kien ġie sussegwentement estiż b'deċiżjonijiet ta' wara tal-Kunsill Governattiv. Iżda mhux aktar tard mid-data tal-implimentazzjoni tal-BRF, il-BĊNi għandhom jirċievu dejta rappurtata bis-saħħa tal-BRF minn istituzzjonijiet ta' kreditu u kaxxiera professjonali oħra fil-ġurisdizzjonijiet tagħhom u jkunu f'pożizzjoni li jirrapurtawhom lill-BĊE.

- (6) Biex jintlaħqu l-oġġettivi msemmija hawn fuq, id-dejta fuq il-karti tal-flus u muniti euro għandha tinkludi tagħrif dwar: (i) il-ħruġ ta' karti tal-flus u muniti euro; (ii) il-kwantità u l-kwalità ta' karti tal-flus u muniti euro fiċ-ċirkolazzjoni; (iii) l-istokks ta' karti tal-flus u muniti euro miżmuma mill-entitajiet involuti fil-ħruġ tagħhom; (iv) attivitajiet operazzjonali dwar il-karti tal-flus u muniti euro tal-entitajiet involuti fil-ħruġ tagħhom, inklużi istituzzjonijiet ta' kreditu li joperaw skema ta' karti tal-flus miżmuma għal ordni fisem il-BĊN u istituzzjonijiet ta' kreditu li joperaw programm estiż ta' kustodja ta' inventarju fisem il-BĊE u wieħed jew iktar BĊNi; (v) l-attivitajiet operazzjonali dwar il-karti tal-flus ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u kaxxiera professjonali oħra li jirriċiklaw il-karti tal-flus euro bis-saħħa tal-BRF; u (vi) l-infrastruttura tal-flus kontanti.
- (7) Biex jitjieb il-ġbir ta' dejta u biex jiġi żgurat it-tixrid ta' tagħrif ibbażat fuqhom, fit-22 ta' Novembru 2007 il-Kunsill Governattiv qabel li jimplimenta il-Currency Information System 2 (minn hawn 'il quddiem, is-"CIS 2") li tibdel il-Currency Information System li kienet stabbilita bl-introduzzjoni tal-karti tal-flus u muniti euro u li pprovdiet kemm lill-BĊE u l-BĊNi bid-dejta relevanti dwar il-valuta mill-2002, skont att legali separat tal-BĊE dwar il-ġbir ta' dejta relatat mal-Currency Information System.
- (8) Hu neċessarju għall-operazzjoni effiċjenti u bla diffikultajiet tas-CIS 2 li tiġi żgurata d-disponibbiltà regolari u f'waqtha ta' dejta konsistenti. L-obbligi ta' rappurtar tal-BĊNi u tal-BĊE għalhekk għandhom jiġu mniżżla f'din il-Linja ta' Gwida b'dispożizzjoni għal perijodu qasir ta' rappurtar parallel taħt l-arranġamenti eżistenti u s-CIS 2.
- (9) Il-Linja ta' Gwida BĊE/2006/9 tal-14 ta' Lulju 2006 dwar ċerti preparazzjonijiet għat-tibdil tal-flus kontanti euro u dwar il-*frontloading* u s-*subfrontloading* tal-karti tal-flus u muniti euro barra ż-żona tal-euro ⁽¹⁾ stabbiliet qafas legali li jħalli lil BĊN tal-Eurosistema futur jissellef, jikseb jew jipproduċi karti tal-flus u muniti euro għall-iskop tal-*frontloading* u s-*subfrontloading* tiegħu qabel il-bdil tal-flus

kontanti fl-Istat Membru tiegħu. Il-Linja ta' Gwida BĊE/2006/9 tippovdi li obligazzjonijiet speċifiċi ta' rappurtar japplikaw għal dawn il-BĊNi tal-Eurosistema futuri, li għandhom bżonn jiġu speċifikati f'dettall ikbar fil-kuntest tas-CIS 2.

- (10) Kemm il-BĊE u l-BĊNi li jużaw is-CIS 2 għandu jkollhom aċċess għall-applikazzjoni tas-CIS 2 bażata fuq il-web u għall-modulu ta' rappurtar li jiżgura użu effiċjenti u effettiv tad-dejta tas-CIS 2 u biex jinkiseb livell għoli ta' trasparenza. Terzi persuni eliġibbli għandu jingħatalhom aċċess limitat għad-dejta tas-CIS 2 biex jitjieb il-fluss ta' tagħrif bejn il-BĊE u l-Kummissjoni Ewropea kif ukoll il-BĊNi u l-awtoritajiet nazzjonali li joħroġu l-muniti.
- (11) Billi s-CIS 2 hija sistema flessibbli għat-tħaddim ta' dejta ġdida, huwa neċessarju li tiġi stabbilita proċedura simplifikata biex timplimenta b'mod effiċjenti emendi tekniċi għall-Annessi għal din il-Linja ta' Gwida. Barra dan, minħabba n-natura teknika tagħha, għandu jkun possibbli li jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tal-mekkaniżmu ta' trażmissjoni tas-CIS 2 billi tintuża l-istess proċedura simplifikata. Għalhekk, il-Bord Eżekuttiv għandu jiġi ddelegat bil-poteri li jagħmel ċerti emendi għal din il-Linja ta' Gwida u għall-Annessi tagħha u għandu jinforma lill-Kunsill Governattiv b'dawn l-emendi.
- (12) Wara d-deċiżjoni pożittiva meħuda mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-abrogazzjoni tad-deroga għas-Slovakkja fit-8 ta' Lulju 2008, u skont l-Artikolu 3.5 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Gvernatur tan-Národná banka Slovenska ġie mistieden josserva id-deliberazzjonijiet relevanti tal-Kunsill Governattiv dwar din il-Linja ta' Gwida,

ADOTTA DIN IL-LINJA TA' GWIDA:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

1. Għall-għanijiet ta' din il-Linja ta' Gwida:
- (a) "qafas tar-riċiklaġġ tal-karti tal-flus" (BRF) ifisser il-qafas għar-riċiklaġġ tal-karti tal-flus stabbilit fid-dokument imsejjaħ "Riċiklaġġ ta' karti tal-flus euro: qafas għall-iskoperta ta' karti tal-flus u muniti ffalsifikati u għażla għal kundizzjoni minn istituzzjonijiet ta' kreditu u kaxxiera professjonali oħra" adottat mill-Kunsill Governattiv fis-16 ta' Diċembru 2004 u ppublikat fuq il-website tal-BĊE fis-6 ta' Jannar 2005, kif modifikat minn żmien għal żmien, kif ukoll id-dokumenti relatati mal-iskadenzi għall-implimentazzjoni fuq livell nazzjonali;

(1) ĠUL 207, 28.7.2006, p. 39.

- (b) "istituzzjoni ta' kreditu" tfisser istituzzjoni ta' kreditu kif definita fl-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar l-istabbiliment u l-eżerċizzju tal-attività ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (1);
- (c) "CIS 2" tfisser is-sistema li tinkludi: (i) id-*database* ċentrali installata fil-BĊE biex iżżomm it-tagħrif relevanti kollu dwar il-karti tal-flus euro, il-muniti euro, l-infrastrutturi ta' flus kontanti u l-BRF li jkunu nġabru skont din il-Linja ta' Gwida; (ii) l-applikazzjoni *online* bbażata fuq il-web li tħalli konfigurazzjoni flessibbli tas-sistema u tipprovdi tagħrif dwar it-tqassim tad-dejta u l-istatus tal-validazzjoni, reviżjonijiet u tipi differenti ta' dejta ta' referenza u parametri tas-sistema; (iii) il-modulu tar-rappurtar għal aċċess u l-analiżi tad-dejta miġbura; u (iv) il-mekkaniżmu tat-trażmissjoni tas-CIS 2;
- (d) "*frontloading*" tfisser it-trasferiment fiżiku ta' karti tal-flus u muniti euro minn BĊN tal-Eurosistema futur lil kontrapartijiet eliġibbli fit-territorju ta' xi Stat Membru parteċipanti futur matul il-perijodu tal-*frontloading/sub-frontloading*;
- (e) "*sub-frontloading*" tfisser it-trasferiment ta' karti tal-flus u muniti euro kkonsenjati minn kontraparti eliġibbli lil terzi persuni professjonali fit-territorju ta' xi Stat Membru parteċipanti futur matul il-perijodu tal-*frontloading/sub-frontloading*. Għall-għanijiet ta' din il-Linja ta' Gwida *sub-frontloading* jinkludi l-provvista ta' muniti euro fi starter kits lill-pubbliku ġenerali;
- (f) "BĊN tal-Eurosistema futur" tfisser il-bank ċentrali nazzjonali ta' xi Stat Membru parteċipanti futur;
- (g) "terzi persuni eliġibbli" tfisser il-Kummissjoni Ewropea, it-teżor, iż-żekek u l-aġenziji pubbliċi jew privati mah-tura tat-teżor nazzjonali ta' Stati Membri parteċipanti;
- (h) "mekkaniżmu tat-trażmissjoni CIS 2" tfisser l-applikazzjoni tas-SEBĊ XML Data Integration (EXDI). L-applikazzjoni EXDI tintuża biex jiġu trażmessi messaġġi ta' dejta bejn BĊNi, BĊNi tal-Eurosistema futuri u l-BĊE b'mod kunfidenzjali, indipendentement mill-infrastruttura teknika (eż. networks tal-kompjuter u applikazzjonijiet tas-software) li tissupporthom;
- (i) "messaġġ tad-dejta" tfisser fajl li fih dejta ta' kull xahar jew ta' nofs sena ta' BĊN jew BĊN tal-Eurosistema futur għal perijodu ta' rappurtar wieħed jew, fil-każ ta' reviżjonijiet, wieħed jew diversi perijodi ta' rappurtar f'format ta' dejta kompatibbli mal-mekkaniżmu tat-trażmissjoni CIS 2;
- (j) "Stat Membru parteċipanti futur" tfisser Stat Membru mhux parteċipanti li ssodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti għall-adozzjoni tal-euro u li dwaru tkun ittiedet deċiżjoni dwar l-abrogazzjoni tad-deroga (bis-saħħa tal-Artikolu 122 (2) tat-Trattat);
- (k) "jum ta' xogħol" tfisser jum li fih kemm il-BĊE kif ukoll BĊN li jirraporta huma miftuħa għan-negozju;
- (l) "dejta ta' kontabbiltà" tfisser il-valur mhux aġġustat ta' karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni korretti bl-ammont ta' klejms mhux imħallsa fil-konfront ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li joperaw programm estiż ta' kustodja tal-inventarju fit-tmiem ta' perijodu ta' rappurtar skont l-Artikolu 10(2)(a) u (b) tal-Linja ta' Gwida BĊE/2006/16 tal-10 ta' Novembru 2006 dwar il-qafas legali għar-rappurtar tal-kontabbiltà u dak finanzjarju fis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (2);
- (m) "għrajja ta' dejta" tfisser għrajja reġistrata fis-CIS 2 li tikkawża n-notifika mis-CIS 2 lil wieħed jew iktar BĊNi u lill-BĊE. Għrajja ta' dejta sseħħ: (i) meta BĊN jibgħat messaġġ ta' dejta ta' xahar jew ta' nofs sena lis-CIS 2 li jikkawża messaġġ ta' risposta lil dak il-BĊN u lill-BĊE; (ii) meta l-messaġġi ta' dejta tal-BĊNi kollha jiġu vvalidati b'suċċess għal perijodu ġdid ta' rappurtar li jikkawża messaġġ fuq rapport tal-istatus mis-CIS 2 lill-BĊNi u lill-BĊE; jew (iii) meta, wara li jintbghat messaġġ fuq rapport tal-istatus, messaġġ ta' dejta rivedut għal BĊN huwa vvalidat b'suċċess mis-CIS 2 li jikkawża notifika riveduta lill-BĊNi u lill-BĊE.

2. Kliem tekniku użat fl-Annessi għal din il-Linja ta' Gwida huma definiti fil-Glossarju anness.

Artikolu 2

Ġbir ta' dejta relatat mal-karti tal-flus euro

1. Il-BĊNi għandhom jirrapurtaw lill-BĊE d-dejta tas-CIS 2 relatata mal-karti tal-flus euro, i.e. il-partiti tad-dejta speċifikati fit-Taqsimiet 1 sa 4 fit-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I kull xahar, waqt li josservaw ir-regoli ta' riżerva speċifikati fil-Parti 3 tal-Anness 1.

2. Il-BĊNi għandhom jittrażmettu d-dejta identifikata bħala dejta tal-kategorija 1 u dejta mmexxija minn għrajja fl-Anness V relatati mal-karti tal-flus euro mhux aktar tard mis-sitt jum ta' xogħol tax-xahar ta' wara l-perijodu ta' rappurtar.

3. Il-BĊNi għandhom jittrażmettu d-dejta identifikata bħala dejta tal-kategorija 2 fl-Anness V relatata mal-karti tal-flus euro mhux aktar tard mill-għaxar jum ta' xogħol tax-xahar ta' wara l-perijodu ta' rappurtar.

4. L-ewwel trażmissjoni ta' dejta relatata mal-karti tal-flus euro għandha sseħħ f'Ottubru 2008.

(1) ĠUL 177, 30.6.2006, p. 1.

(2) ĠUL 348, 11.12.2006, p. 1.

5. Il-BĊNi għandhom jużaw il-mekkaniżmu ta' trażmissjoni CIS 2 biex jittrażmettu d-dejta relatata mal-karti tal-flus euro lill-BĊE skont din il-Linja ta' Gwida.

Artikolu 3

Ġbir ta' dejta relatat mal-muniti euro

1. Il-BĊNi għandhom jiġbru d-dejta tas-CIS 2 relatata mal-muniti euro, i.e. id-dejta speċifikata fit-Taqsimiet 1 sa 5 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness II, mit-terzi persuni eliġibbli rilevanti involuti fil-ħruġ ta' muniti euro fl-Istati Membri tagħhom.

2. Il-BĊNi għandhom jirrapportaw lill-BĊE d-dejta tas-CIS 2 relatata mal-muniti euro, i.e. il-partiti tad-dejta speċifikati fit-Taqsimiet 1 sa 6 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness II kull xahar, waqt li josservaw ir-regoli ta' riżerva speċifikati fil-Parti 3 tal-Anness II.

3. Ir-rekwiżiti tal-Artikolu 2(2) sa (5) għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għat-trażmissjoni ta' dejta relatata mal-muniti euro msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 4

Ġbir ta' dejta relatat mal-infrastruttura ta' flus kontanti u l-BRF

1. Il-BĊNi għandhom jipprovdu lill-BĊE bid-dejta relatata mal-infrastruttura tal-flus kontanti, kif speċifikat fl-Anness III, fuq bażi ta' kull sitt xhur.

2. Għall-ewwel darba fid-dati msemmijin fil-paragrafu 7 u wara fuq bażi ta' kull sitt xhur, il-BĊNi għandhom jipprovdu lill-BĊE bid-dejta relatata mal-BRF, kif speċifikat fl-Anness III. Id-dejta pprovduta lill-BĊE għandha tkun ibbażata fuq id-dejta li BĊNi rnexxielhom jiksbu minn istituzzjonijiet ta' kreditu u kaxxiera professjonali oħra skont it-Taqsima 2.7 tal-BRF u d-dokument msejjaħ "Ġbir ta' dejta minn istituzzjonijiet ta' kreditu u kaxxiera professjonali oħra skont il-Qafas għar-riċiklaġġ tal-karti tal-flus" (¹).

3. Il-BĊNi għandhom jużaw il-mekkaniżmu ta' trażmissjoni CIS 2 biex jittrażmettu d-dejta relatata mal-infrastruttura tal-flus kontanti u l-BRF imsemmijin fil-paragrafi 1 u 2.

4. Kull sena, sa mhux aktar tard mis-sitt jum ta' xogħol ta' Ottubru, il-BĊNi għandhom jittrażmettu d-dejta msemmija fil-paragrafi 1 u 2 dwar il-perijodu ta' rappurtar minn Jannar sa Ġunju ta' dik is-sena.

5. Kull sena, sa mhux aktar tard mis-sitt jum ta' xogħol ta' April, il-BĊNi għandhom jittrażmettu d-dejta msemmija fil-paragrafi 1 u 2 dwar il-perijodu ta' rappurtar minn Lulju sa Diċembru tas-sena ta' qabel.

(¹) Kif ippubblikat fuq il-website tal-BĊE f'Jannar 2006.

6. L-ewwel trażmissjoni ta' dejta relatata mal-infrastruttura ta' flus kontanti, i.e. il-partiti tad-dejta speċifikati fit-Taqsimiet 1.1 sa 1.4, 2.1 u 2.3 sa 2.6 tat-tabella fl-Anness III, għandha sseħħ f'Ottubru 2008.

7. L-ewwel trażmissjoni ta' dejta relatata mal-BRF, i.e. il-partiti tad-dejta speċifikati fit-Taqsimiet 2.2, 2.7 sa 2.10 u 3 tat-tabella fl-Anness III, għandha sseħħ kif ġej:

- (a) f'Ottubru 2008 għan-Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique, id-Deutsche Bundesbank, il-Banque centrale du Luxembourg, id-De Nederlandsche Bank, l-Oesterreichische Nationalbank u s-Suomen Pankki;
- (b) f'Ottubru 2009 għall-Banka Slovenije;
- (c) f'Ottubru 2010 għall-Banque de France, is-Central Bank of Cyprus u l-Bank Ċentrali ta' Malta; u
- (d) f'Ottubru 2011 għall-Bank of Greece, il-Banco de España, il-Banca d'Italia, is-Central Bank and Financial Services Authority of Ireland u l-Banco de Portugal.

Artikolu 5

Ġbir ta' dejta minn BĊNi tal-Eurosistema futuri relatata mat-tibdil tal-flus kontanti euro tagħhom

1. Il-BĊN għandu jinkludi fl-arranġamenti kontrattwali li jikkonkludi ma' BĊN tal-Eurosistema futur bis-saħħa tal-Artikolu 3 (3) tal-Linja ta' Gwida BĊE/2006/9, dispożizzjoniet speċifiċi li jinvolvu li minbarra l-obbligi ta' rappurtar stabbiliti f'dik il-Linja ta' Gwida, il-BĊN tal-Eurosistema futur għandu jirraporta lill-BĊE fuq bażi ta' kull xahar il-partiti tad-dejta speċifikati fit-Taqsimiet 4 u 5 tat-tabella fl-Anness I u Taqsimiet 4 u 7 tat-tabella fl-Anness II, waqt li josserva *mutatis mutandis* ir-regoli ta' riżerva speċifikati fil-Parti 3 tal-Anness I u fil-Parti 3 tal-Anness II, relatati mal-karti tal-flus u/jew muniti euro li jissellef minn u li ġew ikkonsenjati lilu minn BĊN. Fejn BĊN tal-Eurosistema futur ma kkonkludix dawn l-arranġamenti kontrattwali ma' BĊN, il-BĊE għandu jikkonkludi dawn l-arranġamenti kontrattwali ma' dak il-BĊN tal-Eurosistema futur, inklużi l-obbligi ta' rappurtar imsemmijin f'dan l-Artikolu.

2. L-ewwel trażmissjoni ta' dejta relatata mal-karti tal-flus u/jew muniti euro kif imsemmi fil-paragrafu 1 għandha sseħħ mhux aktar tard mis-sitt jum ta' xogħol tax-xahar wara x-xahar li fih il-BĊN tal-Eurosistema futur jirċievi jew jipproduċi l-ewwel dawn il-karti tal-flus jew muniti euro.

3. Ir-rekwiżiti tal-Artikolu 2(2) u (5) għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għat-trażmissjoni ta' dejta relatata mal-karti tal-flus u muniti euro msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 6

Żamma tad-dejta ta' referenza u tal-parametri tas-sistema

1. Il-BĊE għandu jdaħħal id-dejta ta' referenza u l-parametri tas-sistema msemmijin fl-Anness IV fis-CIS 2 u għandu jżommhom.
2. Il-BĊE għandu jieħu miżuri approprijati sabiex jiżgura li dik id-dejta u l-parametri tas-sistema huma kompleti u korretti.
3. Il-BĊNi għandhom jittrażmettu lill-BĊE b'mod puntwali l-parametri tas-sistema speċifikati fit-Taqsimiet 2.1 u 2.2 tat-tabella fl-Anness IV: (i) fuq id-dħul fis-seħħ ta' din il-Linja ta' Gwida; u (ii) fuq kull bdil sussegwenti fil-parametri tas-sistema.

Artikolu 7

Kompletezza u korrettezza tat-trażmissjoni tad-dejta

1. Il-BĊNi għandhom jieħdu miżuri approprijati biex jiżguraw il-kompletezza u l-korrettezza tad-dejta meħtieġa skont din il-Linja ta' Gwida qabel jittrażmettuha lill-BĊE. Bħala minimu, għandhom jagħmlu l-kontrolli għal kompletezza stabbiliti fl-Anness V u l-kontrolli għall-korrettezza mniżżla fl-Anness VI.
2. Kull BĊN għandu juża dejta tas-CIS 2 applikabbli biex jipproduċi figuri nazzjonali ta' ħruġ nett għall karti tal-flus euro. Kull BĊN għandu mbagħad iqabbel dawn il-figuri mad-dejta ta' kontabbiltà tiegħu qabel jittrażmetti d-dejta tas-CIS 2 lill-BĊE.
3. Il-BĊE għandu jiżgura li l-kontrolli għal kompletezza u korrettezza speċifikati fl-Annessi V u VI iseħħu mis-CIS 2 qabel id-dejta tiġi mdaħħla fid-*database* ċentrali tas-CIS 2.
4. Il-BĊE għandu jivverifika r-rikonċiljazzjoni tal-BĊNi tal-figuri nazzjonali ta' ħruġ nett għal karti tal-flus euro, kif imsemmi fil-paragrafu 2 u rappurtat fis-CIS 2, mad-dejta ta' kontabbiltà rispettiva, u għandu jikkonsulta mal-BĊNi rilevanti fil-każ ta' xi diskrepanzi.
5. Jekk BĊN jidentifika inkonsistenza fid-dejta tas-CIS 2 tiegħu wara li din id-dejta tkun ġiet trażmessa lill-BĊE, dak il-BĊN għandu jibgħat id-dejta korretta lill-BĊE permezz tal-mekkaniżmu tat-trażmissjoni tas-CIS 2 mingħajr dewmien żejjed.

Artikolu 8

Aċċess għas-CIS 2

1. Wara li jirċievi talba bil-miktub u suġġett għal konklużjoni tal-arranġamenti kuntrattwali separati deskritti fil-paragrafu 2, il-BĊE għandu jagħti aċċess għas-CIS 2: (i) għal sa erba' utenti individwali għal kull BĊN, kull BĊN tal-Eurosistema futur u għall-Kummissjoni Ewropea fil-kapaċità tagħha bħala terza persuna eliġibbli; u (ii) għal utent individwali wieħed għal kull terza per-

suna eliġibbli oħra. L-aċċess mogħti lil kull utent terz eliġibbli għandu jkun limitat għal dejta relatata mal-muniti euro u għandha tingħata fl-ewwel kwart tal-2009. Il-BĊE għandu jikkunsidra b'mod raġonevoli talbiet bil-miktub għall-aċċess għas-CIS 2 għal utenti individwali addizzjonali, suġġett għad-disponnibbiltà u l-kapaċità.

2. Ir-responsabbiltà għall-immaniġjar tekniku tal-użu ta' utenti individwali għandu jkun stabbilit f'arranġamenti kuntrattwali separati: (i) bejn il-BĊE u BĊN għall-utenti individwali tiegħu u l-utenti individwali tat-terzi persuni eliġibbli fil-ġurisdiżjoni tal-Istat Membru tal-BĊN; (ii) bejn il-BĊE u BĊN tal-Eurosistema futur għall-utenti individwali tiegħu; u (iii) bejn il-BĊE u l-Kummissjoni Ewropea għall-utenti individwali tagħha. Il-BĊE jista' jinkorpora wkoll f'dawn l-arranġamenti kuntrattwali referenzi għal arranġamenti dwar immaniġjar tal-utent, standards ta' sigurtà u kundizzjonijiet għal liċenzjar applikabbli għas-CIS 2.

Artikolu 9

Notifiki awtomatiċi ta' ġrajjet ta' dejta

Il-BĊE għandu jiżgura li s-CIS 2 tibgħat, permezz tal-mekkaniżmu tat-trażmissjoni tas-CIS 2, notifiki awtomatiċi ta' ġrajjet ta' dejta lil BĊNi li jitolbu dawn in- notifiki awtomatiċi.

Artikolu 10

Trażmissjoni tad-dejta tas-CIS 2 lil BĊNi

1. Il-BĊNi li jixtiequ jirċievu u jżommu d-dejta kollha tas-CIS 2 tal-BĊNi u tal-BĊNi tal-Ewrosistema futuri fl-applikazzjonijiet lokali barra mis-CIS 2 għandhom jibagħtu lill-BĊE talba bil-miktub għal trażmissjonijiet awtomatiċi regolari ta' din id-dejta mingħand is-CIS 2.
2. Il-BĊE għandu jiżgura li s-CIS 2 tibgħat id-dejta lil BĊNi li jitolbu s-servizz imsemmi fil-paragrafu 1 permezz tal-mekkaniżmu tat-trażmissjoni tas-CIS 2.

Artikolu 11

Rwol tal-Bord Eżekuttiv

1. Il-Bord Eżekuttiv għandu jkun responsabbli għall-immaniġjar ta' kuljum tas-CIS 2.
2. Skond l-Artikolu 17.3 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Bord Eżekuttiv għandu jiġi ddelegat bil-poteri li:
 - (a) jagħmel emendi tekniċi għall-Annessi ta' din il-Linja ta' Gwida u għall-ispeċifikazzjonijiet tal-mekkaniżmu tat-trażmissjoni tas-CIS 2, wara li jqis il-veduti tal-Kumitat tal-Karti tal-Flus u tal-Kumitat għat-Teknoloġija tal-Informatika; u li

(b) jibdel id-dati għall-ewwel trażmissjoni tad-dejta skont din il-Linja ta' Gwida, fil-każ ta' deċiżjoni tal-Kunsill Governattiv li jestendi l-perijodu tranitorju applikabbli għal BĊN biex jimplimenta l-BRF, u wara li jqis il-veduti tal-Kumitat tal-Karti tal-Flus.

3. Il-Bord Eżekuttiv għandu jinnotifika l-Kunsill Governattiv b'kull emenda magħmula skont il-paragrafu 2 mingħajr dewmien żejjed u għandu jsegwi kull deċiżjoni adottata mill-Kunsill Governattiv dwar is-suġġett.

Artikolu 12

Dħul fis-seħħ

Din il-Linja ta' Gwida għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2008.

Artikolu 13

Indirizzati

Din il-Linja ta' Gwida tapplika għall-banek ċentrali kollha tal-Eurosistema.

Magħmul fi Frankfurt am Main, 11 ta' Settembru 2008.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE

Il-President tal-BĊE

Jean-Claude TRICHET

Partiti ta' dejta dwar karti tal-flus euro

PARTI 1

Skema ta' rappurtar fuq karti tal-flus euro

Partiti ta' dejta

Numru u isem tal-partita tad-dejta	Numru totali ta' karti tal-flus	Taqsimat tas-serje/varjanti	Taqsimat tad-denominazzjoni	Taqsimat tal-bank ECI ⁽¹⁾	Taqsimat "lil BĊN"	Taqsimat "mingħand BĊN"	Taqsimat "minn tip ta' stokk" ⁽²⁾	Taqsimat "għal tip ta' stokk" ⁽²⁾	Taqsimat ta' kwalità ⁽⁴⁾	Taqsimat "allokat għas-sena ta' produzzjoni" ⁽⁵⁾	Taqsimat ta' pjanar ⁽⁶⁾	Fonti tad-dejta
1. Partiti ta' dejta kumulattivi												
1.1	Karti tal-flus maħluqa											BĊN
1.2	Karti tal-flus meqruda fil-linja											
1.3	Karti tal-flus meqruda barra l-linja											
2. Partiti ta' dejta relatati mal-istokk ta' karti tal-flus												
<i>(A) Maġżula mill-Eurosistema</i>												
2.1	Stokk Strateġiku tal-Eurosistema ta' karti tal-flus ġodda											BĊN
2.2	Stokk Strateġiku tal-Eurosistema ta' karti tal-flus f'kundizzjoni tajba											
2.3	Stokks loġistiċi ta' karti tal-flus ġodda miżmuma minn BĊN											
2.4	Stokks loġistiċi ta' karti tal-flus f'kundizzjoni tajba miżmuma minn BĊN					(?)						
2.5	Stokks ta' karti tal-flus mhux f'kundizzjoni tajba (biex jiġu meqruda) miżmuma minn BĊN											
2.6	Stokks ta' karti tal-flus mhux proċessati miżmuma minn BĊN											

Partiti ta' dejta												Fonti tad-dejta
Numru u isem tal-partita tad-dejta	Numru totali ta' karti tal-flus	Taqsimat tas-serje/varjanti	Taqsimat tad-denominazzjoni	Taqsimat tal-bank ECI (1)	Taqsimat "lil BĊN"	Taqsimat "mingħand BĊN"	Taqsimat "minn tip ta' stokk" (2)	Taqsimat "għal tip ta' stokk" (3)	Taqsimat ta' kwalità (4)	Taqsimat "allokat għas-sena ta' produzzjoni" (5)	Taqsimat ta' pjanar (6)	
4. Partiti ta' dejta relatati mal-moviment ta' karti tal-flus												
4.1	Kunsinna ta' stamperija ta' produzzjoni għida lil BĊN responsabbli											BĊN responsabbli
4.2	Trasferiment ta' karti tal-flus		(7)			BĊN li jir- ċievi						BĊN responsabbli/ li jipprovdi
4.3	Riċevuta ta' karti tal-flus		(7)		BĊN res- ponsabbli/ li jipprovdi							BĊN li jir- ċievi
5. Partiti ta' dejta għal bċni futuri tal-eurosistema												
5.1	Stokks ta' valuta qabel issir legali											BĊN futur tal-Eurosis-tema
5.2	Frontloading											kontrapar- tizzjoni eliġib- bli <i>frontloa- ded</i>
5.3	Sub-frontloading											

(1) Id-dejta hija maqsuma skont kull bank ECI.

(2) Tagħrif huwa pprovdut fuq it-tip ta' stokk minn fejn il-karti tal-flus trasferiti ttieħdu mill-BĊN li pprovdihom, i.e. produzzjoni (kunsinna minn stamperija), Stokk Strateġiku tal-Eurosistema (ESS) jew stokk loġistiku (LS).

(3) Tagħrif huwa pprovdut fuq it-tip ta' stokk fejn il-karti tal-flus għew ittrasferiti lill-BĊN li rċevihom, i.e. ESS jew LS.

(4) Tagħrif huwa pprovdut fuq jekk il-karti tal-flus trasferiti kinux għodda, f'kundizzjoni tajba, mhux proċessati jew karti tal-flus mhux f'kundizzjoni tajba. Jekk karti tal-flus ta' iktar minn tip ta' kwalità waħda jiġu ttrasferiti, waqt li t-taqsimiet l-oħra huma identiċi, jiġi rrapportat moviment separat għal kull tip ta' kwalità.

(5) Tagħrif huwa pprovdut fuq is-sena kalendarja li fiha għet allokata l-produzzjoni f'att legali separat tal-BĊE dwar il-produzzjoni tal-karti tal-flus. Jekk il-karti tal-flus konsenjati jirrelataw għal atti legali separati tal-BĊE dwar il-produzzjoni ta' karti tal-flus, li kull waħda minnhom tirreferi għal sena differenti, waqt li t-taqsim l-ieħor huwa identiku, jiġu rrapportati kunsinni separati.

(6) Tagħrif huwa pprovdut fuq jekk it-trasferiment kienx skedat skont att legali separat tal-BĊE dwar il-produzzjoni tal-karti tal-flus, jew permezz ta' trasferiment mhux ipplanat.

(7) L-entitajiet indikati bħala l-fonti tad-dejta jistgħu jiddeterminaw it-taqsim permezz tas-serje u l-varjanti għal mazzi mħallta jew pakketti mħallta li jkun fihom karti tal-flus ta' serje u/jew varjanti differenti b'metodi statistiċi.

PARTI 2

Speċifikazzjonijiet ta' partiti ta' dejta dwar karti tal-flus euro

Għal kull partiti ta' dejta, BĊNi u BĊNi tal-Eurosistema futuri jirrapurtaw il-figuri f'termini ta' biċċiet bħala figuri sħaħ, irrispettivament jekk humiex pożittivi jew negattivi.

1. Partiti ta' dejta kumulattivi

Dejta kumulattiva huma figuri aggregati fuq il-perijodi ta' rappurtar kollha li jibdeu mill-ewwel kunsinna minn stamperija qabel l-introduzzjoni ta' serje, varjanti jew denominazzjoni ġdida sat-tmiem tal-perijodu ta' rappurtar

1.1	Karti tal-flus maħluqa	Karti tal-flus li ġew: (i) prodotti skont att legali separat tal-BĊE dwar il-produzzjoni ta' karti tal-flus; (ii) konsenjati lil-LS jew ESS tal-BĊNi u miżmuma mill-BĊN; u (iii) reġistrati fis-sistema ta' maniġġjar ta' flus kontanti tal-BĊN. Karti tal-flus mgħoddija jew miżmuma minn banek NHTO u banek ECI, inklużi karti tal-flus meqruda (partiti tad-dejta 1.2 u 1.3) jibq-għu parti mill-karti tal-flus maħluqa tal-BĊN
1.2	Karti tal-flus meqruda <i>on-line</i>	Karti tal-flus maħluqa li ġew meqruda f'magna li tagħżel il-karti tal-flus li għandha magna li tqatta' integrata wara l-għażla għal awtentiċità u kundizzjoni tajba, jew mill-BĊN jew f'isem il-BĊN
1.3	Karti tal-flus meqruda <i>off-line</i>	Karti tal-flus maħluqa li ġew meqruda wara l-għażla għal awtentiċità u kundizzjoni tajba b'mezzi oħra barra magna li tagħżel il-karti tal-flus li għandha magna li tqatta' integrata, jew mill-BĊN jew f'isem il-BĊN, eż. karti tal-flus mutilati jew karti tal-flus li ma ġewx aċċettati minn magna li tagħżel il-flus għal kwalunkwe raġuni. Din id-dejta teskludi kull karta tal-flus meqruda <i>on-line</i> (partita ta' dejta 1.2)

2. Partiti ta' dejta relatati mal-istokks ta' karti tal-flus

Dawn il-partiti ta' dejta, bħala dejta ta' stokk, jirreferu għall-tmiem il-perijodu ta' rappurtar

(A) Stokks miżmuma mill-Eurosistema		
2.1	Stokk Strateġiku tal-Eurosistema ta' karti tal-flus ġodda	Karti tal-flus ġodda li jagħmlu parti mill-ESS u li huma miżmuma mill-BĊN f'isem il-BĊE
2.2	Stokk Strateġiku tal-Eurosistema ta' karti tal-flus f'kundizzjoni tajba	Karti tal-flus f'kundizzjoni tajba li jagħmlu parti mill-ESS u li huma miżmuma mill-BĊN f'isem il-BĊE
2.3	Stokks loġistiċi ta' karti tal-flus ġodda miżmuma mill-BĊN	Karti tal-flus ġodda li huma parti mill-LS tal-BĊN u miżmuma mill-BĊN (fl-uffiċċju prinċipali u/jew fil-livell tal-fergħa). Din il-figura ma tinkludix karti tal-flus ġodda li huma parti mill-ESS
2.4	Stokks loġistiċi ta' karti tal-flus f'kundizzjoni tajba miżmuma mill-BĊN	Karti tal-flus f'kundizzjoni tajba li huma parti mill-LS tal-BĊN u miżmuma mill-BĊN (fl-uffiċċju prinċipali u/jew fil-livell tal-fergħa). Din il-figura ma tinkludix karti tal-flus f'kundizzjoni tajba li huma parti mill-ESS
2.5	Stokks ta' karti tal-flus mhux f'kundizzjoni tajba (biex jinqerdu) miżmuma mill-BĊN	Karti tal-flus mhux f'kundizzjoni tajba li jkollu l-BĊN, u li għadhom ma ġewx meqruda
2.6	Stokks ta' karti tal-flus mhux proċessati miżmuma mill-BĊN	Karti tal-flus li jkollu l-BĊN, u li għadhom ma ġewx awtentikati u magħżula għall-kundizzjoni mill-BĊN b'magna tal-għażla tal-karti tal-flus jew manwalment. Karti tal-flus li ġew awtentikati u magħżula għall-kundizzjoni minn banek NHTO, banek ECI jew kull istituzzjoni ta' kreditu jew kaxxiera professjonali oħra u sussegwentement ġew mogħtija lura lill-BĊN jagħmlu parti minn din il-partita ta' dejta sakemm il-BĊN jkun ipproċessa dawn il-karti tal-flus

(B) <i>Stokks miżmuma minn banek NHTO</i>		
Dawn il-partiti ta' dejta jirreferu għall-iskema NHTO li BĊN jista' jistabbilixxi fil-ġurisdizzjoni tiegħu. Dejta miġbura minn banek NHTO individwali hija rappurtata mill-BĊN aggregata għal banek NHTO kollha. Dawn l-istokks ma humiex tal-karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni		
2.7	Stokks loġistiċi ta' karti tal-flus ġodda miżmuma minn banek NHTO	Karti tal-flus ġodda trasferiti mill-BĊN miżmuma minn banek NHTO
2.8	Stokks loġistiċi ta' karti tal-flus f'kundizzjoni tajba miżmuma minn banek NHTO	Karti tal-flus f'kundizzjoni tajba jew trasferiti mill-BĊN jew ritornati miċ-ċirkolazzjoni u meqjusa bħala f'kundizzjoni tajba minn banek NHTO skont il-BRF, li huma miżmuma mill-banek NHTO
2.9	Stokks ta' karti tal-flus mhux f'kundizzjoni tajba miżmuma minn banek NHTO	Karti tal-flus meqjusa bħala mhux f'kundizzjoni tajba minn banek NHTO skont il-BRF, li huma miżmuma mill-banek NHTO
2.10	Stokks ta' karti tal-flus mhux proċessati miżmuma minn banek NHTO	Karti tal-flus li jkollhom banek NHTO, u li għadhom ma ġewx awtentikati u magħżula għall-kundizzjoni minn banek NHTO
(C) <i>Stokks miżmuma minn banek ECI</i>		
Dawn il-partiti tad-dejta jirreferu għal programm ECI. Dawn l-istokks ma humiex tal-karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni		
2.11	Stokks loġistiċi ta' karti tal-flus ġodda miżmuma minn banek ECI	Karti tal-flus ġodda trasferiti mill-BĊN miżmuma minn bank ECI
2.12	Stokks loġistiċi ta' karti tal-flus f'kundizzjoni tajba miżmuma minn banek ECI	Karti tal-flus f'kundizzjoni tajba jew trasferiti mill-BĊN jew ritornati miċ-ċirkolazzjoni u meqjusa bħala f'kundizzjoni tajba minn bank ECI skont il-BRF, li huma miżmuma minn banek ECI
2.13	Stokks ta' karti tal-flus mhux f'kundizzjoni tajba miżmuma minn banek ECI	Karti tal-flus meqjusa bħala mhux f'kundizzjoni tajba minn bank ECI skont il-BRF, li huma miżmuma minn bank ECI
2.14	Stokks ta' karti tal-flus mhux proċessati miżmuma minn banek ECI	Karti tal-flus li jkollu bank ECI, u li għadhom ma ġewx awtentikati u magħżula għall-kundizzjoni minn bank ECI
2.15	Stokks loġistiċi ta' karti tal-flus fit-tranżitu minn jew lejn banek ECI	Karti tal-flus pprovduti minn BĊN lil bank ECI (jew impriża ta' flus konstanti fit-tranżitu (CIT) li tidher f'isem bank ECI) li fi tmiem il-perijodu ta' rappurtar għadhom fit-tranżitu lejn il-bini tal-bank ECI, u kull karti tal-flus li jridu jirċievu BĊN mingħand bank ECI (jew minn impriża CIT li tidher f'isem bank ECI) li fi tmiem il-perijodu ta' rappurtar għadhom fit-tranżitu, i.e. li telqu mill-bini tal-bank ECI imma għadhom ma waslux fil-BĊN
(D) <i>Partiti ta' dejta kontrollati bir-reqqa</i>		
2.16	Stokk Strateġiku tal-Eurosistema ta' karti tal-flus immarkati għal trasferiment	Karti tal-flus ġodda u f'kundizzjoni tajba tal-ESS miżmuma mill-BĊN li huma riżervati għal trasferiment skont att legali separat tal-BĊE dwar il-produzzjoni ta' karti tal-flus u l-immaniġġjar ta' stokks tal-karti tal-flus. Il-BĊN jista' jittrasferixxi l-karti tal-flus lill-LS jew ESS ta' wieħed jew aktar BĊNi, jew lill-LS tagħha stess. Sakemm il-karti tal-flus jiġu ttrasferiti fiżikament, huma jagħmlu parti mill-ESS ġdid jew f'kundizzjoni tajba tal-BĊN (partita ta' dejta 2.1 jew 2.2)
2.17	Stokks loġistiċi mmarkati għal trasferiment	Karti tal-flus ġodda u f'kundizzjoni tajba tal-LS miżmuma mill-BĊN li huma riżervati għal trasferiment skont att legali separat tal-BĊE dwar il-produzzjoni ta' karti tal-flus u l-immaniġġjar ta' stokks tal-karti tal-flus. Il-BĊN jista' jittrasferixxi l-karti tal-flus lill-LS jew ESS ta' wieħed jew aktar BĊNi, jew lill-ESS miżmuma mill-BĊN. Sakemm il-karti tal-flus jiġu ttrasferiti fiżikament, huma jagħmlu parti mill-LS ġdid jew f'kundizzjoni tajba tal-BĊN (partita ta' dejta 2.3 jew 2.4)

2.18	Stokk Strateġiku tal-Eurosistema mmarkat biex jiġi riċevut	Karti tal-flus ġodda u f'kundizzjoni tajba li jridu jiġu ttrasferiti lill-ESS miżmuma mill-BĊN (bħala BĊN li jirċievi) minn wieħed jew aktar BĊNi, stamperija jew mill-LS stess tal-BĊN skont att legali separat tal-BĊE dwar il-produzzjoni ta' karti tal-flus u l-immaniġġjar ta' stokks tal-karti tal-flus
2.19	Stokks loġistiċi mmarkati biex jiġu riċevuti	Karti tal-flus ġodda u f'kundizzjoni tajba li jridu jiġu ttrasferiti lill-LS tal-BĊN (bħala BĊN li jirċievi) minn wieħed jew aktar BĊNi, stamperija jew mill-ESS miżmuma mill-BĊN skont att legali separat tal-BĊE dwar il-produzzjoni ta' karti tal-flus u l-immaniġġjar ta' stokks tal-karti tal-flus

3. Partiti ta' dejta relatati ma' attivitajiet operazzjonali

Dawn il-partiti ta' dejta, bħala dejta ta' flussi, ikopru l-perijodu kollu tar-rappurtar

(A) Attivitajiet operazzjonali ta' BĊNi		
3.1	Karti tal-flus maħruġa minn BĊN	Karti tal-flus ġodda u f'kundizzjoni tajba rtirati minn terzi persuni fil-bank ta' BĊN irrispettivament jekk il-karti tal-flus irtirati ġewx debitati mill-kont ta' klijent jew le. Din il-partita ta' dejta teskludi trasferimenti lil banek NHTO (partita ta' dejta 3.2) u banek ECI (partita ta' dejta 3.3)
3.2	Karti tal-flus trasferiti minn BĊN għal banek NHTO	Karti tal-flus ġodda u f'kundizzjoni tajba li l-BĊN trasferixxa lil banek NHTO
3.3	Karti tal-flus trasferiti minn BĊN għal banek ECI	Karti tal-flus ġodda u f'kundizzjoni tajba li l-BĊN trasferixxa lil banek ECI
